**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 210 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Stacey Attard)**

**-vs-**

**John Mifsud**

**Ommisses**

Illum, 23 ta' Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 140675 M, u Ommisses, detentriċi tal-Karta tal-Identita` bin-numru xxxx, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fit-22 ta' Novembru, 2018, ghall-habta ta' bejn 14:30hrs u 15:30hrs minn gewwa remissa li tinsab fi Triq l-Istalel gewwa Marsa, flimkien ma persuni ohra ikkommettew serq ta' bagalja kontenenti 4,000 Euro u hwejjeg ohra ghad-dannu ta' Lamin Jammeh u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bilvjolenza, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (€2,329.37) u bil-lok:

**Lil John Mifsud wahdu nakkuzawh ukoll talli:**

1. Talli fit-22 ta' Novembru, 2018, ghal habta ta' bejn 14:30hrs u 15:30hrs fil-Marsa u fi nhawi ohra f' dawn il-gzejjer, ikkaguna jew x' aktarx ikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gab difett permanenti f' parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh fuq ilpersuna ta Lamin Jammeh;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Volkswagen binnumru tar-registrazzjoni BEE 008 b' manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

3. Rrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 talLigijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

4. Fit-22 ta' Novembru, 2018, u fil-granet ta' wara din id-data f' dawn il-Gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., fid-digriet taghha tal-31 ta' Awwissu, 2018, hekk kif emendat mill-Qorti Kriminali, Imhallef Consuelo Scerri Herrera nhar il-11 ta' Novembru, 2018, li bih taw il-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta' 8,000 ewro.

**Fil-konfront ta' John Mifsud u Ommisses:**

- Fl-artikolu 17, 31, 383 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(a)(c)(e), 262(1)(a)(b) u 267 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 talLigijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 274 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;[1]

**Fil-konfront ta' John Mifsud wahdu:**

- Fl-Artikolu 218(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 358-359

- Fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta:
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' John Mifsud:**

Filwaqt li lliberat lill-imputat Mifsud mir-raba imputazzjoni moghtija lilu wahdu (no.4.), wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 216 (1) (d), 261 (a) (c) (e), 262 (1) (a) (b), 267, 269 (g), 274 (b), 276, 277 (a), 279 (a), 280 (2) u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15 (1) (a) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat John Mifsud hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u cioe` ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu w kontra Chalbi, kif ukoll limputazzjonijiet migjuba kontra tieghu wahdu (1.-3.), izda fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni addebitata lilu wahdu (1.) sabet htija biss in kwantu ta' offiza ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali, u ikkundannatu ghaxar (10) snin prigunerija.

Finalment b' applikazzjoni ta' l-artikolu 15 (2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal zmien ghaxar (10) snin. Is-sospensjoni mis-sewqan bdiet ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

**Fil-konfront taz-zewg imputati John Mifsud u Ommisses:**

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hatja jhallsu l-ammont ta' €304.03 rapprezentanti terz tal-ispejjez peritali.[2]

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 15 A tal-Kodici Kriminali bhala kumpens ghal dak it-telf li soffra Lamin Jammeh, vittma ta' serq bi vjolenza, kif ukoll ghall-offiza gravi

[2] F' din il-komputazzjoni huma eskluzi l-ispejjez ta' Dr Lennox Grima

kawzata mill-imputat Mifsud, ordnat lil John Mifsud jikkumpensa lil Lamin Jammeh fl-ammont ta' tmient elef ewro €8,000.

A tenur tal-istess artikolu, in vista tal-fatt li kienet ko-awtur fis-serq bi vjolenza ghad-detriment ta' Lamin Jammeh, Ommisses giet ordnata tikkumpensa lil Lamin Jammeh fl-ammont ta' €2,000.

Din l-ordni ghandha l-istess forza w effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bhal li kieku nghatat f' kawza civili bejn l-imputati w il-parte leza.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, poggiet lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex dawn ikomplu jindirizzaw bis-shih l-vizzju tad-droga.

Finalment ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali ordnat l-konfiska tal-vettura Volkswagen Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE-008.

Rat ir-rikors tal-appellanti John Mifsud minnu pprezentat fit-23 t' Ottubru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u **tvarja u tibdel** is-sentenza appellata, b' dan li:

(a) filwaqt li tikkonfermaha f' dik il-parti tas-sentenza fejn huwa gie illiberat mir-raba' imputazzjoni moghtija lilu wahdu li tikkoncerna l-ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu f' digriet tal-helsien mill-arrest;

(b) tirrevokaha f' dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hati tal-imputazzjonjiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu, u cioè ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu w ommisses, kif ukoll l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu wahdu (1.-3.), u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u tilliberah minnhom; u

(c) subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija ta' xi wahda jew iktar imputazzjonijiet, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi preliminarjament, ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb, u sabiex jigi evitat kwalsiasi malintiz l-appellanti ma huwiex qed jintavola l-ebda appell minn dik il-parti fis-sentenza fejn huwa gie illiberat mir-raba' imputazzjoni moghtija lilu wahdu li tikkoncerna l-ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu f' digriet tal-helsien mill-arrest. Infatti huwa ser ikun qieghed jitlob riforma tas-sentenza appellata, fejn filwaqt illi ser jitlob konferma ta' dik il-parti fis-sentenza fejn l-appellanti gie misjub hati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tieghu wahdu, ser ikun però qieghed jitlob ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellanti nstab hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Illi maghmula din l-osservanza preliminari, l-appellanti sejjer jaqsam l-aggravji tieghu f' dan l-appell billi, fl-ewwel lok, juri kif tezisti irregolarità serja rigward l-fatt li l-Magistrat Inkwerenti li naqas milli jattendi ghall-access. Illi dan il-fatt jifta dubji sejri dwar x' gie u ma giex osservat u/jew elevat waqt l-access, kif ukoll dwar dak kollu li ghandu x' jaqsam mal-access in kwantu l-istess access sar b' nuqqas ta' osservanza tal-ligi.

Fit-tieni lok, l-esponenti sejjer juri kif fl-umili fehma tieghu hemm irregolaritajiet serji rigwardanti l-filmat tac-CCTV footage u l-istills li inhargu mill-istess liema, irregolaritajiet jimmilitaw favur li tali CCTV u l-konsegwenti stills huma inammissibli u ma jistghux jintuzaw kontra l-esponenti sabiex tigi determinata l-htija.

Fit-tielet lok, l-esponenti sejjer jaghmel ukoll sottomissjonijiet sabiex jirrileva bir-rispett kif l-allegati griehi gravi ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali ma gewx pruvati kif trid il-ligi.

Fir-raba' lok, l-esponenti umilment sejjer jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri sabiex juri kif huwa ma ghandux jinstab hati tal-imputazzjonijiet li instab hati taghhom.

U fil-hames u l-ahhar lok, u strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji supra l-esponenti sejjer jaghmel sottomissjonijiet dwar il-piena, u juri kif bir-rispett il-piena ta' imposta ta' 10 snin prigunerija hija wahda eccessiva ghall-ahhar tenut kont certu konsiderazzjonijiet li ser jitressqu taht l-istess taqsima.

1. **<u>IN-NUQQAS TAL-MAGISTRAT INKWERENTI LI JATTENDI GHALL-ACCESS U NUQQASIJIET OHRA RELATATI</u>**

Ma ghandux ikun kontestat illi r-rapport li dahal ghand il-pulizija nhar it-22 ta' Novembru 2018 u l-allegazzjonijiet tal-parte civile *a tempo vergine*, kienu jitrattaw allegazzjoni ta' serq aggravat bil-vjolenza, sia numerika minhabba li min irraporta qal li l-individwi involuti kienu tlieta minn nies, kif ukoll minhabba griehi fuq il-persuna tal-vittma, tant li l-parte civile dakinhar stess tal-incident telaq minn fuq il-post b' ambulanza u gie certifikat li kien qed isofri minn griehi hfief. Lanqas ma ghandu jkun ikkontestat li, strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu, eventwalment l-akkuzi mertu tal-proceduri jitrattaw l-imputazzjonijiet ta' serq aggravat bil-vjolenza, apparti l-aggravji tal-lok u l-valur.

Illi konsegwentament, tenut kont tar-reat in kwistjoni, fil-kaz odjern huwa applikabblil-l-artikolu 546(3) tal-Kodici Kriminali li jiddetta li:

> *"Meta r-reat li għandu jiġi investigat ikun serq, li ma jkunx serq bi vjolenza kontra l-persuna, il-Maġistrat jista' minflok li jagħmel aċċess fuq il-post, jordna lil uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' spettur biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti, u l-uffiċjal hekk maħtur u kull fotografu jew espert ieħor li jkunu qed jgħinuh għandhom jixhdu fl-inkjesta fuq il-fatti investigati u stabbiliti minnhom u għandhom jipproduċu r-ritratti kollha li jkunu ttieħdu ul-oġġetti jew id-dokumenti l-oħra kollha li jkunu rilevanti għall-investigazzjoni tagħhom."*

Illi minn dan l-artikolu ghandu jsegwi b' mod car li f' kaz li r-rapport ikun dwar serq aggravat bi vjolenza, il-Magistrat tal-inkjesta ma jistax jaqbad u jiddelega li l-access isir minn spettur, u dan tal-ahhar jistabbillixi l-fatti relevanti hu. Minflok, a bazi ta' dan l-artikolu, il-magistrat tal-inkjesta ghandu l-obbligu li jzomm access fuq il-post hu

u li jistabbilixxi l-fatti rilevanti hu stess, meghjun minn esperti jekk ikun il-bzonn (u mhux iqabbad spettur biex jaghmel l-access minfloku).
Illi madanakollu, fil-kaz odjern, mill-atti tal-inkjesta, senjatament a folio 162 tal-process jirrizulta b' mod car li ghalkemm ir-reat li kien qed jigi investigat kien propju wiehed ta' serq bi vjolenza kontra l-persuna, l-artikolu 546(3) supra citat ma giex osservat. Il-Magistrat tal-inkjesta infatti ma ghamilx l-access huwa fuq il-post izda qabad u innomina lill-ispettur Stacy Attard sabiex izzomm access hi stess u tistabbilixxi l-fatti rilevanti hi, filwaqt li innomina xi esperti sabiex jassistu lill-ispettur waqt l-access, inkluz lil Keith Cutajar li gie nominat bhala "*espert tekniku*".

Illi kaz identiku ghall-kaz odjern kien dak ricenti tal-***Pulizija vs Ommissis***, deciz fil-21 ta' Jannar 2010 (Appell Nru. 366/2009) fejn tqajjem aggravju dwar l-artikolu 546(3) u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali iddikjarat:

> *"Dan is-subartikolu hu intiz biex jillimita l-poteri tal-Magistrat Inkwirenti milli jiddelega ufficjal tal-Pulizija biex izomm l-access biex jistabilixxi l-fatti rilevanti.*[3] *L-appellant ghandu ragun li l-Magistrat Inkwirenti f' dan l-kaz – trattandosi ta' serq bi vjolenza kontra l-persuna - ma setax minnflok jaghmel access fuq il-post, jordna lill-Ufficjal tal- Pulizija mhux taht il-grad ta' spettur biex jistabilixxi l-fatti rilevanti, kif ghamel meta nnomina lill-istess Spettur tal- Pulizija Carlo Ellul sabiex izomm access minnufih u jistabilixxi l-fatti rilevanti w jirrelata bil-miktub.*
> *Peress li dan ma setax isir, kien skorrett ukoll il-Magistrat Inkwirenti meta innomina:- "biex jassisti lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-access, lil Dr. Strefano Filletti bhala espert tekniku sabiex jaghmel stima ta' l-oggetti jew hsarat in kwistjoni u sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xhieda [recte; "xhieda"] taghhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti." (emfasi ta' din il-Qorti)*
> *U ghalkemm kieku l-Magistrat Inkwirenti zamm l-access hu stess, kif suppost ghamel, ma jidhirx li kien ikun skorrett legalment meta innomina perit tekniku biex wara li jisma' x-xhieda jaghmel stima tal-oggetti u tad-danni, mhux hekk sar u Dr. Filletti gie nominat biex jassisti lill- Ispettur. Di piu' , fir-relazzjoni tieghu, Dr. Flletti ma ghamilx tali stima izda llimita ruhu ghall-kostazzjonijiet ta' fatt li hu stabbilixxa. Ghalhekk l-*

[3] Sottolinear tal-esponenti.

*appellant ghandu ragun meta jilmenta minn din l-irregolarita' fil-gbir tax-xhieda fl-inkjesta."*

Illi fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell, l-appellanti umilment jissottometti illi dak li sehh waqt l-access sehh b' mod irregolari u mhux konfortat mill-ligi, kwindi kwalsiasi rizultanzi li setghu inhargu in segwitu ghall-premess ghandhom necessarjament jigu dikjarati inammissibli.

Illi in oltre, u strettament minghajr pregudizzju ghall-argument supra, fil-kaz mertu ta' dan l-appell, is-sitwazzjoni kompliet taggrava ruhha, in kwantu anke jekk wiehed jara r-rapport kongunt ta' PS586 Mario Azzopardi u WPS 293 Michelle Camilleri[4], (l-esperti tas-SOCO li gew nominati sabiex jassistu lill-ispettur Stacy Attard waqt l-access), meta dawn l-esperti ghamlu xogholhom, huma ma ghamlux dan in linea man-nomina, fil-prezenza ta u/jew waqt li kienu qed jassistu lill-istess spettur. Dan qed jinghad ghaliex kif jirrizulta mill-istess rapport, a folio 245 tal-process, jidher car li meta ghamlu l-access kien hemm prezenti surgent iehor u s-Supretendent Hearsey, mhux l-ispettur Attard.

Kwindi, strettament minghajr pregudizzju dwar il-fatt illi l-Magistrat tal-Inkjesta ma kellux jinnonima lill-ispettur Stacy Attard biex taghmel l-access hi minfloku, jirrizulta wkoll illi lanqas l-istess ordnijiet tal-Magistrat tal-inkjesta (ghalkemm monki) ma gew osservati, b' dan li x-xoghol li ghamlu dawn l-esperti tas-SOCO ma huwiex in linea mal-ebda nomina tal-Qorti.

L-istess jinghad ukoll dwar l-access li ghamel Keith Cutajar meta eleva l-filmati. Jidher li meta Keith Cutajar mar fuq il-post huwa mar l-ghada tal-incident, i.e. fit-23 ta' Novembru 2018, u di più huwa ma marx akkumpanjat mill-ispettur Stacy Attard li (ghalkemm bi ksur tal-artikolu 546(3) tal-Kodici Kriminali) kienet hi li kienet giet nominata biex taghmel l-access, u skond l-istess digriet l-esperti nominati kienu nominati propju biex jassistu lilha fl-access. Dan jirrizulta ampjament minn folio 169 tal-atti processwali, fejn hemm imnizzel testwalment:

---

[4] Folio 243 tal-process.

*'[K]ien nhar it-23 ta' Novembru 2018 meta s-sur Cutajar, wara li gie infurmat bid-dettalji minghand l-ispetturi, ghamel access fuq il-post sabiex jinhargu l-filmati mill-istabbilimenti fil-vicinanzi li kellhom xi filmati tas-sigurtà."*

*L-entitajiet hawn msemmija kollha ikkollaboraw mal-espert u provdew il-filmati relevanti. Ir-residenzi huma:*

- *Chicken Farmhouse, Sqaq l-Istalel, Marsa*

*Id-data u l-ħin li ġiet mitluba mingħand dawn ir-residenzi kienu dawk ta':*

- *Data: 22 ta' Novembru 2018*
- *Ħin: 14:00-16:30'*

*Ghalhekk jirrizulta li l-filmati ttiehdu mir-residenza u cioe' Chicken Farmhouse, Sqaq l-Istalel, Marsa. Ghalhekk ma hemmx dubju dwar ic-chain of evidence anke jekk meta tela s-sid tal-cameras u cioe' Martin Grech huwa gie mistoqsi dwar ritratti li jidhru a fol 141 meta f'dan il-process ma hemm l-ebda ritratti a fol 141.In oltre' mill-Current Incident Report, senjatament a fol 46 u 47 tnizzel li'Divisional Police on site noted CCTV Cameras on the incident area, and spoke with the owner of same cameras a certain Martin Grech MOB 79711557, where same CCTV cameras where checked and the vehicle and the vehicle used by the suspects was identified as a VW Beetle coloured light blue with registration number BEE008.'*

*Ghalhekk ma hemmx dubju li Martin Grech xehed dwar filmati li ttiehdu mis-sistema tas-CCTV footage tieghu u li in oltre' mir-rapport tal-espert Keith Cutajar ghalkemm jirrizulta li l-espert ma ssemmiex l-isem ta' Martin Grech, tnizzel l-indirizz fejn kien hemm ic-CCTV cameras. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud. '*

Konsegwentament, filwaqt li n-nomina ta' dan l-espert Keith Cutajar kienet bi ksur tal-artikolu 546(3) ghaliex huwa kellu se mai jigi nominat biex jassisti lill-Magistrat tal-Inkjesta fl-access, u mhux jigi nominat sabiex jassisti lill-ispettur waqt l-access, strettament minghajr pregudizzju dwar il-premess, anke l-istess nomina ghalkemm skorretta u illegali lanqas ma giet osservata, ghax jidher car mir-rapport li Keith Cutajar mar jaghmel access wahdu fuq il-post sabiex jinhargu l-filmati mill-istabbilimenti fil-vicinanzi u ma marx flimkien mal-ispettur jassisti lilha.

Kwindi b' kull rispett filwaqt li x-xoghol tal-esperti li sar kif deskritt sar bi ksur tal-artikolu 546(3) tal-Kodici Kriminali, u dan minnu innifsu ghandu jwassal biex ir-rapport jigi skartat, anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss wiehed ikollu jinjora n-nuqqas ta' osservanza tal-artikolu 546(3) tal-Kodici Kriminali, *in ogni caso*, xorta wahda x-xoghol tal-espert Keith Cutajar ma huwiex ammissibli minhabba li sar ukoll bi ksur tal-istess digriet (monk) tal-Magistrat tal-Inkjesta. Dan ifisser li filwaqt li n-nomina hija proceduralment skorretta, r-rapport tal-espert Cutajar ma ghandux komfort legali ghax mhux skond in-nomina.

## 2. IC-CCTV LI ALLEGATAMENT GIET ELEVATA MINN FUQ IL-POST TAL-AKKADUT

### 2.1. Inammissibilita tar-rapport ta' PC965 Maverick Camilleri

Ma ghandux ikun kontestat li biex jigi elevat filmat CCTV, isir process ta' estrazzjoni u jinhargu stills releventi, hemm bzonn ta' hila u sengha specjali.

Konsegwentament, fid-dawl anke ta' dak li jiddetta l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali, li jistipola li "*fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja*", biex isir il-premess b' rabta mac-CCTV kellu necessarjament jigi nominat espert.

Illi konsegwentament, l-appellanti umilment jissottometti illi r-rapport li rrediega PC965 Maverick Camilleri dwar l-istills mahruga mic-CCTV u t-*timeline* relattiva, u dettalji dwar l-*offset* tar-*recording* etc.[5], kif ukoll il-partijiet kollha fit-testimonjanza tieghu dwar il-premess[6] huma inammissibli, u l-Ewwel Qorti ma setghetx legalment tistieh fuqhom biex tigi determinata l-htija.

Illi dan qed jinghad minhabba li minn imkien ma jirrizulta mill-process li PC965 Maverick Camilleri gie nominat mill-Qorti sabiex jaghmel tali ezercizzju dwar ic-CCTV, liema ezercizzju jirrekjedi necessarjament hila u setgha specjali.

---

[5] DOK MC, Folio 103 et seq tal-process.

[6] Folio 99 sa 102 tal-process.

Illi apparti minn hekk, dan l-istess rapport li ghamel PC965, *in ogni caso* ma huwiex komplet u huwa nieqes mill-kontinwità tal-provi minhabba li filwaqt li PC965 ipprezenta l-*stills*, l-*footage* li minnu allegatament inhargu l-*istills* ma kienx prezentat. Dan fl-umili fehma tal-appellanti huwa nuqqas serju li jimmina serjament l-principji tal-awtenticità tal-evidenza, tac-*chain of evidence* u kontinwità.

Dan il-fatt kien fattur importanti ghall-Ewwel Qorti meta xehed PC965, tant li l-istess Qorti saqsiet *di sua sponte* lix-xhud:
"*Issa dan il-footage fejn hu?"*
U xhin ix-xhud irrisponda lill-Qorti li "*suppost ghandu jigi esebit*", il-Qorti gustament osservat li:
"*Ghax qed jixhed fuq xi haga u rrid nara l-awtenticita"*[7]

Illi jirrizulta mill-atti li, ghalkemm x-xhud irrisponda li l-*footage* kellu jigi esebit, bil-prosekuzzjoni tintervjeni u tghid "*Ghandu jigi l-ispettur*", madanakollu, tali *footage* qatt ma gie esebit mill-ispettur.

Dan huwa punt iehor kardinali li jimmilita favur li r-rapport ta' PC965 u t-testimonjanza tieghu dwar l-istess tigi skartata, anke minhabba l-fatt li fit-testimonjanza ta' PC965 hemm dubji serji dwar kif dan il-*footage* u/jew l-*istills* gew fil-pussess tieghu fl-ewwel lok. Infatti l-atti processwali huma sajma ghal kollox dwar il-premess, u dan ikompli jimmina serjament tali rapport ta' PC965.

Konsegwentament, kienet bir-rispett skorretta l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha meta striehet fuq ir-rapport DOK MC[8] u t-*timeline* relattiva, liema *timeline* l-Ewwel Qorti tant zammet fuqha li fahhritha bhala akkurata u studjata. B' kull dovut rispett, però, fid-dawl tas-sottomissjonijiet supra, l-Ewwel Qorti ma setghetx tistrieh fuq tali *timeline* biex issib htija, u minflok kellu jigi dikjarat inammissibli sia minhabba li:

a) It-timeline gie redatt minn persuna b' hila u sengha specjali liema persuna ma kellhiex nomina mill-Qorti biex tagixxi bhala tali;

[7] Folio 100 tal-process.
[8] Folio 103 tal-process et seq.

b) kif ukoll minnhabba li, strettament minghajr pregudizzju dwar l-premess, l-awtenticità u l-kontinwita tal-istills mahruga (liema awtenticità u kontinwita kienet l-Ewwel Qorti stess li talbithom) ma gewx sussegwentament pruvati skond il-ligi minhabba li ma giex esebit il-*footage* minghand l-ispettur.

**2.2. In-nomina ta' Keith Cutajar u r-rapport tieghu dwar ic-CCTV**

Illi a skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti umilment jirrileva li kif digà gie sottolineat fil-paragrafi precedenti, l-elevar, l-estrazzjoni u l-istills mahruga mic-CCTV footage jirrikjedu hila u sengha specjali u kwindi kellha tigi ordnata perizja mill-Magistrati ai termini tal-artikolu 650(1) tal-Kodici Kriminali.

In oltre, ai termini tal-artikolu 650(2) tal-Kodici Kriminali, tali perit/espert irid jkun nominat mill-Qorti u mhux ex parte, u dan taht piena ta' nullità.[9]

Isegwi ghalhekk illi jekk rapport li kien jirrikjedi hila u setgha specjali biex jigi redatt ma huwiex kopert b' nomina tal-Qorti ad hoc, tali rapport huwa wiehed inammissibli inkwantu ma jirrispettax id-disposizzjonijiet tal-ligi procedurali relattivi.

Illi kif jidher minn folio 162 tal-process l-Magistrat tal-inkjesta innomina *"sabiex jassistu lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-access lil:*

1. *Dr. Mario Scerri bhala espert medikolegali*
2. *Dr. Marisa Cassar bhala espert tekniku*
3. *Keith Cutajar bhala espert tekniku*
4. *WPS 293 bhala Scene of the Crime Officer*
5. *PS586 bhala Scene of the Crime Officer."*

Illi jidher minn tali nomina illi Keith Cutajar gie nominat bhala "espert tekniku" minghajr ebda dettalji ulterjuri dwar in-nomina tieghu. In oltre, l-istess nomina, kif digà gie accennat iktar il-fuq kienet marbuta mal-ghajnuna li seta' jaghti lill-ispettur waqt l-access, meta tenut kont ic-cirkostanzi tar-rapport, l-ispettur ma kellhiex taghmel l-access hi, izda l-access kellu jsir mill-Magistrat tal-Inkjesta. Dan minnu innifsu wkoll huwa rregolari in kwantu se mai kellu jigi nominat biex jassisti lill-

Magistrat tal-Inkjesta fl-access li kellu l-Magistrat mhux fl-access li erronjament giet nominata biex taghmel l-ispettur.

Illi iktar gravi minn hekk, u strettament minghajr pregudizzju ghall-argumenti precedenti, l-appellanti umilment jissottometti illi l-kliem "espert tekniku", f' din in-nomina ma humiex bizzejjed biex tkopri x-xoghol ta' espert li ghamel Keith Cutajar. Kwindi ghandu jsewgi li r-rapport tieghu ma kien kopert bl-ebda nomina tal-qorti kif rikjest mill-ligi, u konsegwentament, dikjarat inammissibli.

Illi huwa minnu li a folio 166 tal-process Keith Cutajar iddikjara fir-rapport tieghu li fit-22 ta' Novembru 2018 huwa gie inkarigat mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia sabiex:

1) *"Neleva l-filmati kollha rilevanti minn CCTV' s*
2) *nipprezenta u nezamina l-istess filmati u johrog stills minnhom*
3) *nirrelata bil-miktub lil din l-Onorabbli Qorti."*

Madanakollu, b' kull dovut rispett lejn l-espert, minn ezami akkurat tan-nomina inserita fl-atti tal-inkjesta ghandu jirrizulta li ma tezisti l-ebda nomina kif elenkata mill-espert innifsu, u m'huwiex minnu li huwa gie nominat sabiex jaghmel it-tlett affarijiet elenkati.

Illi l-uzu tal-kliem "*espert tekniku*" zgur ma jistax ifisser li b' xi mod Keith Cutajar gie nominat biex jaghmel it-tlett affarijiet indikati minn Cutajar stess a folio 166 tal-process, u dawn it-tlett oggetti zgur ma jistghux jigu prezunti, specjalment meta qeghdin fil-kamp penali.

Anzi, filwaqt li l-appellanti jirrileva li nomina bhala "espert tekniku" ma jfissirx hekk, propju ghaliex ma hemmx miktub hekk, nomina bhala "espert tekniku" *sic et simpliciter* hija wahda irregolari u pregudizzjali wkoll ghad-difiza li ma tafx x' inhuma l-parametri tal-poteri li tat il-Qorti lil tali espert. Espert tekniku seta' jfisser li kien imqabbad biex jaghmel pjanta tal-post, jew jivverifika jekk kienx hemm sgass jew le. Seta' wkoll jigi imqabbad biex jaghmel ezamijiet fuq il-vettura li intuzat biex il-persuni involuti telqu minn fuq il-post, jew inkella imqabbad biex jaghmel osservazzjonijiet ohra bhal x' kien il-valur li insteraq.

B' kull rispett, meta ghandek ligi *ad hoc* li tirrikjedi li "*fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja*"[10], ma huwiex bizzejjed li l-Magistrat tal-Inkjesta jinnomina persuna bhala espert tekniku, izda l-Magistrat li jaghmel in-nonima ghandu necessarjament jispecifika x' inhi l-haga li tirrikjedi hila u sengha specjali biex tigi hekk ezaminata, u x' hemm bzonn li jigi ezaminat minnha. F' certu sitwazzjonijiet anke oggett wiehed ikun jista' jigi ezaminat minn diversi esperti differenti, ezempju, espert tal-fingerprints u espert tal-ballistika per ezempju – multo magis allura ghandu jkun hemm fin-nomina almenu deskrizzjoni tal-oggett li jrid jigi ezaminat mill-espert.

L-oggett tal-perizja li jrid jigi ezaminat skond in-nomina, i.e. il-haga li hemm bzonn tigi ezaminata u li tirrikjedi hila u sengha specjali biex tigi hekk ezaminata, jrid necessarjament jigi indikat u indikat b' mod car fl-istess nomina tal-espert. Mhux jithalla ghal dak li jkun li jipprova jaqta' x' setghet tfisser u ghalxhiex setghet kienet qed tirreferi tali nomina.

Una volta li l-ligi stess tistipola li f' certu istanzi irid jinhatar espert, u tistipola wkoll illi tali espert irid jinhatar mill-Qorti, dan necessarjament ifisser li allura n-nomina trid tkun wkoll wahda cara u inekwikova. Dan kollu sabiex b' hekk mhux biss il-partijiet kollha ikunu jafu il-parametri tal-perizja, izda wkoll sabiex jigi zgurat li kwalsiasi rizultanzi u konkluzzjonijiet milhuqa minn tali espert ikunu entro n-nomina tal-Qorti (la kull perizja trid tkun koperta b' nomina tal-Qorti).

Illi fil-kaz in kwistjoni fejn individwu gie nominat sempliciment bhala "*espert tekniku*", l-oggett li kellu jifforma s-suggett tal-perizja huwa totalment nieqes. Infatti minghajr ma b' xi mod jipprova jonqos mir-rispett, il-kliem "*espert tekniku*" fin-nomina *de quo* ma jfisser xejn izjed minn "perit" li hija l-kelma uzata mill-legislatur fil-Kodici Kriminali minflok il-kelma espert.

---

[10] Artikolu 650 tal-Kodici Kriminali.

Hawn non si tratta ta' nomina ta' espert bhala *Scene of the Crime Officer*, fejn allura d-definizzjoni ta' *Scene of the Crime Officer* minnha innifisha taghti l-parametri tan-nomina, u tiggwida lil partijiet dwar x' kien mistenni minn tali espert. Lanqas ma si tratta ta' nomina bhala espert medikolegali li allura timplika u tinkludi li tali espert jezamina lil dak lil jkun mill-lat mediku fid-dawl ta' dak li tiddetta l-ligi.

Kwindi ghandu jsegwi, illi una volta illi l-magistrati tal-inkjesta ma specifikax fin-nomina tal-espert tekniku x' inhu l-oggett li kellu jigi ezaminat u li kellu bzonn jigi hekk ezaminat minn persuna esperta fil-qasam, ir-rapport ta' Cutajar ma ghandu l-ebda valur probatorju ghax kwalsiasi xoghol li ghamel Cutajar ma kienx kopert b' nomina relattiva ghall-istess.

Fid-dawl tal-premess, una volta li x-xoghol li sar minn Keith Cutajar kien necessarjament jirrikjedi hila u sengha specjali, u ghalhekk kien jirrikjedi ukoll nomina mill-Qorti[11], una volta li ghal ragunijiet su elenkati, tali xoghol ma kienx kopert bl-ebda nomina mill-Qorti, tali evidenza kellha tigi necesarjament dikjarata inammissibli, u x-xoghol tieghu qatt ma seta' jigi meqjus mill-Ewwel Qorti sabiex tigi determinata l-htija.

### 2.3. Ic-CCTV footage ma kienx esebit mal-vera kopja tal-procès-verbal

Ghandu jirrizulta ampjament konfermat mill-atti processwali li Keith Cutajar ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni u/jew tal-provi tad-difiza[12]. Keith Cutajar jidher li esebixxa r-rapport tieghu quddiem il-Magistrat tal-Inkjesta biss.

Eventwalment skond il-verbal tal-20 ta' Marzu 2019, fuq talba tal-prosekuzzjoni, l-Qorti awtorizzat illi *"kopja awtentika tal-process verbal esebit illum fil-kawza Pul vs Noel Borg li ghandha ssir mir-Registratur tigi inserita f' dawn l-atti."*[13]

[11] Artikolu 650(2): "Il-periti jiġu magħżulin mill-qorti"

[12] Huwa xehed biss dakinhar li inghatat s-sentenza mill-Ewwel Qorti, u dan il-punt ser jigi trattat iktar il-quddiem.

[13] Folio 152 tal-process.

Kopja ta' dan il-procès-verbal tinsab inserita a folio 154 et seq tal-process immarkata bhala DOK DZ.

Jirrizulta madanakollu, illi ghalkemm kien hemm ordni biex issir kopja awtentika tal-process esebit fil-proceduri kontra Noel Borg u tigi inserita fl-atti processwali kontra l-appellanti u Leanne Chalbi, c-CCTV footage li allegatament kien hemm inserit fil-procès-verbal ' originali' esebit fil-kawza Pul vs Noel Borg ma giex esebit f' din il-kopja.

Infatti a folio 211 hemm fotokopja biss ta' CD u notament *"for original CD' s vide fol 180 Pul vs Noel Borg".*

Jigi rilevat però li l-atti processwali fl-ismijiet il-Pulizija vs Noel Borg qatt ma kienu jifformaw parti mill-atti processwali kontra John Mifsud u Leanne Chalbi mertu ta' dan l-appell. Konsegwentament, tali notament qatt ma seta' jittiehed bhala li b' xi mod jaghmel tajjeb ghan-nuqqas li jigi prezentant c-CCTV footage fl-atti kontra l-appellanti. Dan qed jinghad in linea wkoll mal-insenjamenti bazici fil-kamp penali *quod non est in actis non est in mundo.*

Illi ghalhekk, strettament minghajr pregudizzju dwar l-aggravji fil-paragrafi precedenti rigward in-nomina ta' Keith Cutajar, dan in-nuqqas tac-CCTV footage fl-atti odjerni, ifisser effettivament illi l-*istills* qatt ma setghu jigu awtentikati minhabba li l-*footage* li minnhom allegatament ittiehdu ma kienx in atti. Dan kollu kien iffisser ukoll illi effettivament inkisret ic-*chain of evidence* u jkun *unsafe and unsatisfactory* li fic-cirkostanzi kollha wiehed jistrieh fuqhom biex tigi determinata htija.

Apparti minn hekk, u minghajr pregudizzju dwar il-premess, anke l-istills innifishom wehidhom, una volta li dawn kienu jikkonsistu biss f' fotokopja *black and white* ta' ritratti, liema kopji ma kienux cari, ma setghu qatt jintuzaw biex permezz taghhom jigi identifikat l-appellant bhala wiehed mill-persuni involuti fis-serqa. Infatti mill-istess fotokopji l-appellanti bir-rispett jissottometti illi ma jista' jigi identifikat hadd sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.

Illi nonostante dan in-nuqqas serjissimu fil-provi, l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha tistrieh ampjament fuq l-istills u c-CCTV footage biex tasal ghall-htija fil-konfront tal-appellant.

Dan mandakollu sar b' mod skorrett ghall-ahhar, fl-ewwel lok, ghaliex ghar-ragunijiet spjegati supra, il-*footage* qatt ma kien jifforma parti mill-atti processwali[14], u fit-tieni lok, l-istills li kienu inseriti f' dawn l-atti processwali kontra John Mifsud kienu *black and white* u mhux cari[15].

Kwindi, specjalment bid-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti li:

> *"25. Il-Qorti ma strahietx fuq l-istills estratti, izda ezaminat il-filmati esebiti. Kien permezz ta' dawn il-filmati li l-Qorti setghet minghajr diffikulta tidentifika lil Borg, Mifsdu u Chalbi."*

Jidher li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha billi rreferiet ghal provi ohra, i.e. ir-rapport originali esbiti fl-atti *il-Pulizija vs Noel Borg*, liema atti u konsegwentament provi, però qatt ma kienu jifformaw parti mill-atti kontra John Mifsud!

Illi b' kull dovut rispett, dan huwa nuqqas serjissimu li ma jistax jigi injorat, u li juri b' mod car u lampanti li l-appellanti gie misjub hati mhux a bazi tal-provi inseriti fil-process tieghu, izda a bazi ta' evidenza inserita fi process ta' terzi, liema process huwa estranju ghal dak tal-appellanti.

Illi dan in-nuqqas huwa bir-rispett nuqqas serju u materjali u jimmilita favur il-liberazzjoni tal-appellanti, specjalment meta l-Ewwel Qorti ghamlitha cara li kienet qed tistrieh fuq dan il-*footage* biex jigu identifikati l-persuni involuti fis-serqa.

Fl-ahhar lok, l-import ta' dan in-nuqqas serju jirrizulta wkoll minn pagna 21 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn il-Qorti irriteniet li: *"Il-Pulizija li xehdu f' dawn il-proceduri, kollha jsemmu li wasslu ghall-identità tal-malviventi <u>wara li elevaw il-footage</u> u*

[14] Sakemm ma giex esebit minn Keith Cutajar dakinhar stess li inghatat is-sentenza!

[15] Apparti li mhux awtentikati u minghajr c-chain of evidence minhabba n-nuqqas tac-CCTV footage.

*ghamlu indagini dwar il-vettura, kif ukoll li sors anonimu nfurmahom li kien involute John Mifsud."*

Illi una volta li jirrizulta mill-provi li l-vettura ma kinitx tghajjat lil John Mifsud, u kwindi qatt ma setghet tipponta ghal xi tip ta' htija fil-konfront tal-imputat, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-gurisprudenza nostrana dejjem irriteniet li informazzjoni anonima ma ghandha l-ebda valur probatorju[16], mill-parti kwotata supra johrog car li l-unika prova li intuzat kontra l-appellanti biex tinstab htija kien c-CCTV footage. Ghaldaqstant, bir-rispett, hija iktar u iktar gravi l-ingustizzja kommessa mill-Ewwel Qorti meta strahet fuq tali *footage* li kien inserit fi proceduri ohra u li ma kienx jifforma parti mill-process.

Illi ghall-kompletezza u ghall-korrettezza, huwa minnu li eventwalment, dakinhar stess li nghatat is-sentenza xehed Keith Cutajar u esebixxa kopja bil-kulur tal-istills, kif ukoll il-footage.

Madanakollu, ghal darb' ohra dan kien bi ksur lampanti tar-regoli bazilari procedurali u bi ksur tad-dritt bazilari ghal process gust. Infatti filwaqt li l-akkadut dakinhar tas-sentenza se mai jikkonferma dak sottomess supra, fis-sens li allura effettivament l-Ewwel Qorti ghamlet il-gudizzju taghha a bazi ta' provi li ma kienux in atti, (tant li l-*footage* gie prezentat dakinhar tas-sentenza, meta s-sentenza kienet digà lesta u kemm inqrat), juri wkoll l-ingustizzja li biha l-appellant gie ggudikat.

Illi jekk wiehed jara folio 517 jidher li fl-istadju fejn il-partijiet kollha kienu ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, u l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza, fl-14 ta' Settembru 2020, il-Qorti harget digriet fejn ordnat li *"l-istess espert mill-aktar fiss jipprezenta kopja ohra ta' dik ir-relazzjoni sabiex l-istills ikunu bil-kulur u fiha jkun hemm anness kopja tal-footage li minnu inhargu l-istess stills."*

Illi dan il-verbal ma giex notifikat lill-partijiet.

[16] Vide ir-Repubblika ta' Malta vs. David Zerafa, moghtija fis-6 ta' Gunju 2011, mill-Qorti Kriminali.

Illi b' kull rispett però, filwaqt li dan jkompli jikkonferma l-argumenti tal-appellanti fis-sens li l-*footage* kien nieqes mill-atti, u l-istills li kienu black and white ma kienux cari (kwindi zgur mhux utli biex jigu identifikati persuni u misjuba hatja ta' reat u kkundannati piena ta' prigunerija effettiva), jikkonferma wkoll il-ksur lampanti tal-proceduri, liema ksur jwassal ghall-process ingust.

Illi kull Qorti hija marbuta li tiddeciedi l-kawza li ghandha quddiemha a bazi tal-provi li jkollha fl-atti processwali quddiemha, u fin-nuqqas ta' tali provi ma ghadhiex tipprova tissostitwixxi tali nuqqas bi provi ohra inseriti fi proceduri separati ta' terzi, aghar minn hekk, fl-ahhar tal-proceduri meta l-kawza kienet differita ghas-sentenza. Illi huwa minnu li skond il-verbal tal-20 ta' Marzu 2019 kien hemm ordni biex issir kopja awtentika tal-process verbal misjub fil-proceduri Pulziija vs Noel Borg, però jekk eventwalment, fl-ahhar tal-proceduri, u wara li l-partijiet jaghlqu l-provi taghhom, jirrizulta xi nuqqas ma tistax imbaghad tirrimpjazza tali zball bil-mod kif sar fil-kaz odjern, ad insaputa tal-partijiet.

Illi huwa minnu wkoll illi dakinhar li xehed Keith Cutajar u prezenta l-evidenza gdida, u inqrat is-sentenza l-imputati kienu assistiti u ma kienx hemm verbalizzat ebda oggezzjoni. Però b' kull rispett, lanqas ma kien hemm xi verbal li l-appellanti kien qieghed jikkonsentixxi ghall-istess. Apparti minn hekk, una volta li s-sentenza kienet digà lesta, tant li inqrat dakinhar stess, u una volta li hadd ma kien notifikat bil-verbal tal-14 ta' Settembru 2020, l-ebda avukat ma seta' qatt jipprospetta li l-provi li kienu ghadhom qed jigu esebiti dak il-hin stess u li ma kienux parti mill-atti sa dakinhar, kienu ser ikunu propju l-prova regina li a bazi taghhom tinstab htija!

Illi konsegwentament, fid-dawl tal-osservazzjonijiet kollha supra l-appellanti umilment jikkontendi illi l-footage u l-istills bil-kulur qatt ma setghu jigu ammessi bhala prova fl-ahhar seduta dakinhar tas-sentenza u ghandhom jigu dikjarati inammissibli. Konsegwentament ghandu jsegwi wkoll illi fin-nuqqas tal-*footage* u tal-istills bil-kulur ma tezisti l-ebda prova in atti li a bazi taghha l-Qorti "*setghet minghajr diffikulta tidentifika lil Borg, Mifsud u Chalbi*", u kwindi ghandu jigi liberat.

Illi fl-ahhar lok, l-appellanti jaghlaq din il-parti tal-aggravju tieghu billi jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati per Mag. Dr. N Camilleri, nhar id-19 ta' Ottubru 2016, fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Grech, George Briffa***, fejn f' sitwazzjoni simili l-Qorti, korrettament, ghamiltha cara li hija kellha tiggudika biss skond il-provi li jirrizultaw mill-atti processwali u xejn aktar. Hemm hekk il-Qorti irriteniet:

> *"Ghal raguni stramba li din il-Qorti ma tafx x' inhi, il-Vera Kopja tal-Process Verbal li giet ezebita f' dawn il-proceduri, minkejja li firrapport ta' meta nghalqet l-Inkjesta, il-Magistrat Inkwirenti ndika li kien qed jinkludi numru ta' rapporti fil-Process Verbal, fosthom dik ta' Dr. Veronica Aquilina, dan ir-rapport u r-rapporti l-ohra li lMagistrat Inkwirenti jaghmel riferenza ghalihom fir-rapport tieghu (u cioé ir-rapporti tal-esperti li kienu lehqu espletaw l-inkarigu moghti lilhom meta nghalqet l-Inkjesta Magisterjali) ma jirrizultawx bhala parti integrali mill-Vera Kopja tal-Process Verbal ezebit. Ma jirrizultawx anqas id-digrieti ta' meta pprezentaw bil-gurament irrapporti taghhom quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Il-Qorti tistaqsi: dan kien nuqqas ta' meta saret fotokopja sabiex issir Vera Kopja tal-Process Verbal? Il-Qorti mhijiex f' pozizzjoni li twiegeb dan u lanqas huwa l-kompitu taghha li tipprova timmagina dwar dak li setgha gara jew li taghmel suppozizzjonijiet ohra.* ***Il-Qorti trid u hija obbligata li tanalizza dak li ghandha quddiemha u li jirrizulta mill-atti processwali u xejn aktar!"***[17]

**2.4.Ic-CCTV footage ma kienx konfermat bil-gurament mill-awtur tieghu**

Illi aggravju iehor dwar ic-CCTV footage huwa l-fatt li tali dokument ma giex konfermat bil-gurament mis-sid tac-CCTV. Dan in-nuqqas effettivament ifisser li tali *footage* in *ogni caso* qatt ma seta' jkun prova ammissibli kontra l-appellanti biex a bazi tieghu tinstab htija.

Fi proceduri krimnali, kull dokument irid jigi kkonfermat bil-gurament mill-awtur stess ta' dak id-dokument. Dan qed jinghad mhux biss ghaliex il-provi kollha fi proceduri penali ghandhom necessarjament jigu konfermati bil-gurament *sine qua non,*

[17] Sottolinear tal-esponenti.

izda wkoll fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana fosthom il-kawza ir-***Repubblika ta' Malta vs David sive David Norbert Schembri***, deciza mill-Qorti Kriminali (Eccez Preliminari) nhar il-31 ta' Mejju 2007.

Fis-sentenza citata l-ufficjal prosekutur kien intqal:

> *"Pero' hemm awtorita' li tghid li f' guri, il-parti li tkun trid tipproduci recording jew film trid tissodisfa lill-Imhallef togat li hemm prima facie case li dak ir-recording ikun awtentiku u li jkun jista' jitfiehem bizzejjed biex jitpogga quddiem il-gurati. Il-provi ikunu jridu juru w jiddeskrivu lprovenjenza w l-istorja tar-recording sal-mument li jkun gie esebit il-Qorti. (R.v. Robinson and Harris; [1972]All ER 699, [1972]1 WLR651 u Butera v DPP (1987) 164 CLR 180. p.184).*
>
> *Hu proprju hawn li din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni naqset fir-rigward tal-esebizzjoni ta' dan id-dokument. Dak li qal Joseph Scicluna lill-Ispettur Tonna dwar dan irrecording kif xehdu Tonna huwa hearsay evidence u zgur kien mistenni – kif del resto hass l-Istess Spettur Tonna meta xehed waqt li kien qed jipprezenta d-dokument – li Joseph Scicluna kellu jixhed biex jikkonferma l-awtenticita' tar-recording, u kif u f' liema cirkostanzi hadu u x' mezzi adopera biex irregistra din l-allegata konversazzjoni telefonika. Kien mehtieg ukoll li tigi pruvata l-kontinwita' tal-evidenza mill-hin li sar l-allegat recording sal-mument li gie konsenjat lill-Ispettur Tonna. Dan pero' baqa' ma sarx quddiem il-Qorti Istruttorja, x' aktarx minhabba xi "oversight" tal-istess Spettur u tal-Avukat addett mill-ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz u dan id-dokument gie u baqa' esebit fil-process bla ma qatt gie konfermat bil-gurament minn min kien responsabbli ghall-holqien, l-ezistenza w l-paternita' tieghu w bla ma saret ilprova tal-kontinwita' tal-evidenza.*
>
> *Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat u tiddikjara il-cassette tape (Dok. JS) inammissibli bhala prova ghar-raguni fuq indikata."*

Illi l-bzonn li d-dokumenti tal-istills u l-footage jigu awtentikati, u c-*chain of evidence* dwarhom konfermata huwa bzonn li anke l-Ewwel Qorti kienet edotta mill-importanza tieghu, tant li meta xehed PC 965 hija kkummentat dwar tali bzonn. Anke l-prosekuzzjoni u l-Avukat Generali kienu konxji minn tali necessità, tant li fir-rinviju

l-Avukat Generali talab kemm-il darba sabiex jingieb bhala xhud l-individwu li pprovda l-filmat tac-CCTV.

Illi madanakollu gara li ghalkemm huwa minnu li eventwalment Martin Grech, il-persuna li pprovda l-filmat tac-CCTV xehed f' dawn il-proceduri, dan ix-xhud spicca ma kkonfermax l-filmat tac-CCTV!

Illi Martin Grech xehed nhar l-15 ta' Lulju 2019[18]. Fix-xhieda relattivament qasira tieghu insibu li l-Qorti rriferiet lix-xhud ghal sett ta' ritratti a folio 141 tal-process u talbitu jispjega x' qed jara. Madanakollu, meta wiehed jara x' hemm a folio 141 tal-process, wiehed malajr jintebah li ma hemm l-ebda ritratti a folio 141 tal-process, u minflok hemm testimonjanza ta' xhud. Kwindi b' kull rispett ma jistax jinghad li Martin Grech ikkonferma xi ritratti.

Apparti minn hekk, il-Qorti tistaqsi lill-istess Martin Grech dwar xi filmat li huwa ghadda lill-pulizija. Ghal darb' ohra però, jirrizulta li Martin Grech spicca ma kkonferma assolutament xejn. Infatti f' termini vagi hafna huwa jghid biss li huwa ghadda xi filmati lil pulizija, minghajr ma jaghmel l-ebda referenza ghad-data, jew incident jew almenu xi perjodu li fih huwa allegatament ghaddha tali filmati.

Iktar gravi minn hekk, propju minhabba li kif digà gie spjegat iktar il-fuq, il-*footage* qatt ma kien inserit fl-atti sa dakinhar tas-sentenza, jsegwi ghalhekk illi Martin Grech qatt ma seta' jixhed dwar u jikkonferma l-awtenticità tal-istess *footage*, ghaliex l-istess *footage* ma kienx hemm fl-ewwel lok.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, u tal-insenjament fis-sentenza *Ir-Repubblika ta' Malta vs David sive David Norbert Schembri,* jigi sottomess bir-rispett illi una volta li l-*footage* qatt ma gie konfermat bil-gurament mill-awtur tieghu, tali *footage* ghandu jigi dikjarat inammissibli.

[18] Folio 329 tal-process.

Illi in konkluzzjoni l-appellanti umilment jissottometti li fid-dawl ta' dawn l-aggravji kollha dwar il-footage u l-istills li ghandhom jwallsu ghall-inammissibilità ta' tali provi, jsegwi awtomatikament li l-unika prova li tista' dawl fuq l-akkadut hija x-xhieda tal-parte civile, liema xhieda fl-umili fehma tal-esponenti, zgur ma hijiex bizzejjed biex tigi stabbilita htija fil-konfront tal-appellanti.

Illi jigi imfakkar bir-rispett kif l-parte civile ma identifikax lill-appellanti f' xi ID parade, u skond il-prosekuzzjoni kien il-filmat tac-CCTV flimkien mal-informazzjoni anomina li wasslu ghall-identifikazzjoni tal-appellanti.

Madanakollu, jekk jitnehha c-CCTV u l-informazzjoni anomina li dejjem giet ritenuta mill-Qrati bhala li ma ghandha l-ebda valur probatorju (u zgur ma jistax ikun li a bazi ta' informazzjoni anomina persuna tinstab hatja u tintbaghat 10 snin habs), allura jifdal dubju serju dwar l-identifikazzjoni tal-appellant.

3. **<u>L-ALLEGATI GRIEHI GRAVI AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 216 TAL-KODICI KRIMINALI MA GEWX PRUVATI KIF TRID IL-LIGI</u>**

Illi strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu l-appellanti jirrileva bir-rispett illi mill-atti processwali ghandu jirrizulta illi meta l-parte civile dahal l-isptar Mater Dei huwa gie ccertifikat mit-tabib tal-isptar Dr. R. Shamaki bhala li kien qed isofri minn griehi hfief. Dan kollu jirrizulta sia mill-PIRS report a folio 47 tal-process, kif ukoll mic-certifikat mediku esebit a folio 134 tal-process u t-testimonjanza bil-gurament tat-tabib Shamaki a folio 135 et seq tal-process.

Illi jirrizulta mill-atti tal-inkjesta illi l-Magistrat tal-Inkjesta kien hatar lit-tabib Dr. Mario Scerri bhala espert mediko-legali u dan xehed fil-proceduri odjerni u prezenta r-rapport tieghu[19].

Li gara pero huwa li l-Qorti li kienet qed tisma l-kumpilazzjoni meta xehed il-parte civile qabdet u nnominat hi stess ll Mr. Ray Gatt sabiex jezamina u jirrelata dwar il-

[19] Folio 309 et seq tal-process.

kundizzjoni medika tal-parte civile stess. Dan it-tabib espleta l-inkarigu tieghu u eventwalment xehed ukoll quddiem il-Qorti.

Illi madanakollu, l-fatt li kien hemm espert mediku nnominat fl-istadju tal-inkjesta (li n-nomina tieghu giet ukoll konfermata waqt il-kumpilazzjoni[20]), u sussegwentament gie nominat it-tieni espert mediku, dan wassal ghall-ksur tal-procedura kontemplata fil-Kodici Kriminali, ghaliex sar kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 650(4) li jiddetta li: *"Bħala regola l-periti għandhom jinħatru f' numru bil-fard."*

Illi dan kollu fl-umili fehma tal-appellanti wkoll ghandu jimmilita a favur l-appellanti ghaliex una volta li l-ligi taghmilha cara li l-esperti ghandhom jinhatru bil-fard, zewgt esperti fuq l-istess oggett ma humiex accettabbli. Illi l-konsegwenza ta' dan il-fatt ghandu jkun ghalhekk illi z-zewgt rapporti jigu dikjarati mhux ammissibli, u l-gudizzju ghandu jinghata biss a bazi ta' dak li kkonstata t-tabib ta' Mater Dei Dr. Shamaki li ccertifika l-griehi bhala hfief.

Mill-banda l-ohra, strettament minghajr pregudizzju, jekk dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax tali aggravju, l-appellanti in ogni caso jissottometti wkoll illi l-provi in atti xorta wahda ma kienux bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-feriti sofferti mill-parte civile jigu klassifikati taht l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti.

L-appellanti ovvjament ma huwiex ser jitratta l-kwistjoni taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali ghaliex l-Ewwel Qorti sabet li dan ma jirrizultax. Ovvjament l-appallenti umilment jissottometti u jzid li dan xorta wahda qatt ma seta' jirrizulta in kwantu Dr. Mario Scerri u Dr. Gatt ma qablux bejniethom dwar il-kwistjoni tal-permanenza u dan il-kunflitt kellu bilfors jissarraf a favur l-appellanti, ghaliex johloq dubju serju dwar il-portata tal-feriti. Infatti filwaqt li Dr. Mario Scerru qal li l-feriti mhux ser ihallu effetti permanenti izda biss *scarring*[21], Dr. Gatt qal mod iehor ghaliex skond hu kien ser ikun hemm dizabilità. L-appallenti umilment jissottometti illi anke dan il-fattur wahdu fl-

---

[20] Ara verbal a folio 240

[21] Folio 310 tal-process.

umili fehma tieghu ghandu jkompli jsahhah is-sottomissjoni tieghu li l-esperti medici qatt ma kellhom ikunu nominati f' numru li mhux fard.

Detto l-premess, mis-sentenza tal-Ewwel Qorti jirrizulta li l-Ewwel Qorti striehet fuq ir-rapport ta' Dr. Mario Scerri biex kkonkludiet li l-griehi huma klassifikati taht l-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Madanakollu l-appallenti umilment jissottometti illi min qari akkurat ta' dan ir-rapport xorta wahda ma jirrizultawx l-estremitajiet tal-artikolu 216(1)(d) minhabba li giex pruvat it-trapass taz-zmien ta' 30 gurnata li jridu bil-fors jigu pruvati biex jigi pruvat dan l-artikolu.

Illi t-tabib Mario Scerri spjega kif l-parte civile kien dahal l-isptar fit-22 ta' Novembru 2018 u hareg mill-isptar fl-14 ta' Dicembru. Dan il-perjodu pero ma jammontax ghal 30 gurnata. In kontro-ezami Dr. Scerri jigi mistoqsi ghaliex l-griehi kklasifikahom bhala gravi per durata u wiegeb biss li dawn il-griehi hadu tul ta' zmien biex jigu mfejqin izda mkien ma gie indikat perjodu ta' iktar minn 30 gurnata. Dan apparti l-fatt li Dr. Scerri stess qal li huwa invista lill-parte civile biss dakinhar tal-incident u xi jumejn wara. Kwindi ma setax ikun jaf jekk wara 30 gurnata tali griehi fiequx jew le. Ovvjament propju minhabba li l-Ewwel Qorti klassifikat l-ferita taht l-artikolu 216(1)(d) l-Ewwel Qorti kellha obbligu li tara li dan it-trapass ta' zmien jigi pruvat, u l-fatt li t-tabib stess jghid li ma regax rah wara l-ewwel jumejn dan ihalli vojt serju fil-prova ta' dan l-element materjali.

Apparti minn hekk, u strettament minghajr pregudizzju dwar il-premess, l-appellanti ma jistax ma jikkummentaw dwar il-fatt li t-tabib ta' Mater Dei ikklassifika l-griehi bhala griehii hfief. L-appellanti umilment jissottometti illi dan ic-certifikat mahrug min Dr. Shamaki u r-rapport ta' Dr. Mario Scerri johloq kunflitt serju liema kunflitt ghandu necessarjament jmur a favur l-appellanti, u jmur a favur l-appellanti mhux bi pjacir izda bi dritt.

L-appellanti umilment jissottometti illi dan kollu iwassal sabiex, strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu, l-griehi sofferti mill-parte civile gew pruvati skond il-ligi biss sal-livell ta' griehi hfief, u dan il-fattur minnu iffissu jimmilita favur riduzzjoni serja fil-piena f' kaz ta' konferma ta' htija.

## 4. <u>Osservazzjonijiet ohra li jimmilitaw a favur il-liberazzjoni tal-appellanti</u>

L-appellanti umilment jissottometti illi jekk dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' l-aggravji supra dan ghandu jwassal biex ifisser illi l-unika prova ammissibli kontra l-appellanti hija dik tal-parte civile inniffsu.

Illi huwa minnu li xehedu diversi spetturi u ufficjali tal-pulizija. Madanakollu, hadd minn dawn ix-xhieda ma kien xhud tal-akkadut, dawn ix-xhieda kollha kemm xehedu dwar dak li intqal jew gie rapportat lilhom, u kwindi bir-rispett tali testimonjanza taghhom ma tista' qatt tkun bizzejjed biex a bazi taghha tinstab htija. Illi infatti dawn kollha dahlu fix-xena wara li kien digà sehh l-akkadut u ma jistghu qatt jghidu di propia xjenza li huma raw lill-appellanti jikkommetti l-allegati reati li bihom huwa akkuzat.

Illi huwa minnu wkoll illi l-ufficjali prosekuturi investigattivi xehedu wkoll dwar kif waslu ghat-tlett persuni involuti, izda b' kull rispett, fil-kaz tal-appellanti, l-unika prova li skond huma wasslet ghall-identifikazzjoni tieghu kien ic-CCTV footage, liema footage kif diga gie ampjament sottomess ghal ragunijiet varji u diversi ma jistax jintuza biex a bazi tieghu tigi akkollata htija.

Illi l-Ewwel Qorti issemmi wkoll kemm il-darba li l-prosekuzzjoni waslu ghall-John Mifsud tramite informazzjoni anomina, apparti li mbaghad saret l-identifikazjzoni mic-CCTV *footage*. Bir-rispett però, l-Ewwel Qorti qed tinjora l-fatt li l-gurisprudenza dejjem irritentiet li l-informazzjoni anomina u/jew kunfidenzjali ma ghandha l-ebda valur probatorju. Kwindi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta tat piz lil dan il-fatt ukoll. Dwar l-informazzjoni anomina l-Qorti Kriminali fil-kawza ***Repubblika ta' Malta vs David Zerafa***, deciza fis-6 ta' Gunju 2011, kienet qalet hekk:

> "Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni qed tirreferi ghall-hearsay rule. Huwa dmir tal-Qorti li tfiehem lill-gurati li dak li jixhdu l-membri tal-Pulizija Esekuttiva jrid ikun ippruvat permezz ta' xhieda li semghu jew

raw. Ghalhekk hija u tindirizza lill-gurati trid tigbed l-attenzjoni tal-gurati li informazzjoni anonima m' ghandha ebda valur probatorju. B' dan il-mod tkun rizolta t-tieni eccezzjoni li qajmet id-difiza"[22]

Konsegwentament, anke din l-informazzjoni anomina li allegatament irceviet il-pulizija ma ghandha l-ebda valur probatorju u ma tista' qatt tigi invokata biex tinstab htija.

Illi rigward imbaghad ix-xhieda tal-parte civile l-esponenti umilment jigbed l-attenzjoni ghall-fatt illi l-parte civile ma ppartecipa fl-ebda Identification Parade sabiex jidentifika l-persuni li allegatament serquh. Lanqas ma hemm informazzjoni dwar kif wasal biex jidentifikhom billi per ezempju gie muri numru ta' ritratti u huwa ghazel minnhom jekk kienx hemm il-persuni involuti. Minflok l-parte civile gie l-Qorti u bl-informazzjoni bazika li kellu, ossia li dawn kienu zewgt irgiel u mara, b' kull rispett kien facli ghalih li jidentifika lill-imputati li jkunu f' posthom fl-awla fuq il-bank tal-imputati. Illi apparti minn hekk, minn kumment li ghadda l-parte civile stess, jidher li l-istess parte civile qabel ma xehed fil-Qorti kien ra c-CCTV tant li f' hin minnhom jghid testwalment "*even the camera saw it*"[23].

Illi l-esponenti ma jistax ma jikkummentax dwar il-fatt li l-identifikazzjoni ta' persuna jew persuni li kienu involuti f' reat, b' kull rispetto saret b' mod infelici ghall-ahhar, fejn mill-provi u n-nuqqas ta' ezercizzju ta' identifikazzjoni posittiva da parti tal-parte civile, l-probabilità hija li kienet il-pulizija li identifikat il-persuni tramite informazzjoni anonima (skond anke kif ammess mill-ufficjali prosekuturi) u evetwalment imbaghad il-parte civile mexa mal-istess. Dan ma huwiex il-mod kif ghandhom isiru identifikazzjonijiet ta' persuni suspettati, u dikjarazzjoni ta' htija f' tali cirkostanzi tkun bir-rispett *unsafe and unsatisfactory*. Dan l-argument huwa imsahhah wkoll mill-fatt illi meta l-parte civile ta l-verzjoni tieghu *a tempo vergine*, huwa ma ta l-ebda dettalji dwar il-persuni involuti fis-serqa biex jghinu lill-pulizija tasal ghall-

[22] Sottolinear tal-esponenti.
[23] Folio 88 tal-process.

identifikazzjoni, hlief li kienu zewgt irgiel u mara[24], u kwindi jsegwi li ma kienx f' posizzjoni li jidentifikahom.

Illi apparti l-premess, punt iehor importanti huwa l-fatt li l-parte civile fit-testimonjanza tieghu ma identifikax il-persuna li kienet qed issuq il-vettura. Kwindi, fin-nuqqas tac-CCTV u l-istills, l-appellanti umilment jissottometti illi ma hemmx prova dwar min kienet il-persuna li effettivament kienet qed issuq il-vettura. Strettament minghajr pregudizzju dwar il-mert, dan il-punt huwa importanti tenut kont il-fatt li l-Ewwel Qorti attribwiet hafna mir-responsabilità dwar il-griehi tal-parte civile lill-appellanti minhabba li skond hi jirrizulta li l-appellanti kien qed isuq il-vettura. Kwindi fin-nuqqas ta' din il-prova dwar min kien qed isuq il-vettura, dan il-fatt ghandu necessarjament iwasssal favur mitigazzjoni ulterjuri tal-piena.

Apparti minn hekk, f' kaz li ma jirrizultax pruvat min kien qed isuq il-vettura, dan ghandu wkoll jwassal biex l-esponenti jigi liberat mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu rigward l-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet tat-Traffiku.

Illi fl-ahhar lok, ghal kull buon fini u minhabba l-fatt li l-esponenti gie akkuzat flimkien ma' persuna ohra allegatament involuta fl-istess incident, l-appellanti umilment jfakkar illi dak li filwaqt li ai termini tal-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali "*konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra*", il-ligi dwar il-ko-imputati hija cara wkoll in kwantu dejjem gie ritenut li xhieda ta' ko-imputat ma taghmilx prova kontra ko-imputat iehor[25]. Kwindi qalet x' qalet Leanne Chalbi bir-rispett qatt ma jista' b' xi mod jintuza kontra l-appellanti.

**5. <u>AGGRAVJU DWAR IL-PIENA</u>**

[24] Vide PIRS report a folio 46 tal-process.
[25] Vide fost ohrajn: ***Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Teresa Agius***, 11/07/1997, Imh. V De Gaetano: "*Hu principju elementari tad-dritt ta' procedura penali taghna li dak li jistqarr ko-akkuzat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jaghmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkuzat iehor. Dan il-principju jitnissel kemm mill-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali kif ukoll mill-artikolu 636 (b) ta' l-imsemmi Kodici. Infatti l-gurisprudenza taghna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilita' tax-xhieda tal-ko-akkuzat kemm-il darba l-kaz tieghu ma jkunx gie definittivament konkluz.*

L-esponenti umilment jissottometti bir-rispett illi strettament minghajr pregudizzju dwar l-aggravji kollha supra, il-piena li nghatat hija wahda esagerata u kellha tinghata piena iktar miti tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jirrileva li, apparti l-aggravju supra dwar in-natura tal-griehi fis-sens li se mai tali griehi jinkwadraw bhala griehi hfief u mhux gravi, l-Ewwel Qorti jidher ukoll illi b′ mod skorrett ippenalizzat lill-appellanti darbtejn tal-griehi sofferti mill-parte civile f′ dan l-incident. Illi mill-artikoli indikat fil-parti tad-decide tas-sentenza, li taghhom l-appellanti instab hati, jidher li l-Ewwel Qorti sabet lill-esponenti hati ta′ serq bil-vjolenza fuq il-persuna (ai termini tal-Artikolu 262(1)(a) u Artikolu 274(b)), u sabitu wkoll hati tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Dan ghamlitu però minghajr ma kkunsidrat il-fatt li tenut kont ic-cirkostanzi, se mai l-artikolu 216(1)(d) kien kompriz u involut fl-artikoli 262(1)(a) u 274(b) li taghhom fl-istess sentenza instab hati l-appellanti.

Illi jinghad bir-rispett illi mix-xhieda tal-parte civile stess[26], l-imputazzjoni dwar il-griehi fuq il-parte civile jekk tirrizulta pruvata, tirrizulta ppruvata biss bhala mezz ai fini sabiex jigi kommess ir-reat ta′ serq aggravat bi vjolenza[27], u ghalhekk ai fini ta′ piena kellha tigi kompriza u involuta fl-ewwel imputazzjoni ta′ serq, u ma kellhiex tizdied il-piena ghal ksur tal-artikolu 216(1)(d) ukoll. L-Ewwel Qorti però, naqset milli tindika dan il-fattur importanti fid-decizzjoni taghha, u kwindi ghal darb′ ohra anke hawn is-sitwazzjoni timmilita necessarjament favur riduzzjoni fil-piena.

Illi din il-kwistjoni hija ferm rilevanti wkoll tenut kont il-fatt li tal-piena li wehlet il-ko-imputata Leanne Chalbi, fejn nonostante li kienet akkuzata bl-istess incident, hija giet ikkundannata 6 snin prigunerija.

---

[26] Folio 89:”Yes that’ s why U have these injuries because I did not leave the door, so they are driving the car”.
[27] L-artikolu 262(2) tal-Kodici Kriminali jistipola li: “Sabiex att ta’ vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwabiżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex igħin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa tal-offiż jew ta’ oħrajn, jew sabiex il-ħati ma jħallix tiġi lilu meħuda lura l-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li ma jħalluhx jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel.”

Illi fit-tieni lok, l-esponenti umilment jissottometti illi filwaqt illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanti li huwa recidiv taht l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, madanakollu dan l-artikolu ma jirrizultax mill-pruvat skond il-ligi mill-evidenza in atti. Il-prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Frar 2011, flimkien mal-Att tal-Akkuza, u anke l-fedina penali ta' John Mifsud. Din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell però ma fiha l-ebda akkuza dwar serq.

Illi l-Ewwel Qorti qalet li "*Mifsud ghandu fedina penali kkullurita u twila, mzewwqa b' kull tip ta' reati primarjament kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolzui izda anke ta' serq li dwaru inghata sentenza sospiza, b' hekk hu recidiv anke taht l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.*"[28]

Illi jidher allura illi l-Qorti sabet ir-recidiva taht l-artikolu 289 pruvata a bazi biss tal-fedina penali. Illi madanakollu, b' kull rispett il-Qorti kienet skorretta meta ddikjarat lill-appellanti recidiv ai termini tal-artikolu 289 a bazi tal-fedina penali biss.

Illi l-artikolu 289 huwa car u jirrekjedi li l-ewwel trid tigi pruvata r-recidiva skond il-ligi, u li tali recidiva tkun dwar serq: "*Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f' dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied……*".

Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi hija cara il-gurisprudenza li dejjem irriteniet li l-fedina penali ma hijiex bizzejjed biex tigi pruvata r-recidiva izda jrid ikun hemm s-sentenza bil-konnotazzjonijiet minn tal-inqas[29]. Illi konsegwentament, la l-artikolu 289 jirrekjedi bhala element materjali li jkun hemm recidiva pruvata, una volta li ma gietx prezentata sentenza in atti fil-konfront tal-imputat u li permezz taghha huwa kien instab hati ta' serq, l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali ma jistax jitqies bhala li gie sufficjentament pruvat.

---

[28] Pagni 35-36 tas-sentenza.

[29] Ara fost ohrajn: ***Il-Pulizija vs Rene Bezzina***, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Settembru 2012: "Kwantu ghall-addebitu ta' recidiva, din il-Qorti tinnota li ma saret l-ebda prova ta' hekk. Il-fedina penali ma tistax titqies prova nkonfutabbli. Kien ikun bizzejjed li kieku giet esebita kopja legali ta' sentenza li minnha jkunu jirrizultaw l-istess partikolaritajiet ta' l-appellant. Izda ma sar xejn minn dan u ghalhekk l-imputazzjoni ta' recidiva ma tirrizultax".

Ghaldaqstant, dan l-aggravju fl-umili fehma tal-esponenti, jekk jintlaqa' wkoll ghandu jwassal awtomatikament ghal riduzzjoni fil-piena.

Punt iehor li fl-umili fehma tal-esponenti jimmilta a favur mitigazzjoni ulterjuri fil-piena hija l-kwistjoni tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Il-prosekuzzjoni esebiet sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 17 ta' Frar 2011 li ghalkemm inghatat fil-konfront ta' certu John Mifsud ma hemm l-ebda konnotati fl-istess sentenza. Il-prosekuzzjoni eventwalment prezentat ukoll Att tal-Akkuza li jgib l-istess numru fuq is-sentenza ta' Frar 2011 u fejn hemm il-konnotati tal-akkuzat, u kien a bazi ta' dawn iz-zewgt dokumenti flimkien li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li giet pruvata r-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

L-appellant madanakollu umilment jissottometti illi una volta li s-sentenza li esebew il-prosekuzzjoni ma kellhiex il-konnotati, l-mod kif kellha tigi konfermata l-identità ma kellux ikun billi tigi prezentata l-Att tal-Akkuza biss, izda kellu jitla registratur tal-Qorti sabiex jixhed dwar dan l-Att tal-Akkuza u x' sar minnu effettivament biex wiehed ikun jista' jivverifika l-identità dwar il-persuna fis-sentenza. Apparti minn hekk, l-istess Registratur kellu jixhed ukoll dwar jekk tali sentenza hijiex res judicata jew le, u meta effettivament giet skontata sabiex wiehed ikun jista' jikkonkludi minn meta ghandu jiskatta l-perjodu indikat fl-istess artikolu 50.

Illi apparti l-premess, l-esponenti umilment jissottometti illi jezistu cirkostanzi ohra dwar il-kaz li jimmiltaw favur riduzzjoni fil-piena.

Illi ghal kull buon fini l-appellanti jikjarifika illi huwa bl-ebda mod ma huwa qed jipprova jiggustifika kwalsiasi ksur ta' ligi. Xejn affattu. Anzi reat kriminali jibqa' reat kriminali, u jekk tinstab htija l-persuna misjuba hatja mistennija illi tiehu l-piena li jisthoqqilha. Madanakollu, l-piena ma ghandhiex tinghata biss biex jigi kkastigat individwu misjub hati, izda ghandha thares wkoll lejn l-aspett riformattiv tal-persuna misjuba hatja. Dan fl-ahhar mill-ahhar iwassal wkoll sabiex *in the long run* jonqsu c-cirki tar-recidività u tigi protetta iktar is-socjeta jekk l-individwu ikun gie mghejjun jirriforma ruhu.

L-esponenti bl-umiltà kollha jissottometti, illi ghalkemm il-fedina penali tieghu ma hijiex wahda incensurata, mill-banda l-ohra lanqas ma jidher li l-esponenti huwa "*beyond redemption*", u anke minn dak li jirrizulta fir-rapport tal-Probation Officer, bl-ghajnuna minghand nies professjonisti specjalment dwar il-vizzju tad-droga, huwa jista' jaghmel progress kbir biex jevita t-triq il-hazina darba ghal dejjem.

Fl-ahhar mil-ahhar l-appellanti umilment jissottometti bl-akbar rispett illi ser ikun difficli immens jekk mhux impossibli, li f' kaz ta' konferma ta' htija u sussegwenti konferma ta' ordni ta' kumpens ghall-vittma, huwa jkun jista' jikkumpensa lill-vittma waqt li u/jew wara li jkun ghamel 10 snin prigunerija. Kwindi b' tali piena ta' habs ghal perjodu daqstant twil jidher li zgur mhux ser ikun hemm bilanc bejn l-gustizzja riparatrici u l-aspett riformatorju fil-piena.

Fl-umili fehma tieghu, l-esponenti jissottometti illi f' kaz ta' htija huwa ghandu jinghata sentenza li filwaqt illi tissalvagwardja s-socjetà u tagixxi bhala deterrent, mill-banda l-ohra tghin fir-riforma tal-imputat. Huwa biss jekk l-imputat jigi reformat, u moghti l-ghajnuna li ghandu bzonn li jitnaqqas drastikament ic-cans ta' recidività. Illi ghalhekk, l-esponenti jissottometti illi huwa ghandu jinghata cans sabiex filwaqt illi jirriforma lilu nniffsu, jaghti u jpatti lura lis-socjetà, anke jekk ikun il-kaz b' xoghol fil-komunità.

In sostenn tal-premess, l-esponenti jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet <u>il-Pulizija vs Eusebio Busuttil,</u> deciza mill-Qorti tal-Appell nhar 27/03/2012, fejn l-imputazzjonijiet kienu dwar ricetazzjoni, u l-imputat kien recidivi wara li kien inghata zewgt sentenzi ta' habs effettiv, u nonostante ciò, il-Qorti ma imponietx sentenza ta' habs effettiv izda minflok ordnatlu li jaghmel xoghol fil-komunità.

Dwar il-multiplicità ta' kundanni u l-opportunità biex l-imputat jibdel hajtu, l-esponenti jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs George Farrugia</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-18 ta' Jannar 2001, fejn l-Qorti tal-Appell abbracjat l-principju li imputat ghandu jinghata "*a window of opportunity*" nonostante l-passat raffrettarju tieghu u qalet testwalment:

*"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li ssitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il- Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

*U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation:*

*"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p. 236)."*

L-esponenti umilment jaghmel referenza ukoll ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fl-ismijiet, ***Il-Pulizija vs John Farrugia,*** fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

Fl-ahhar lok, l-esponenti jaghmel referenza wkoll ghall-sentenza ricenti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Keith Pace**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Ottubru 2014, fejn il-kawza trattat pattegjament li ma giex accettat mill-Ewwel Qorti. Hawnhekk, il-Qorti tal-Appell bidlet erba' (4) snin prigunerija ghal *conditional discharge*, u qalet testwalment:

*"Veru illi l-appellant m' ghandux xi passat sabih u dawn il-qrati taw diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu illi jidhru illi kollha waqghu fuq widnejn torox. Din id-darba però jidher illi hemm xi kambjament…….*

*Din il-Qorti ukoll giet ifaccata b' sitwazzjonijiet bhal dawn meta persuna b' passat refrettarja tbiddel hajjitha u turi atteggjament pozittiv lejn min ikun qieghed isegwiha u anki lejn is-socjetà…….*

*Din il-Qorti taghmilha cara illi b' fedina penali daqshekk refrettarja l-appellant haqqu illi jinghata piena bhal din però mhux ta' min taghlaq il-' window of opportunity' li nfetah ghar-riforma totali tal-appellant u tawgura illi jkompli jiehu dan l-atteggjament fil-futur halli dan ic-ciklu ta' kundanni u prigunerija jinkiser darba ghal dejjem u l-appellant isib ruhu bhala cittadin onest fis-socjetà illi taghha jaghmel parti."*

Illi l-appellanti umilment jissottometti illi fic-cirkostanzi odjerni progress inizjali (li fil-Facilità Korrettiva dejjem ser ikun limitat naturalemtn minhabba r-restrizzjonijiet imposti) digà jidher li gie registrat skond ir-rapport tal-Probation Officer, u dan l-progress jidher li qed jimmanifesta ruhu fl-attitudni tal-appellanti stess, li hija l-akbar sinjal ta' kambjament ghaliex turi li l-individwu qed jaghmel l-proress di sua sponte. Illi apparti minn hekk, minghajr ma wiehed jipprova jpingi kwalsiasi attività illegali bhala legali, u minghajr pregudizzju dwar il-mertu, l-allegazzjonijiet in kwistjoni ma humiex li l-appellanti dahal biex jisraq armat sa snienu, b' xi arma regolari jew le. Minflok izda l-allegazzjoni hija li tlett individwi dahlu idhom f' idhom f' fond u kkommettew serq ta' Euro 1,900 u kif dawn it-tlett individwi kienu qed jaharbu minn fuq il-post b' vettura, l-vittma qabad mal-vettura sabiex jipprova jiehu l-propjetà tieghu lura u spicca sofra l-griehi f' saqajh frott tat-tkaxkri mal-art sakemm halla l-vettura.

Illi l-appellanti umilment jitlob illi ai fini ta' piena, anke dawn l-allegazzjonijiet jitpoggew fil-perspettiva shiha tas-sitwazzjoni.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tad-29 ta' Lulju ,2021 meta in segwitu awtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Fit-22 ta' Novembru, 2018, il-Pulizija gew infurmati minn Lamin Jammeh li kienet ghada kif sehhet serqa u li kien anke gie aggredit minn persuni;

2. Il-Pulizija accedew fuq il-post fejn tkelmu mal-vittma u fejn il-vittma anke ittiehed l-isptar Mater Dei permezz ta' ambulanza;

3. Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija irrizulta li fil-vicinanzi ta' fejn sehhet is-serqa kien hemm cameras tac-CCTV u ghalhekk dawn gew ezaminati fejn irrizulta li kien hemm tlett persuni involuti li kienu qeghdin jaghmlu uzu mill-vettura tal-ghamla Volkswagon Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE 008 registrata fuq Noel Borg;

4. Permezz ta' informazzjoni anonima gew identifikati ukoll l-appellant John Mifsud maghruf bhala Johann u Leanne Chalbi;

5. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

L-appellant permezz tal-ewwel aggravju ghamel referenza ghan-nuqqas tal-Magistrat Inkwirenti li jattendi ghall-access u nuqqasijiet ohra relatati. L-appellant jissottometti li ma ghandux ikun kontestat li r-rapport li dahal ghand il-pulizija nhar it- 22 ta' Novembru, 2018 u l-allegazzjonijiet tal-parte civile a *tempo vergine* kienu jitrattaw allegazzjoni ta' serq aggravat bil-vjolenza, sia numerika li min irraporta qal li l-individwi involuti kienu tlieta minn nies, kif ukoll minhabba griehi fuq il-persuna tal-vittma, tant li l-parte civile dakinhar stess tal-incident telaq minn fuq il-post b'ambulanza u gie certifikat li kien qed isofri minn griehi hfief. Jissottometti li eventwalment l-akkuzi mertu tal-proceduri jitrattaw l-imputazzjonijiet ta' serq aggravat bil-vjolenza, apparti l-aggravji tal-lok u l-valur.

L-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 546(3) tal-Kodici Kriminali u jissottometti li f'kaz li r-rapport ikun dwar serq aggravat bi vjolenza, il-Magistrat tal-Inkjesta ma

jistax jaqbad u jiddelega li l-access isir minn Spettur u dan tal-ahhar jistabbilixxi l-fatti relevanti hu. Li l-Magistrat tal-Inkjesta ghandu l-obbligu li jzomm access fuq il-post hu, u li jistabbilixxi l-fatti rilevanti hu stess, meghun minn esperti jekk ikun hemm il-bzonn. Ghalhekk jissottometti li dan is-subartikolu ma giex osservat. Li l-Magistrat tal-Inkjesta ma ghamilx l-access huwa fuq il-post izda qabad u innomina lill-Ispettur Stacy Attard sabiex izzomm access hi stess u tistabbilixxi l-fatti rilevanti hi filwaqt li innomina xi esperti sabiex jassistu lill-Ispettur waqt l-access, inkluz lil Keith Cutajar li gie nominat bhala 'espert tekniku'.

Ghalhekk skont l-appellant dak li sehh waqt l-access sehh b'mod irregolari u mhux konfortat mill-ligi, kwindi skond l-appellant kwalsiasi rizultanzi li setghu inhargu in segwitu tal-premess ghandhom necessarjament jigu dikjarati inammissibli.

L-**artikolu 546(3) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

> '*Meta r-reat li għandu jiġi investigat ikun serq, li ma jkunx serq bi vjolenza kontra l-persuna, il-Maġistrat jista' minflok li jagħmel aċċess fuq il-post, jordna lil uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' spettur biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti, u l-uffiċjal hekk maħtur u kull fotografu jew espert ieħor li jkunu qed jgħinuh għandhom jixhdu fl-inkjesta fuq il-fatti investigati u stabbilit iminnhom u għandhom jipproduċu r-ritratti kollha li jkunu ttieħdu u l-oġġetti jew id-dokumenti l-oħra kollha li jkunu rilevanti għall-investigazzjoni tagħhom.*'

Mill-process verbal, vera kopja tieghu jinsab a fol 154 et sequitur u mmarkat bhala Dok D2 u senjatament a fol 157 tnizzel li '*Illi a bazi ta' dan ir-rapport il-Magistrat Inkwirenti ordna lill-Ispettur tal-Pulizija Stacy Attard sabiex tistabbilixxi l-fatti rilevanti u li f'din l-investigazzjoni tigi assistita u ghalhekk innomina verbalment lis-segwenti:*

*1. Dr. Mario Scerri bhala espert medikolegali;*
*2. Dr. Marisa Cassar bhala espert tekniku;*
*3. Keith Cutajar bhala espert tekniku;*
*4. WPS 293 bhala Scene of the Crime Officer;*

*5. PS 586 bhala Scene of the Crime Officer.'*

Minn fol 160 jirrizulta li r-rapport indirizzat lil Magistrat tal-Ghassa Dr. Ian Farrugia, il-Magistrat kien gie infurmat dwar is-serq li sar minn zewg persuni maskili u persuna femminili u fejn il-vittma gie aggredit u insterqulu erbat elef ewro (€4,000) u dokumenti fost hwejjeg ohra. Skont id-digriet mahrug mill-Magistrat Inkwirenti fit-22 ta' Novembru, 2018 u li jinsab a fol 162 jirrizulta li l-Magistrat Inkwirenti innomina:

> *'lill-istess Spettur tal-Pulizija l-Ispettur Stacy Attard sabiex izzomm access minnufih u tistabilixxi l-fatti relevanti u tirrelata bil-miktub fi zmien tletin jum.*
>
> *Jinnomina biex jassistu lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-access lil:*
>
> *1. Dr. Mario Scerri bhala espert medikolegali;*
> *2. Dr. Marisa Cassar bhala espert tekniku;*
> *3. Keith Cutajar bhala espert tekniku;*
> *4. WPS 293 bhala Scene of the Crime Officer;*
> *5. PS 586 bhala Scene of the Crime Officer.*
>
> *Illi, hlief ghas-Scene of the Crime Officers, l-esperti teknici nominati ghandhom il-fakolta' li jisimghu bil-gurament ix-xhieda kollha rilevanti u opportuni ghal-ezekuzzjoni tal-inkarigu taghhom. Illi l-esperti kollha nominati ghandhom jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha rilevanti u opportuni ghall-fini tal-inkarigu taghhom u ghandhom jirrelataw minghajr dewmien.'*

Mill-atti tal-process verbal ghalhekk ma jirrizultax li l-Magistrat Inkwirenti mar fuq il-post huwa stess izda minflok inkariga lill-Ispettur Stacy Attard biex taghmel dan u dan minkejja li r-rapport kien jitratta serq aggravat bi vjolenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Joseph Mercieca) Vs Omissis'**[30] inghad li:

> *'Dan is-subartikolu hu intiz biex jillimita l-poteri tal- Magistrat Inkwirenti milli jiddelega ufficjal tal-Pulizija biex izomm l-access biex jistabilixxi l-fatti rilevanti. L-appellant ghandu ragun li l-Magistrat Inkwirenti f' dan l-kaz – trattandosi ta' serq bi vjolenza kontra l-persuna - ma setax minnflok jaghmel access fuq il-post, jordna lill-Ufficjal tal-Pulizija mhux taht il-grad ta' spettur biex jistabilixxi l-fatti rilevanti, kif ghamel meta nnomina lill-istess Spettur tal- Pulizija Carlo Ellul sabiex izomm access minnufieh u jistabilixxi l-fatti rilevanti w jirrelata bil-miktub.*
>
> *Peress li dan ma setax isir, kien skorrett ukoll il-Magistrat Inkwirenti meta innomina:-*
>
> *"biex jassisti lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l- access, lil Dr. Strefano Filletti bhala espert tekniku sabiex jaghmel stima ta' l-oggetti jew hsarat in kwistjoni u sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xhieda [recte; "xhieda"] taghhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti." (emfasi ta' din il-Qorti)*
>
> *U ghalkemm kieku l-Magistrat Inkwirenti zamm l-access hu stess, kif suppost ghamel, ma jidhirx li kien ikun skorrett legalment meta innomina perit tekniku biex wara li jisma' x-xhieda jaghmel stima tal-oggetti u tad-danni, mhux hekk sar u Dr. Filletti gie nominat biex jassisti lill- Ispettur. Di piu', fir-relazzjoni tieghu, Dr. Flletti ma ghamilx tali stima izda llimita ruhu ghall-kostazzjonijiet ta' fatt li hu stabbilixxa. Ghalhekk l-appellant ghandu ragun meta jilmenta minn din l-irregolarita' fil-gbir tax-xhieda fl- inkjesta.*
>
> *Issa huwa minnu li l-artikolu 549 (3) jiddisponi li x-xhieda tax-xhieda mismugha fl-access ghandha tigi imdahhla wkoll fil-process verbal u skond is-subartikolu (4) din ix- xhieda ghandha tittiehed bil-mod li tittiehed ix-xhieda li jinsemghu mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti istruttorja w ghandha l-istess effett, pero', in vista' ta' dak li jipprovdi l- artikolu 550, u cioe' li tali xhieda jistghu jingiebu quddiem il-Qorti*

[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Jannar, 2010 (Appell Kriminali Numru: 366/2009)

*Istruttorja fuq talba tal-Pulizija, mill-Avukat Generali w mill-persuna mixlija biex jixhdu viva voce, u dan ma sarx, din il-Qorti tqis li in vista' tal-irregolarita' tan- nomina ta' Dr. Filletti biex jassisti lill-Ispettur kif fuq intqal, ladarba dawn ix-xhieda ma gewx prodotti biex jixhdu viva voce f' dan il-process, dawn m' ghandhomx ikunu ammissibbli.*'

**Din il-Qorti tqis li kif tajjeb issottometta l-appellant kellu jkun il-Magistrat Inkwirenti li jaghmel access u mhux jiddelega lill-Ispettur sabiex tkun hi li taghmel access.** Nonostante dan in-nuqqas, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li kwalsiasi rizultanzi li setghu inhargu in segwitu ghall-premess ghandhom jigu dikjarati inammissibbli. Fil-ligi ta' Malta ma ghandhiex il-principju tal-'*fruit of the forbidden tree*' u ghalhekk anke jekk kellu jkun il-Magistrat li jaccedi fuq il-post u mhux jiddelega dan lill-Ispettur, dan ma jfissirx li r-rizultanzi tal-inkjesta huma inammissibli.

Kif meqjus fid-digriet fl-ismijiet '**DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO'**[31] dwar fatti u kwistjonijiet kompletament differenti minn dawn odjerni:

'*Skond il-fehma tal-konvenut, ir-registrazzjonijiet telefonici ittiehdu b'manjiera illecita u minghajr il-kunsens tieghu u, allura, l-istess ma jistghu qatt jitressqu bhala evidenza ideonea fi procediment gudizzjarju. B'dan l-argument il-konvenut donnu qed jittenta jdahhal fil-vicenda de quo dak il-principju maghruf bhala "fruits of the poisoned tree". Dan hu precett predominanti hafna fis-sistema legali Amerikana fejn il-logika ta' warajh trid illi jekk is-sors innifsu ta' l-akkwist ta' l-evidenza huwa illecitu, allura kull haga li tiddixxendi minn tali sors huwa wkoll illegali (fi kliem iehor, l-effett negattiv ad inceptio jirriverbera ex posterior fuq kollox li johrog jew jemana minnu). Madanakollu, jigi sottolinejat, illi tali principju ma jezistix fl-ordinament guridiku Malti. Mhux konsentit li jidahhlu principji ritwali godda jew novelli li l-legislatur Malti ma ddisponiex espressament dwarhom jew provda ghalihom, li huma aljeni ghas-*

[31] Moghti mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-3 ta' Frar, 2020 (Avviz tat-Talba numru: 80/2019)

*sistema guridika nostrana. Dan huwa hekk l'ghaliex dak li trid il-ligi, tghidu espressament abbazi tal-massima "ubi lex voluit, lex dixit".*[32] *Il-ligi procedurali domestika, fis-skiet tal-ligi, ddur ghall-ispirazzjoni ghall-principji u dawk in-normi li jsawwru r-regoli procedurali Inglizi.*[33] *Ghalhekk, wiehed idur biex jara kif tali materja giet kunsidrata*

---

[32] Referenza ghall-massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman huma pertinenti ghax kif maghdud fid-decizjoni in re **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni N$^{O}$ 122 riportata f'Kollez. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, inter alia, **Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et** (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008); **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009); **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014); **Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et** (Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u **Sebastian Vella et v. Charles Curmi** (Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014). (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) fid-digriet citat.)

[33] It-Tribunal josserva li r-rit procedurali civili taghna jsib il-fons tieghu fid-dritt Ingliz. Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament domestiku fi zmien id-dominju Ingliz f'Malta. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista Malti **PAOLO DE BONO** (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile." (p.320) u noltre illi, "Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'footnote ghal din l-ahhar citazzjoni, jghid, inter alia, hekk: «Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8$^{th}$ edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso.» (pp.322–323). Bhala ezempju tangibbli ta' dak illi qed jigi maghdud, wiehed jirreferi ghas-sentenza in re **Lawrence sive Lorry Sant v. In-Nutar Guze'** Abela (Prim'Awla, 27 ta' April, 1993) fejn naraw illi din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-law of evidence relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur Peter Murphy ("Modern Law of Evidence", 2$^{nd}$ edition) u l-opra intitolata "Cross on Evidence" (2$^{nd}$ Australian edition). Addizzjonalment, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-proceduri in re **Michael Agus v. Rita Caruana** (Prim'Awla, 10 ta' Marzu, 2011; digriet kamerali) ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata ma' produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha. Inoltre, fid-decizjoni in re **Robert Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Ltd** (Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2019) naraw kif l- Qorti ghamlet espressament referenza ghal-Ligi anglo-sassona [vide pagna 13 ta' dik is-sentenza]. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fid-digriet citat.)

*fis-sistema Ingliza u s-segwenti huma ftit kaptazzjonijiet ghar-rigward. Insibu ritenut illi, "The law in this area is complex and still developing. Statute occasionally provides rules governing the admissibility of evidence obtained by particular methods. Where the statute is silent, or there is no relevant legislation, the general rule at common law applies. This rule states that the admissibility of evidence is not affected by the means used to obtain it. The use of illegal or unfair techniques to obtain evidence does not generally make otherwise relevant and admissible evidence inadmissible" (IAN DENNIS, "The Law of Evidence", Sweet & Maxwell 2010; 4th ed., §8.2, p. 301). L-istess awtur ikompli jghallem illi, "The general rule at common law was and remains clear and unambiguous. The means by which evidence is obtained does not affect its admissibility as a matter of law. Provided the evidence is relevant it is admissible in law, and it is not rendered inadmissible because illegality or unfairness is used to obtain it. A classic statement of the attitude of nineteenth-century judges was the terse observation of Crompton J. in Leatham [(1861) 8 Cox C.C. 498 at 501]: «It matters not how you get it; if you steal it even, it would be admissible in evidence». The inspiration for this common law position came largely from civil cases, where the court has traditionally conceived its function as that of doing justice between the parties according to the evidence the parties choose to present. From this standpoint it is immaterial how the parties come by their evidence." (ibid. §8.3, p. 302). Utili hafna dak misjub fil-ktieb ta' J. D. HEYDON intitolat "Cross on Evidence" (Butterworths 2010, 8th ed., §27230, p. 988) fejn insibu asserit li, "Lord Goddard rejected the submission that evidence obtained illegallly was for that reason inadmissible (Kuruma v R [1955] AC 197): ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is where it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained ...".*

*Din il-posizzjoni tidher abraccjata fis-sistema domestika. Il-qrati taghna*

*kellhom okkazzjoni jitrattaw u jindirizzaw aspetti analogi ghat-tematika odjerna u f'dan ir- rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghas-senjalazzjonijiet rilevanti maghmula fid- decizjoni in re* Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja *(Qorti ta' Appell Kriminali, 3 ta' Mejju, 2000)*[34]*:*

*« Issa, apparti li ma hemmx prova – jew, jekk hemm, din ma ingabitx a konjizzjoni ta' din il-Qorti fil-kors tat-trattazzjoni orali – li r-registrazzjoni saret bi ksur ta' xi ligi, anke li kieku kien hekk (jigifieri li r-registrazzjoni saret bi ksur tal-ligi) dan ma jfissirx li dik ir-registrazzjoni ma hix ammissibbli bhala prova. Il-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna kienet dejjem li prova hi ammissibbli minkejja li biex wiehed jikseb dik il-prova tkun inksiret xi ligi ohra, u dan konformement mar-regola tal- "common law" Ingliza in materja (ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Grezzju Spiteri, App. Krim. 8/3/84; ara wkoll P. v. Josephine Bonello, App. Krim. 16/10/42 u s-sentenzi citati f'Harding's Recent Criminal Cases Annotated, Malta, 1943, p. 198). Din il-Qorti taghmel referenza in partikolari ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliza tal-15 ta' Marzu, 1968 fejn gie ritenut illi "recordings of conversations obtained through telephone tapping by private individuals are admissible in evidence" (R. v. Senat and Sin, 52 Crim. App. R. 282). Minkejja li fl-Ingilterra il-'Police and Criminal Evidence Act, 1984' tat espressament il-qrati diskrezzjoni li jistghu, f'certi kazi, jeskludu provi "obtained improperly or by trick" (ara l-Artikolu 78 ta' dik il-ligi), ir-regola generali ghadha li "evidence obtained unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of law" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1689, para. F.2.6). Fi kliem Lord Chief Justice Goddard fil-kaz Kuruma, son of Kaniu v. The Queen (1955) AC 197: "... ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is*

[34] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja' deciza fit-3 ta' Mejju, 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Att ta' Akkuza numru: 20/97) il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal dak li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata datata l-14 ta' Dicember 1998 kienet ikkunsidrat dwar l-eccezzjonijiet imressqa. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li r-referenza maghmulha f'dan id-digriet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja' jirreferi ghal dak imnizzel fis-sentenza tat-3 ta' Mejju 2000 fejn f'dik il-parti kienet qieghda tikwota s-sentenza tal-14 ta' Dicembru 1998.

*not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case, there are decisions which support it, and in their Lordships' opinion it is plainly right in principle." (p. 203).*

*« Din il-Qorti tara li ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilità ta' prova miksuba illegalment, din hi wkoll il-posizzjoni taht il-ligi taghna. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena: "fis-sistema taghna dik li hija komunement imsejjha bhala l-'Exclusionary Rule' fl-Amerika, ghad m'hijiex radikata u r-regola generali fis- sistema taghna hija li provi illi jkunu gew ottenuti b'mod censurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibilment anke legali, xorta huma ammissibbli."*

*« Jizdied jinghad li fl-Ingilterra, minkejja l-Att tal-1984 aktar 'il fuq imsemmi, il- House of Lords fil-kaz R. v. Khan (Sultan) (1996) 3 WLR 162, "upheld the decision of the Court of Appeal that evidence obtained by a bugging device, attached by the police to a private house without the knowledge of the owner or occipiers, as admissible and should not have been excluded under section 78 ... ... The crime being investigated was one of great gravity; in the circumstances the invasion of privacy, with attendant trespass and damage, was outweighed by the lack of pressure or oppression by the police, the absence of incitement, the fact that the defendant had not been arrested and the existence of a tape recording of the conversations" (ara Archbold, 1997, para. 15–503).*

*« Din il-Qorti tirribadixxi illi f'dan il-kamp, il-ligi taghna ma tistax tigi ekwiparata ma' ligijiet ohra fejn il-principju huwa divers u fejn il-gurisprudenza segwiet linji kompletament opposti ghal dawk nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l'hekk imsejjha 'exclusionary rule' li tezisti f'certi gurisdizzjonijiet hija aljena ghas-sistema taghna ... ... Similment, l-appellant qieghed jissottometti illi "l-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bhala istituzjoni legali, li f'dan il-process legali, tikser il-ligi u tkun kompartecipi f'dan il-ksur tal-ligi, jew li tissana ksur ta' ligi." Apparti milli, kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qieghed jaghmilha minghajr ma almenu ressaq hjiel ta' prova*

*jew indikazzjoni ta' prova illi dak li sar, sar illegalment da parti tal-awtorità tal-pulizija, jigi osservat illi l-bazi tal-eskluzjoni mis- sisema taghna tal-'excluionary rule' huwa proprju r-rifjut tas-sistema taghna illi jallaccja l-valur probatorju u l-ammissibilità ta' prova mal-mod kif tkun giet ottenuta hlief ghal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkuzat li huma regolati specifikatament u differentement mill-Kodici. Fuq dan l-aspett legali, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha in re Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena deciza fid-19 ta' Jannar, 1996. »*

In konguntа ma' dak appena osservat, fid-decizjoni in re **Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah**[35] inghad illi,

*"Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli." Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l- evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta.'*

Din il-Qorti tqis ukoll li fis-seduta tad-29 ta' April, l-Ewwel Qorti ikkonfermat in-nomina tal-esperti mahtura fl-inkjesta.

In kwantu r-rapport kongunt ta' PS586 Mario Azzopardi u WPS 293 Michelle Camilleri l-appellant jissottometti li meta ghamlu xoghlhom, huma ma ghamlux dan in linea man-nomina, fil-prezenza ta' u/jew waqt li kienu qed jassistu lill-istess Spettur. Dan peress li meta ghamlu l-access kien hemm prezenti surgent iehor u s-Supretendent Hearsey, mhux l-Ispettur Attard. Ghalhekk skont l-appellant lanqas l-ordnijiet tal-

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April 2001

Magistrat tal-Inkjesta ma gew osservati b'dan li x-xoghol li ghamlu dawn l-esperti tas-SOCO ma huwiex in linea mal-ebda nomina tal-Qorti.

Din il-Qorti tqis li l-Magistrat Inkwirenti fid-digriet tan-nomina datat it-22 ta' Novembru 2018 a fol 162 kien innomina '*biex jassistu lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-**access** lil*' fost persuni ohra lil WPS 293 bhala Scene of the Crime Officer u PS 586 bhala Scene of the Crime Officer. Skond il-process verbal a fol 158 tnizzel li kien '*a bazi ta' dan ir-rapport il-Magistrat Inkwirenti ordna lill-Ispettur tal-Pulizja Stacy Attard sabiex tistabbilixxi l-fatti rilevanti u li f' din l-investigazzjoni tigi assistita u ghalhekk innomina verbalment lil*' fost persuni ohra l-imsemmija WPS 293 u PS 586 bhala Scene of the Crime Officers. Ghalhekk ghalkemm id-digriet tan-nomina kien isemmi li l-Magistrat Inkwirenti qieghed jinnomina biex jassistu lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-access numru ta' persuni, bil-kelma '*access*' dan ma huwiex limitat ghal '*site inspection*' izda l-iskop tal-assistenza kienet fil-gbir tal-provi. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda htiega li dak in-nhar li taccedi l-Ispettur fuq il-post, jaccedu ukoll l-esperti nominati mill-Qorti. Din il-Qorti filfatt tqis li jekk kellha tinterpreta in-nomina tal-esperti sabiex jassistu lill-Ispettur waqt is-*site inspection*, dan ifisser li anke l-espert medikolegali Dr. Mario Scerri imur waqt l-access mal-Ispettur tal-Pulizija u ghal liema skop? Ghalhekk ma hemmx dubju li l-kelma 'access' tinkludi l-gbir tal-provi u **ghalhekk l-esperti gew nominati sabiex jassistu lill-Ispettur fil-gbir tal-provi u mhux necessarjament biex ikunu prezenti waqt li ssir is-'*site inspection*' mill-Ispettur**. (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Jirrizulta li dawn is-Scene of Crime Officers ma xehdux fl-atti tal-inkjesta izda xehdu quddiem l-Ewwel Qorti fid- 29 ta' April, 2019 fejn ipprezentaw ir-rapport konguntiv taghhom. Mill-vera kopja ta-rapport ta' PS 586 Mario Azzopardi u s-surgent 293 Michelle Camilleri li jinsab a fol 243 et sequitur, gie imnizzel li '*bl-inkarigu tal-Maġistrat inkwerenti, l-esponenti ġew nominati bħala Scene of Crime Officers nhar it- 22 ta' Novembru 2018 sabiex jaghmlu dak ix-xogħol neċessarju fil-każ imsemmi, liema xogħol jinkludi, teħid ta' ritratti, tfittix għal xi evidenza forensika li jista' jkun hemm f' dan il-każ, elevar ta' oġġetti u kampjuni neċessarji, filwaqt li jippreservaw u jissiġillaw dak kollu elevat, jirrelataw lura bil-miktub lil din l-Onorabbli Qorti dwar dak kollu li jkunu sabu u kkostataw.*' Tnizzel ukoll li '*nhar it- 22 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tal- 17:55hrs, l-esponenti ġew infurmati mill-*

*ispettur Stacey Attard bin-nomina fuq imsemmija. Għaldaqstant sabiex jaqdu l-inkarigu mogħti lilhom, l-esponenti aċċedew fuq il- post ta' l- inċident dakinhar stess għall-ħabta tal-18:20 hrs. Preżenti fuq il-post kien hemm is-surgent bin-numru 593 Raphael Attard Flores u s-supretendent Joseph Hearsey mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun'*

Ghalhekk jirrizulta li l-Ispettur Stacy Attard ma kinitx prezenti waqt li accedew is-Scene of Crime Officers. L-Ispettur Stacy Attard li xehdet fil- 21 ta' Marzu, 2019 xehdet kif '*infurmajt ukoll lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Ian Farrugia fejn minn naha tieghu fetah inkjesta u hatar diversi esperti fosthom lil Dr. Mario Scerri, Keith Cutajar, Dr. Marisa Cassar u wkoll membri tas-SOKO.*'

Nonostante l-fatt li meta PS586 Mario Azzopardi u WPS 293 Michelle Camilleri marru fuq il-post huma ma kienux assistiti mill-Ispettur Stacy Attard, dan ma jaghmilx tali prova u cioe' r-rapport u rizultanzi taghhom inammissibli, u dan stante li anke mir-rapport taghhom stess jirrizulta li huma gew infurmati bl-inkarigu mill-Ispettur Stacy Attard u ghalhekk kienu qeghdin jassistuha fil-gbir tal-provi. Il-fatt li fuq il-post kien hemm prezenti is-surgent bin-numru 593 Raphael Attard Flores u s-Supretendent Joseph Hearsey mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun u mhux mill-Ispettur Stacy Attard ma jaghmilx ir-rapport inamissibbli..

Ikkunsidrat;

L-appellant ghamel ukoll sottomissjonijiet dwar l-access li ghamel Keith Cutajar meta eleva l-filmati. Li meta Keith Cutajar mar fuq il-post huwa mar l-ghada tal-incident, fit- 23 ta' Novembru, 2018 u li *di piu'* huwa ma marx akkumpanjat mill-Ispettur Stacy Attard li kienet hi li giet nominata biex taghmel l-access, u skond l-istess digriet l-esperti nominati kienu nominati propju biex jassistu lilha fl-access. Jissottometti li filwaqt li n-nomina ta' dan l-espert Keith Cutajar kienet bi ksur tal-artikolu 546(3) ghaliex huwa kellu se mai jigi nominat biex jassisti lil Magistrat tal-Inkjesta fl-access u mhux jigi nominat sabiex jassisti lill-Ispettur waqt l-access, strettament minghajr pregudizzju dwar il-premess, anke l-istess nomina ghalkemm skorretta u illegali lanqas ma giet osservata, ghax jidher car mir-rapport li Keith Cutajar mar jaghmel

access wahdu fuq il-post sabiex jinhargu l-filmati mill-istabbilimenti fil-vicinanzi u ma marx flimkien mal-Ispettur jassisti lilha.

Jirrizulta skont ir-rapport tal-espert Keith Cutajar li kopja tieghu jinsab fil-process verbal a fol 166 tal-atti u anke a fol 527 et sequitur , fl-introduzzjoni a fol 169 u 530 tnizzel li;-

> *'Is-Sur Cutajar, hawn taħt iffirmat u awtur ta' dan id-dokument, ġie nfurmat mingħand l-Spettur Lydon Zammit u Insp Stacey Attard bid-dettalji tal-ħatra tiegħu minghand is-sinjura Maġistrat Dr Ian Farrugia LL.D. bħala espert tekniku, li tinvolvi serq ta' flus kontanti li jammonta ghall-erbat elef ewro (€4,000) u dokumenti minn residenza privata u cioe garaxx sitwat fi Triq is-Serkin, Marsa, ghad-dannu ta' Jammeh Lamin fit-22 ta' Novembru 2018. Dan il-karigu jinvolvi li neleva l-filmati kollha relevanti minn CCTV's, nippreżerva u neżamina l-istess filmati, jinħarġu stills minnhom u nirrelata bil-miktub f' dan ir-rapport.'*

F'din ir-relazzjoni, gie spjegat il-process li segwa u cioe li:

> *'Kien nhar id-23 ta' Novembru 2018 meta s-sur Cutajar, wara li ġie nfurmat bid-dettalji mingħand l-Ispetturi, għamel aċċess fuq il-post sabiex jinħarġu l-filmati mill-istabilimenti fil-viċinanzi li kellhom xi filmati tas-sigurta'.*
>
> *L-entitajiet hawn msemmija kollha ikkollaboraw mal-espert u provdew il-filmati relevanti. Ir-residenzi huma:*

- *Chicken Farmhouse, Sqaq l-Istalel, Marsa*
  *Id-data u l-ħin li ġiet mitluba mingħand dawn ir-residenzi kienu dawk ta':*
- *Data: 22 ta' Novembru 2018*
- *Ħin: 14:00- 16:30'*

Kif gia inghad il-fatt li espert ma kienx prezenti waqt l-access mal-Ispettur ma jfissirx li dan mar kontra n-nomina u dan stante li l-iskop li jigu nominati esperti minn

Magistrat Inkwirenti huwa biex jassistu fil-gbir tal-provi. In oltre' din il-Qorti tqis li gialadarba l-espert Keith Cutajar xehed fl-atti tal-inkjesta fl- 10 ta' Dicembru, 2018 quddiem il-Magistrat Inkwirenti u stante li ma tqajmet l-ebda oggezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti lanqas ghal prezentata tar-rapport wara li kienu gia saru s-sottomissjonijiet finali tqis li l-oggezzjoni mressqa m'hijiex gustifikata u ma ghandhiex tigi milqugha. Nonostante l-fatt li l-espert Keith Cutajar jirrizulta li mar fuq il-post l-ghada u cioe' fit- 23 ta' Novembru, 2018 u ma jirrizultax li kien hemm l-Ispettur Stacy Attard prezenti, ma hemm l-ebda dubju li dawn il-filmati u stills jirrigwardaw il-jum tal-incident, kif anke jirrizulta mir-rapport tal-espert stess. Ghalhekk il-fatt li ma kienx hemm l-Ispettur prezenti u l-fatt li acceda fuq il-post l-ghada tal-incident ma biddel xejn.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar ic-CCTV li allegatament giet elevata minn fuq il-post tal-akkadut. Jaghmel sottomissjonijiet dwar l-inammissibilita tar-rapport ta' PC965 Maverick Camilleri. Jissottometti li ma ghandux ikun kontestat li biex jigi elevat filmat tac-CCTV, isir process ta' estrazzjoni u jinhargu stills relevanti, hemm bzonn ta' hila u sengha specjali. Jaghmel sottomissjonijiet dwar l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali u jissottometti li r-rapport li rrediega PC965 Maverick Camilleri dwar l-istills mahruga mic-CCTV u t-timeline relattiva, u dettalji dwar l-offset tar-recording etc, kif ukoll il-partijiet kollha fit-testimonjanza tieghu dwar il-premess huma inammissibbli, u l-Ewwel Qorti ma setghetx legalment tistrieh fuqhom biex tigi determinata l-htija.

Jissottometti li dan ir-rapport li ghamel PC965 ma huwiex komplut u huwa nieqes mill-kontinwita' tal-provi minhabba li filwaqt li PC965 ipprezenta l-istills, l-footage li minnu allegatament inhargu l-istills ma kienx prezentat. Dan fl-umili fehma tal-appellanti huwa nuqqas serju li jimmina serjament l-principji tal-awtenticita' tal-evidenza, tac-*chain of evidence* u kontinwita'. Jissottometti li hemm dubji serji dwar kif dan il-footage u/jew l-istills gew fil-pussess tieghu fl-ewwel lok. Li l-atti processwali huma sajma ghal kollox dwar il-premess, u dan ikompli jimmina serjament tali rapport ta' PC 965. Jissottometti l-Qorti kienet skorretta li striehet fuq ir-rapport Dok

MC u t-timeline relattiva, liema timeline l-Ewwel Qorti tant zammet fuqha li fahritha bhala kkurata u studjata. Li fid-dawl tas-sottomissjonijiet supra, l-Ewwel Qorti ma setghetx tistrieh fuq tali timeline biex issib htija u minflok kelllu jigi dikjarat inammissibli.

Dwar dan, din il-Qorti tqis li jirrizulta li PC 965 Maverick Camilleri xehed fis-seduta tal- 21 ta' Jannar, 2019 u spjega li l-Ispettur qallu biex jaghmel timeline tal-cameras li kien hemm fl-area u huwa ghamel dan it-timeline tat- 22 ta' Novembru, 2018. Spjega li '*din ir-residenza qeghda fejn sehh l-incident, fejn joqghod Lamin Jammah din blokka ta' garaxxijiet, faccata hemm din ir-residenza gewwa Triq l-Istallel, il-Marsa u hemm il-camera tindika naha l'fuq u naha l'isfel, in-naha t'isfel turi wkoll Triq il-Gerrejja li hija s-side road li taghti ma' Triq l-Istallel.*' Fl-istess xhieda inghad:

> ***'Qorti:*** *Issa dan il-footage fejn hu?*
> ***PC M. Camilleri****: Suppost ghandu jigi esebit.*
> ***Prosekuzzjoni****: Ghandu jigi l-Ispettur.*
> ***Qorti:*** *Ser jesebih hu?*
> ***Prosekuzzjoni****: Ma nafx jekk ux illum.*
> ***Qorti****: Ghax qed jixhed fuq xi haga u rrid nara l-awtentika.*
> ***Prosekuzzjoni****: Pero' jidhirli li l-ahhar seduta kien.'*

Jirrizulta li l-filmat kien esebit mar-rapport ta' Keith Cutajar u li stante li fil-kopja tal-process verbal ma kienx hemm il-filmat izda fotokopja ta' CDs b'notament dwar fejn kienu jinsabu ic-CDs fil-process kontra Noel Borg u cioe' 'for original CDs vide fol 180 'Pul vs Noel Borg'', sussegwentement fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020 l-espert Keith Cutajar prezenta kopja tar-rapport kif ukoll tal-filmati fuq USB stick. Dan jinsab a fol 527 et sequitur. Ghalhekk il-filmat gie prezentat wara li PC 965 Maverick Camilleri xehed dwar il-filmat u prezenta l-istills. Mill-kopja tal-process verbal jirrizulta li fis-27 ta' Novembru, 2018 gie prezentat rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija, liema rikors jinsab a fol 163 fejn il-Magistrat Inkwirenti gie infurmat li l-pulizija ghandha bzonn kopja tal-filmati migbura mill-espert biex tkun tista' tezaminahom u tkompli l-investigazzjonijiet taghhom, il-Magistrat Inkwirenti fit- 30 ta' Novembru, 2018 kien laqgha t-talba sabiex fost affarijiet ohra il-Kummissarju tal-Pulizija jinghata kopja tal-

filmati migjuba miill-espert nominat Keith Cutajar. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-appellant ma jafx kif il-filmati spiccaw ghand il-Pulizija.

Ghalkemm idealment dan ix-xhud u cioe' PC 965 Maverick Camilleri kellu jixhed wara li jigi prezentat il-filmat u mhux qabel u fejn anke wiehed kien jistenna li tinghata spjegazzjoni cara ta' kif gew ghandu l-filmati liema spjegazzjoni ma nghatatx ghajr li jixhed li l-Ispettur qallu biex jaghmel timeline tal-cameras u fejn spjega 'minn fejn hadna l-cameras, Chicken Farmhouse, Triq l-Istallel Marsa', mir-rapport tieghu ma hemmx dubju li ghalkemm huwa ikkonstata li f'dawn il-filmati kien hemm offset ta' siegha filwaqt li l-espert Keith Cutajar ikkonstata li l-*footage time* kien tmienja u tletin (38) minuta il-quddiem mir-real time, jirrizulta mill-istills li l-vizwali huma l-istess bhall-istills kontenuti fir-rapport ta' Keith Cutajar u tal-filmati prezentati. Ma huwiex stabbilit x'kwalifiki ghandu PC965 Maverick Camilleri in kwantu l-process ta' estrazzjoni u biex jinhargu stills relevanti, izda din il-Qorti tista' tistrieh fuq ir-rapport tal-espert Keith Cutajar.

Ghalkemm dan ir-rapport ma huwiex inammissibbli, l-Ewwel Qorti ghalkemm fahret dan ir-rapport, ma strahitx fuq dan ir-rapport izda ikkonstatat il-fatti mill-filmati infushom.

Ikkunsidrat;

L-appellant dwar in-nomina ta' Keith Cutajar u r-rapport tieghu dwar ic-CCTV jissottometti li l-estrazzjoni u l-istills mahruga mic-CCTV footage jirrikjedu hila u sengha specjali u kwindi kellha tigi ordnata perizja mill-Magistrati ai termini tal-artikolu 650(1) tal-Kodici Kriminali. Li *ai termini* tal-artikolu 650(2) tal-Kodici Kriminali tali perit/espert irid jkun nominat mill-Qorti u mhux ex parte, u dan taht piena ta' nullita'. Li ghalhekk jekk rapport li kien jirrekjedi hila u setgha specjali biex jigi redatt ma huwiex kopert b'nomina tal-Qorti *ad hoc*, tali rapport huwa wiehed inammissibli inkwantu ma jirrispettax id-disposizzjonijiet tal-ligi procedurali relattivi. Jissottometti li Keith Cutajar kien nominat bhala 'espert tekniku' minghajr ebda dettalji ulterjuri dwar in-nomina tieghu. Li l-istess nomina kienet marbuta mal-ghajnuna li seta' jaghti lill-Ispettur waqt l-access, meta tenut kont ic-cirkostanzi tar-rapport, l-

Ispettur ma kellhiex taghmel l-access hi, izda l-access kellu jsir mill-Magistrat tal-Inkjesta. Skont l-appellant dan minnu nnifsu wkoll huwa irregolari in kwantu *se mai* kellu jigi nominat biex jassisti lil Magistrat tal-Inkjesta fl-access li kellu l-Magistrat mhux fl-access li erronjament giet nominata biex taghmel l-ispettur. Li l-kliem 'espert tekniku' f'din in-nomina ma humiex bizzejjed biex tkopri x-xoghol ta' espert li ghamel Keith Cutajar.

Skond l-appellant, ir-rapport ma kien kopert bl-ebda nomina tal-Qorti kif rikjest mill-ligi u konsegwentement dikjarat inammissibli. Li ma tezisti ebda nomina kif elenkata mill-espert innifsu. Li l-haga li hemm bzonn tigi ezaminata u li tirrikjedi hila u sengha specjali biex tigi hekk ezaminata, jrid necessarjament jigi indikat u indikat b'mod car fl-istess nomina tal-espert. Mhux jithalla ghal dak li jkun li jipprova jaqta' x'setghet tfisser u ghal x'hiex setghet kienet qed tirreferi tali nomina. Li hawn non si tratta ta' nomina ta' espert bhala Scene of the Crime Officer, fejn allura d-definizzjoni hija minnha innifisha taghti l-parametri tan-nomina u tigwida lil partijiet dwar x'kien mistenni minn tali espert. Lanqas ma si tratta ta' nomina bhala espert medikolegali li allura timplika u tinkludi li tali espert jezamina lil dak li jkun mill-lat mediku fid-dawl ta' dak li tiddetta l-ligi. Li skond l-appellant kwalunkwe xoghol li ghamel Cutajar ma kienx kopert b'nomina relattiva ghall-istess. Skont l-appellant una volta li ghal ragunijiet su elenkati, tali xoghol ma kienx kopert bl-ebda nomina mill-Qorti, tali evidenza kellha tigi necessarjament dikjarata inammissibli u x-xoghol tieghu qatt ma seta' jigi meqjus mill-Ewwel Qorti sabiex tigi determinata l-htija.

Dwar dan, din il-Qorti tqis li mill-atti jirrizulta senjatament minn fol 166 immarkata bhala DOK KC fil-kopja tal-proces verbal li l-espert Keith Cutajar iddikjara fir-rapport tieghu li:

> '*fit-tnejn u għoxrin ta' Novembru elfejn u tmintax ġejt inkarigat mill-Maġistrat Dr Ian Farrugia LL.D sabiex:*
>
> *1) Neleva l-filmati kollha relevanti minn CCTV's;*
>
> *2) Nippreżenta u Neżamina l-istess filmati u joħroġ sitlls minnhom;*
>
> *3) Nirrelata bil-miktub lil din l-Onorabbli Qorti.*'

Mill-process verbal izda jirrizulta li Keith Cutajar kien mahtur bhala espert tekniku izda ma tnizzilx f'hiex kienet tikkonsisti n-nomina tieghu. Nonostante dan, din il-Qorti ma tistax tqis li tali nomina hija wahda inammissibli u dan stante li l-Magistrat Inkwirenti stess fil-process verbal wara li l-espert kien gia xehed u pprezenta r-rapport tieghu, a fol 158 u 159 spjega kif '*Illi nhar l-10 ta' Dicembru 2018 l-espert nominat Keith Cutajar ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. KC. Huwa kellu l-inkarigu li jeleva l-filmati kollha relevanti minn CCTV's, jipprezenta u jezamina l-istess filmati u johrog stills minnhom u jirrelata bil-miktub.*' Naturalment la darba huwa gie nominat bhala espert tekniku ifisser li huwa kellu jaghmel rapport skond it-teknika tieghu. Ma kien hemm bzonn l-ebda direzzjoni da parti tal-Qorti.

Fil-fatt l-**artikolu 650(5) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> '*Il-qorti, **<u>kull meta jkun hemm bżonn</u>**, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta'ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista' wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan, il-qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa' teżamina x-xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan. Meta jkunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, il-qorti għandha tindika liema perit ikollu s-setgħa li jagħti l-ġurament.*'

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>"Ir-Repubblika Vs Francis Grech ta' 34 sena, iben Nazzareno u Mary Rose nee Spiteri, </u>**'[36] fejn gie kkunsidrat li:

> '*Li skont l-artikolu 650 tal-Kap 9, għandhom jinħatru esperti f'dawk il-każijiet kollha, fejn ikun meħtieġ tagħrif jew ħila speċjali għall-eżami ta' persuna jew xi oġġett.*

[36] Deciza mill-Qorti Kriminali fid-19 ta' Settembru, 2011 (Numru: 49/2010)

*Skont is-subinċiż (5) tal-istess artikolu, il-Qorti għandha, meta jkun hemm bżonn, tagħti direzzjonijiet lill-esperti.*

*Mid-diċitura tas-subinċiż (5) tal-artikolu 650 tal-Kap9 jirriżulta li l-Qorti għandha tagħti direzzjonijiet lill-esperti* ***meta jkun hemm bżonn****.*

*Fil-każ tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, malli l-Maġistrat Inkwirenti jaħtru bħala espert, ix-xogħol li għandu jwettaq bħala espert huwa wieħed awtomatiku. Is-sur Mario Mifsud normalment jinħatar espert (jew hu jew l-analista Godwin Sammut, skont min ikun tal-għassa) kull meta jkun hemm każ tad-droga u kull wieħed minn dawn l- esperti jaf li d-dmir tiegħu huwa wieħed – li janalizza u jiżen d-droga misjuba – sakemm ma jkunx hemm ħtieġa ta' xi analiżi oħra, bħalma jista' jiġri matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja. Ma jidhirx li dan l-espert qatt tqabbad għal xi analiżi tad-demm jew biex jagħmilha ta' espert ballistiku jew tal-elettriku.*

*Għalhekk kemm l-Ispiżjar Mario Mifsud kif ukoll l-analista s-sur Godwin Sammut meta jinħatru mill-Maġistrat Inkwirenti jafu sew x'inhu l-inkarigu primarju tagħhom u m'għandhom għalfejn jippreżumu xejn għax huma esperti f'qasam speċjalizzat ħafna u li sa minn żmien sew ilu – u għadu hekk s'issa – huma dawn l-uniċi żewġ esperti li jinħatru għal dan il-għan jiġifieri għall-analiżi u l-użin tas- sustanza.*

*Għalhekk, fi kliem l-istess subinċiż (5) tal-artikolu 650 ma kien hemm ebda bżonn li l-Maġistrat Inkwirenti jispeċifika l-inkarigu tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud li jidher mal- lista ta' esperti li għażel il-Maġistrat Inkwirenti.*'

Mir-rapport jirrizulta li l-espert Keith Cutajar ghandu s-segwenti kwalifiki '*MSc InfoSec (LON), BSc(Hons)IT Espert tal-Qorti fil-Forensika Diġitali*'. Il-partijiet fl-ebda stadju ma ressqu oggezzjoni dwar jekk l-inkarigu tieghu kienx jaqa' fil-mansjoni tal-kwalifici tieghu quddiem l-Ewwel Qorti. Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li r-rapport tieghu huwa wiehed ammissibli u l-aggravju tal-appellant qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

L-appellant jissottometti ukoll li c-CCTV footage ma kienx esebit mal-*vera kopja* tal-proces verbal izda li giet esebita vera kopja awtentika tal-process verbal esebit fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Noel Borg.** Jirrizulta li c-cctv footage baqa' ma giex ipprezentat fil-kopja tal-process verbal izda li hemm fotokopja ta' CDs a fol 211 u notament '*for original CD's vide fol 180 Pul vs Noel Borg*'. Li l-atti processwali fl-ismijiet il-Pulizija vs Noel Borg qatt ma kienu jifformaw parti mill-atti processwali odjerna. Li skond l-appellant ghalhekk l-istills qatt ma setghu jigu awtentikati minhabba li l-footage li minnhom allegatament ittiehdu ma kienx in atti. Li skont l-appellant ghalhekk inkisret ic-*chain of evidence* u jkun *unsafe and unsatisfactory* li fic-cirkostanzi kollha wiehed jistrieh fuqhom biex tigi determinata htija. Li l-istills innifishom kienu biss fotokopja *black and white* izda li l-Qorti strahet ampjament fuq l-istills u c-CCTV footage biex waslet ghal htija fil-konfront tal-appellant. Li skont l-appellant dan sar b'mod skorrett ghall-ahhar ghax il-footage qatt ma kien jifforma parti mill-atti processwali u l-istills kienu *black and white* u mhux cari. Jissottometti li l-Ewwel Qorti iddikjarat li ma strahietx fuq l-istills estratti, izda ezaminat il-filmati esebiti u ghalhekk jidher li waslet ghal konkluzjonijiet taghha billi rreferiet ghal provi ohra, u cioe' ir-rapport originali esebit fl-atti **Il-Pulizija vs Noel Borg**, liema atti u provi, pero qatt ma kienu jifformaw parti mill-atti kontra John Mifsud. Li dakinhar stess li nghatat is-sentenza xehed Keith Cutajar u esebixxa kopja bil-kulur tal-istills kif ukoll l-footage.

L-appellant jissottometti li l-verbal tal- 14 ta' Settembru, 2014 fejn ordnat lill-istess espert mill-aktar fiss jipprezenta kopja ohra ta' dik ir-relazzjoni sabiex l-istills ikunu bil-kulur u fiha jkun henm anness kopja tal-footage li minnu inhargu l-istess stills ma giex notifikat lil partijiet. Li meta xehed Keith Cutajar, is-sentenza kienet diga lesta u nqrat dakinhar stess, u una volta li hadd ma kien notifikat bil-verbal tal- 14 ta' Settembru 2020 l-ebda avukat ma' seta qatt jiprospetta li l-provi li kienu ghadhom qed jigu esebiti dak il-hin stess u li ma kienux parti mill-atti sa dakinhar, kienu ser ikunu propju l-prova regina li abbazi taghhom tinstab htija.

Fis-sentenza fl-ismijiet 'I**l-Pulizija (Spettur Angelo Caruana) (Spettur David Saliba) (Supretendent Carmelo Bartolo) vs Joseph Grech George Briffa'**[37] gie meqjus li:

> *Illi filwaqt li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni t'dan t'hawn fuq, tinnota wkoll li apparti l-fatt li meta Dr. Veronica Aquilina xehdet f'dawn il-proceduri hija qalet li kienet giet moghtija inkarigu mill- Magistrat Inkwirenti, fil-Vera Kopja per se tal-Process Verbal li gie ezebiet f'dawn il-proceduri hemm biss in-nomina generali (a fol. 72 et seq. tal-Process Verbal) tal-esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali. Ghal raguni stramba li din il-Qorti ma tafx x'inhi, il-Vera Kopja tal- Process Verbal li giet ezebita f'dawn il-proceduri, minkejja li fir- rapport ta' meta nghalqet l-Inkjesta, il-Magistrat Inkwirenti ndika li kien qed jinkludi numru ta' rapporti fil-Process Verbal, fosthom dik ta' Dr. Veronica Aquilina, dan ir-rapport u r-rapporti l-ohra li l- Magistrat Inkwirenti jaghmel riferenza ghalihom fir-rapport tieghu (u cioé ir-rapporti tal-esperti li kienu lehqu espletaw l-inkarigu moghti lilhom meta nghalqet l-Inkjesta Magisterjali) ma jirrizultawx bhala parti integrali mill-Vera Kopja tal-Process Verbal ezebit. Ma jirrizultawx anqas id-digrieti ta' meta pprezentaw bil-gurament ir- rapporti taghhom quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Il-Qorti tistaqsi: dan kien nuqqas ta' meta saret fotokopja sabiex issir Vera Kopja tal-Process Verbal? Il-Qorti mhijiex f'pozizzjoni li twiegeb dan u lanqas huwa l-kompitu taghha li tipprova timmagina dwar dak li setgha gara jew li taghmel suppozizzjonijiet ohra. Il-Qorti trid u hija obbligata li tanalizza dak li ghandha quddiemha u li jirrizulta mill-atti processwali u xejn aktar! Illi l-Qorti tinnota li fin-nomina generali (a fol. 72 et seq. tal-Process Verbal) jidher li Dr. Veronica Aquilina giet appuntata bhala "Espert Legali", minn liema nomina ma jirrizultax li Dr. Aquilina nghatat il-fakolta' li tisma' x-xhieda bil-gurament, u dana minkejja li meta nghalaq il-Process Verbal inghad is-segwenti: "Fuq tali rapport, l- Magistrat sottofirmat ordna li ssir inkjesta fuq il-post fejn sehh il-hold-up. Ghalhekk innomina lil [...] Dr. Veronica Aquilina bhala Espert Legali biex tirrelata*

[37] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Ottubru, 2016 (Numru 486/2001). Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 2017 (Appell Numru: 503/2016)

*dwar il-kaz fuq imsemmi u dan wara li tisma' x-xhieda bil- fakulta' li tamministra l-gurament"*[38].

*Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet* **Il-Pulizija vs. Grazio Sammut et** *deciza fit-28 ta' Novembru 2013 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:*

*"Jinghad fil-bidu nett li dina mhijiex l-ewwel darba illi din il-Qorti qed tigi nfaccata b'sitwazzjoni bhal din fejn nuqqas ta' attenzjoni minn naha tal-Magistrat fid-digriet ta' nomina ta' espert iwassal ghal konsegwenzi serji illi jaffettwa l-process gudizzjarju kollu. Il-Magistrati jridu jifhmu kemm huwa mportanti li jkunu precizi fin-nomini taghhom u liema espert ghandu l-fakulta' illi jiehu x-xhieda bil-gurament u liema m'ghandux. Peress illi l-Ligi stess tezigi illi l-espert ghandu jkollu t-tali fakulta' specifikament imsemmija fin-nomina tal-hatra. Issa fil-kaz tas-Scene of the Crime Officers il-fakulta' li jisimghu x-xhieda bil-gurament hija ntrinsika fin-nomina taghhom u f'dawn il-kaz il- Magistrat m'ghandux ghalfejn kull darba jnizzel illi l- esperti mahtura qeghdin ikunu wkoll moghtija l-fakulta' jisimghu x-xhieda bil-gurament. F'kazijiet ohra pero' din l- awtorizzazzjoni ma tistax tigi prezunta u trid tirrizulta mill-Atti. F'dan il-kaz sfortunatament, lapsus calami jew mhux, it-tekniku John Sacco ma giex moghti l-fakulta' illi jisma' x-xhieda bil-gurament. Jista' jaghti l-kaz pero' kif jigri ta' spiss, illi din il-fakulta' tkun giet moghtija lill-espert verbalment, dan il-Magistrat jista' jaghmlu ghad illi jrid pero' jirrizulta minn x'imkien, mqar per ezempju mill-istess depozizzjonijiet tax-xhieda illi jkunu qeghdin jiddikjaraw illi qeghdin jaghtu x-xhieda taghhom bil- gurament. A fol. 102 tal-process il-Magistrat jghid illi Sacco ndika li din ix-xhieda kienet qed tittiehed bil-gurament ta' kull xhud, u quddiem din il-Qorti wkoll rega' qal hekk. Pero', mgharraf bil-mod kif giet redatta n-nomina tieghu, l- espert irrimarka li hu qatt ma ra n-nomina u ma kienx jaf li fil-fatt ma giex moghti l-fakolta' li jaghti l-gurament. Mexa skond il-prassi u assuma li kellu tali fakolta'. Jidher li dan il-lapsus calami ma giex kommess biss*

[38] A fol. 2 tal-Process Verbal. L-istess haga nghad a fol. 3 tal-Process Verbal meta nghad li gie estiz l-inkarigu ta' Dr. Veronica Aquilina (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlettax (13) tas-sentenza citata)

*mill-Magistrat Inkwirenti izda gie perpetwat tul l-iter tal-kawza mill-espert tekniku u mill-Magistrat fl-Istruttorja li kellu l- fakolta' jissana n-nomina imma minn dan ma sar xejn biex issa wasalna fl-istadju ta' quod nullum est, nullum producit effectum.*

*Lanqas il-Qorti ma hi daqshekk konvinta li l-espert dejjem mexa bil-mod li qal, skond il-prassi peress li rrizulta li almenu fuq zewg persuni ta' rilevanza vitali, hemm dubbju kemm verament inghataw il-gurament. Grazio Sammut (fol. 89) fuq domanda tad-difiza jekk inghatax il-gurament jirrispondi "Le ma nghatajt l-ebda gurament". Ikkonferma wkoll illi meta xehed it-tieni darba quddiem l-istess John Sacco wkoll ma nghatax il-gurament. F'din il-kawza ghandna wkoll ix-xhieda tal-Kurunell Wallace Camilleri (fol. 97), fejn ukoll fuq domanda tad-difiza jekk inghatax il- gurament minn John Sacco wiegeb, "Jekk niftakar tajjeb, le". Amadeo Busuttil ma xehedx f'dawn il-proceduri. Ghalhekk jekk kien hemm zball genwin minn naha tal- Magistrat Inkwirenti fid-digriet tan-nomina, dan l-izball qatt ma gie sanat fil-mori tal-inkarigu moghti lill-espert John Sacco u l-anqas wara. Dan japplika specifikament ghall-appellat Grazio Sammut fejn minbarra c-cahda tieghu hemm il-korroborazzjoni tal-Kurunell Wallace Camilleri. Dan ifisser quindi illi hemm dubbju kemm l-appellat Grazio Sammut seta` kiser id-dispozizzjonijiet ta' l- Artikolu 108(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil- konfront tieghu s-Sentenza ta' l-Ewwel Qorti timmerita li tkun konfermata.*

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragunevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata".'*

Din il-Qorti tqis li jirrizulta li fis-seduta tal- 20 ta' Marzu 2019 il-Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni awtorizzat li kopja awtentika tal-process verbal esebit illum fil-kawza **<u>Pul vs Noel Borg</u>** ghandha ssir mir-Registratur tigi inserita f'dawn l-atti. Jirrizulta li l-kopja tal-process verbal u inkluz tar-rapport ta' Keith Cutajar kien *black and white* u ma hemm l-ebda filmat izda biss fotokopja ta' CDs a fol 211 b'notament '*for original CDs vide fol 180* ***<u>Pul vs Noel Borg</u>***'. B'dan in-notament ghalhekk din il-Qorti tqis li kien

bizzejjed li tali filmat originali fil-process kontra Noel Borg kien applikabbli ghal dan il-kaz.

Jirrizulta li fis-seduta tat- 2 ta' Lulju, 2020 fl-istess jum li saret it-trattazzjoni finali, gie vverbalizzat li '*Il-Qorti tordna lil Keith Cutajar sabiex jghaddi kopja tal-filmati lid-difiza odjerna peress li l-Qorti qed tigi infurmata mill-istess difiza li l-avukat li precedentament kien qed jipatroncinja lill-imputat Mifsud, ma kienx ghadda kopja tal-filmat li minnu nhargu l-istills u cjoe' dak immarkat appendici 1 a fol 211 formanti parti mir-relazzjoni tal-istess espert.*'

Permezz tad-digriet tal- 14 ta' Settembru 2020 il-Qorti ordnat li:

> '*Peress li r-relazzjoni tal-espert Keith Cutajar a fol. 154 et seq tikkontjeni stills black and white u lanqas ma hemm inserita kopja tal-footage relattiv tenut kont li l-original ta' din ir-relazzjoni tifforma part mill-procediment Il-Pulizija vs Noel Borg*
>
> *Tordna lill-istess espert biex mill-iktar fis jipprezenta kopja ohra ta' dik ir-relazzjoni sabiex l-istills ikunu bil-kulur u fiha jkun hemm anness kopja tal-footage li minnu nhargu l-istess stills.*'

L-appellant fl-appell tieghu jghid li l-partijiet ma gewx notifikati b'dan id-digriet izda jirrizulta li permezz tal-verbal tas-seduta tas- 7 ta' Ottubru 2020 gie vverbalizzat li '*Dr Josette Sultana u Dr Dean Hili ghal kull bon fini jikkonferma li fil-mori tal-proceduri kienu inghataw link tal-footage mill-espert Cutajar u cjoe' tal-filmat esebit mar-relazzjoni tieghu li kopja tal-original taghha tinstab fl-atti Pul vs Noel Borg u dan kif diga ordnat b'digriet tal-20 ta' Marzu 2019 fol 152.*'

Fl-istess seduta fis- 7 ta' Ottubru, 2020 kien xehed Keith Cutajar fejn ikkonferma li kien ghadda l-links tal-footage fil-mori tal-proceduri lid-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti staqsiet '*inti ntlabt ghall-facilita' iktar biex wiehed ma jkollux ghalfejn jara process ghall-iehor, li terga taghmel kopja fl-original taghha, inizzilha Registratur ghas-spejjez tar-Registratur. Issa inti qed tesebixxi allura kopja ohra bil-kulur u filmat ukoll mill-ewwel*

*ghamiltu bil-lest*'. Huwa xehed li ghamel kopja bil-kulur u kopja fuq USB kemm tal-istess rapport u tal-filmati.

Dwar dan, fis-sentenza appellata tnizzel li:

> '*Gie esebit il-**Proces Verbal Nru.155/19** li jittratta serq ta' flus kontanti w dokumenti li sehh ghad-detriment ta' Jammeh Lamin fit-22 ta' Novembru, 2018.*[39]
>
> *Kopja originali tal-istess tinsab esebita fil-proceduri **Il-Pulizija vs Noel Borg** u kien b'digriet tal-20 ta' Marzu, 2019,*[40] *li kopja tieghu gie inserit f'dawn l-atti. Fost ir-rapporti esebiti fil-proces verbal imsemmi hemm ir-relazzjoni tal-espert Cutajar li tikkontjeni stills u filmati.*
>
> *Peress li l-original tal-filmati baqghet fil-procediment **Il-Pulizija vs Noel Borg** u biex jigi evitat l-inkonvenjent ta' potenzjali cross-referencing ghaliha bejn process u iehor*[41]*, kif ukoll peress li l-stills f'dawn l-atti huma fotokopja black & white, b'digriet iehor tal-14 ta' Settembru, 2020, din il-Qorti ordnat lill-espert Cutajar sabiex jipprezenta kopja ohra tar-relazzjoni tieghu sabiex ikun hemm access immedjat ghall-partijiet kemm ghall-filmati kif ukoll ghall-ritratti bil- kulur. Kopja ohra tar-relazzjoni tieghu giet sussegwentement prezentata kif ordnat fl-ahhar seduta.*'

Din il-Qorti ghalhekk tqis li in vista tal-fatt li fil-kopja tal-process verbal u senjatament fejn hemm il-fotokopja tac-CD a fol 211 hemm imnizzel '*for original CDs vide fol 180* '*Pul vs Noel Borg*' u anke in vista tal-fatt li fis-seduta fejn inghatat is-sentenza giet esebita kopja bil-kulur inkluz il-filmati fuq USB mill-espert Keith Cutajar u fl-ebda stadju id-difiza ma qajmet ebda oggezzjoni ghal dan anzi ddikjarat li kienet irceviet kopja tal-filmati fil-mori tal-proceduri, din il-Qorti ma tistax takkolja dan l-aggravju.

39 **Dok.DZ** a fol. 154-213 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) fis-sentenza appellata)

40 Fol.152 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fis-sentenza appellata)

41 F'dawn l-atti insibu li l-s-CD bil-*footage* tinsab esebita a fol.180 tal-atti fl-ismijiet **Il- Pulizija vs Noel Borg.**(Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hamsa (5) fis-sentenza appellata)

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti ukoll li c-CCTV footage ma kienx ikkonfermat bil-gurament mill-awtur tieghu. Li ma giex ikkonfermat bil-gurament mis-sid tac-CCTV u li ghalhekk qatt ma seta' jkun prova ammissibli kontra l-appellanti biex abbazi tieghu tinstab htija. Li provi kollha fi proceduri penali ghandhom ikunu konfermati bil-gurament u dwar il-bzonn li d-dokumenti tal-istills u l-footage jigu awtentikati u li c-*chain of evidence* dwarhom konfermata huwa bzonn. Jissottometti li ghalkemm Martin Grech il-persuna li pprovda l-filmat tac-CCTV xehed f'dawn il-proceduri, dan ix-xhud spicca ma kkonfermax il-filmat tac-CCTV u dan peress li fix-xhieda tieghu gie riferiet ghal sett ta' ritratti a folio 141 tal-process. Li ma hemm l-ebda ritratti a folio 141 tal-process u ghalhekk ma jistax jinghad li Martin Grech ikkonferma xi ritratti. Li jikkonferma li ghadda xi filmati lil Pulizija, minghajr ma jaghmel l-ebda referenza ghad-data, jew incident jew almenu xi perjodu li fih huwa allegatament ghadda tali filmati. Jissottometti li l-footage qatt ma kien inserit fl-atti sa dakinhar tas-sentenza, jsegwi ghalhekk illi Martin Grech qatt ma seta' jixhed dwar u jikkonferma l-awtenticita' tal-istess footage, ghaliex l-istess footage ma kienx hemm fl-ewwel lok.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta Vs David sive David-Norbert Schembri'**[42] gie meqjus:

> '*Illi ghalkemm mit-test citat mil-akkuzat mehud mill-ktieb Cross+ Taper On Evidence ma jirrizultax li tali recording hu minnu nnifsu illegali jew inamissibbli, pero' jista' jitqies li jkun inammissibbli fejn ikun gie ottjenut illegalment (R. v. Senat , R. v. Sin (1968)52 Cr App Rep 282) jew bi ksur ta' public policy. (R. v. Migliorini (1981) 38 ALR 356) ; Dan ma jirrizultax f' dan il-kaz.*
> *Pero' hemm awtorita' li tghid li f' guri, il-parti li tkun trid tipproduci recording jew film trid tissodisfa lill-Imhallef togat li hemm prima facie case li dak ir-recording ikun awtentiku u li jkun jista' jitfiehem bizzejjed biex jitpogga quddiem il-gurati. Il-provi ikunu jridu juru w jiddeskrivu*

[42] Deciza mill-Qorti Kriminali fil-31 ta' Mejju, 2007 (Att ta' Akkuza: 1/2006)

*l- provenjenza w l-istorja tar-recording sal-mument li jkun gie esebit il-Qorti. (R.v. Robinson and Harris; [1972]All ER 699, [1972]1 WLR651 u Butera v DPP (1987) 164 CLR 180. p.184).*
*Hu proprju hawn li din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni naqset fir-rigward tal-esebizzjoni ta' dan id-dokument. Dak li qal Joseph Scicluna lill-Ispettur Tonna dwar dan ir- recording kif xehdu Tonna huwa hearsay evidence u zgur kien mistenni – kif del resto hass l-Istess Spettur Tonna meta xehed waqt li kien qed jipprezenta d-dokument – li Joseph Scicluna kellu jixhed biex jikkonferma l-awtenticita' tar-recording, u kif u f' liema cirkostanzi hadu u x' mezzi adopera biex irregistra din l-allegata konversazzjoni telefonika. Kien mehtieg ukoll li tigi pruvata l-kontinwita' tal-evidenza mill-hin li sar l-allegat recording sal-mument li gie konsenjat lill-Ispettur Tonna. Dan pero' baqa' ma sarx quddiem il-Qorti Istruttorja, x' aktarx minhabba xi "oversight" tal-istess Spettur u tal-Avukat addett mill- ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz u dan id-dokument gie u baqa' esebit fil-process bla ma qatt gie konfermat bil-gurament minn min kien responsabbli ghall- holqien, l-ezistenza w l-paternita' tieghu w bla ma saret il- prova tal-kontinwita' tal-evidenza.*
*Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-tieni eccezzjoni tal- akkuzat u tiddikjara il-cassette tape (Dok. JS) inammissibli bhala prova ghar-raguni fuq indikata.*'

Dwar dan, din il-Qorti tqis li mix-xhieda ta' Martin Grech datata l-15 ta' Lulju 2019 jirrizulta li kienu marru l-Pulizija jaraw il-cameras u raw il-video. Hu gie mistoqsi dwar sett ta' ritratti a fol 141 fejn wiegeb li '*Fejn noqghod jien zgur iva. Fejn noqghod jien. Hemm il-cameras hemm.*' Huwa kkonferma li hija l-vizwali li jara mill-camera tieghu. Huwa kkonferma li ghadda xi filmati ghax talbuhomlu. Jirrizulta li a fol 141 ta' dan il-process ma hemm l-ebda ritratti izda hemm parti mit-testimonjanza ta' Ansumana Drammeh. Din il-Qorti fehmet li dan gara peress li x-xhud Martin Grech kien qieghed jigi riferit ghal ritratti li jinsabu fil-process

kontra l-ko-imputat Noel Borg. Nonostante dan, dan ix-xhud xorta wahda ikkonferma li ghadda filmati lil Pulizija u in oltre' meta xehed id-difiza fl-ebda hin ma qajmet oggezzjoni dwar il-fatt li kien qieghed jirreferi ghal process kontra Noel Borg u li ma saritx referenza specifika ghall-kopja tal-istills misjuba fil-process odjern.

In oltre', din il-Qorti tqis li l-espert Keith Cutajar fir-rapport tieghu ta' spjegazzjoni cara ta' kif waslu ghandu l-filmati u cioe' li:

*'Kien nhar id-23 ta' Novembru 2018 meta s-sur Cutajar, wara li ġie nfurmat bid-dettalji mingħand l-ispetturi, għamel aċċess fuq il-post sabiex jinħarġu l-filmati mill-istabilimenti fil-viċinanzi li kellhom xi filmati tas-sigurta'.*

*L-entitajiet hawn msemmija kollha ikkollaboraw mal-espert u provdew il-filmati relevanti. Ir-residenzi huma:*

- *Chicken Farmhouse, Sqaq l-Istalel, Marsa*
  *Id-data u l-ħin li ġiet mitluba mingħand dawn ir-residenzi kienu dawk ta':*
- *Data: 22 ta' Novembru 2018*
- *Ħin: 14:00-16:30'*

Ghalhekk jirrizulta li l-filmati ttiehdu mir-residenza u cioe' Chicken Farmhouse, Sqaq l-Istalel, Marsa. Ghalhekk ma hemmx dubju dwar ic-*chain of evidence* anke jekk meta tela' s-sid tal-cameras u cioe' Martin Grech huwa gie mistoqsi dwar ritratti li jidhru a fol 141 meta f'dan il-process ma hemm l-ebda ritratti a fol 141. In oltre' mill-Current Incident Report, senjatament a fol 46 u 47 tnizzel li '*Divisional Police on site noted CCTV Cameras on the incident area, and spoke with the owner of same cameras a certain Martin Grech MOB 79711557, where same CCTV cameras where checked and the vehicle and the vehicle used by the suspects was identified as a VW Beetle coloured light blue with registration number BEE008.*'

Ghalhekk ma hemmx dubju li Martin Grech xehed dwar filmati li ttiehdu mis-sistema tas-CCTV footage tieghu u li in oltre' mir-rapport tal-espert Keith Cutajar ghalkemm jirrizulta li l-espert ma ssemmiex l-isem ta' Martin Grech, tnizzel l-indirizz fejn kien hemm ic-CCTV cameras. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud.

Ikkunsidrat;

L-appellant jissottometti li l-unika prova li titfa dawl fuq l-akkadut hija x-xhieda tal-parte civile, liema xhieda fl-umli fehma tal-appellant ma hijiex bizzejjed biex tigi stabbilita htija fil-konfront tal-appellant. Li l-parte civile ma identifikax lill-appellanti f'xi ID parade u li skond il-prosekuzzjoni kien il-filmat tac-CCTV flimkien mal-informazzjoni anomina li wasslu ghall-identifikazzjoni tal-appellant. Jekk jitnehha c-CCTV u l-informazzjoni anomina li dejjem giet ritenuta mill-Qrati bhala li ma ghandhom l-ebda valur probatorju allura jghid li jifdal dubju serju dwar l-identifikazzjoni tal-appellant.

Din il-Qorti tqis li kif gia kkunsidrat, il-filmati tac-CCTV huma prova ammissibli ghalhekk din is-sottomissjoni tal-appellant hija infondata. Jirrizulta li mhuwiex l-parte civile biss li identifika lill-appellant izda anke ufficjali tal-Pulizija li xehdu dwar filmati tac-CCTV.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra in succint taghmel referenza ghal provi mressqa. L-**Ispettur Lydon Zammit** fix-xhieda tieghu tal- 11 ta' Dicembru 2018 spjega li fit-22 ta' Novembru 2018 il-Pulizija gew infurmati minn certu persuna li identifika ruhu bhala Lamin Jameh permezz ta' telefonata li kien ghadu kif sehhet serqa fuqu u gie anke aggredit minn persuni. Il-Pulizija mill-Ghassa tal-Hamrun irrikorrew fl-indirizz ta' din il-persuna li kien Triq l-Istalel, il-Marsa fejn iltaqghu mal-allegat vittma u gie kkonfermat li kienet ghadha kif sehhet serqa minn fuq il-post, ir-residenza tieghu kif ukoll hu kien kellu xi griehi fuqu. Mill-ewwel investigazzjoni li ghamlu l-Pulizija rrizulta li tlett persuni, zewg irgiel u mara kienu dahlu fir-residenza li huwa garaxx, propjament kienet

tintuza stalla fejn bhalissa qed joqghodu madwar sitt minn nies u li jaghmel parti minn blokka ta' garaxxijiet ohra. Kienu dahlu dawn iz-zewg irgiel u mara fejn wara li kien gie aggredit, kienet insterqitlu bagalja li fiha kien hemm madwar erbat'elef ewro (€4000), xi dokumenti u xi hwejjeg ohra. Fuq il-Pulizija hu qalilhom li wara li hareg jigri biex izomm il-bagalja, biex ma jitilqux bil-bagalja, qabad mal-karozza li kienu ser jaharbu minn fuq il-post il-persuni u gie mkaxkar madwar hamsin (50), sittin (60) metru fl-istess triq ghal kantuniera ta' wara. Giet mitluba biex tissejjah ambulanza fuq il-post u gie mittiehed l-isptar Mater Dei ghal aktar osservazzjoni, ghal kura. Il-vittma kien joqghod f'din ir-residenza u jahdem ma' xi kumpanija tal-kostruzzjoni. Il-bagalja huma l-affarijiet personali tieghu, kienet fir-residenza.

Il-post huwa stalel, kienu jintuzaw l-istalel, jigifieri hemm entrattura u ghandek tlett ikmamar li jintuzaw qishom kmamar tas-sodda, wahda minnhom tintuza qisha kcina. Il-bagalja kienet tinstab f'wahda mill-kmamar tas-sodda fejn jorqdu, fejn jorqod ukoll l-allegat vittma u fiha kien izomm hu, skond il-vittma, kien izomm il-flus li huma tat-tlett min nies tieghu u ta' tnejn ohra, kif ukoll hwejjeg u xi dokumenti ukoll tal-persuna. Hu flimkien mal-Ispettura Stacey Attard mill-Ghassa tal-Hamrun niezel fuq il-post personalment biex tkompli l-investigazzjoni minn naha taghhom, gie identikat li l-persuna tghix ma' sitt persuni ohra kollha ta' nazzjonalita barranija, gie identifikat li l-vittma kien certu 'Lamin Jameh' imwieled fit- 12 ta' Dicembru 1998 mill-Gambia u li ghandu dokument tal-identita' Taljana bin-numru AY7041181.

Xehed li gie stabbilit fuq il-post li l-persuni suspettuzi, dawn it-tlett persuni pparkjaw il-karozza faccata tal-entratura ta' din il-blokka ta' garaxxijiet jigifieri quddiem residenza li hemm fuq il-post u kienu marru lejn dan il-garaxx bil-mixi. Ingiebu xi CCTVs ta' din ir-residenza fejn kellhom s-suspett li pparkjaw, inhatret ukoll inkjesta rigward dan il-kaz fejn inhatret mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia, fejn ordna l-inkjesta u hatar biex jassistuh diversi esperti minn naha tieghu. Wara r-rikors li sar, ingiebu c-CCTVs biex jigu analizzati fejn irrizulta mill-ewwel li anke l-Pulizija li raw ic-CCTV fuq il-post qabel anke ma ngabru rrizulta mill-ewwel li l-karozza li kienu biha kienet tal-ghamla Volkswagon Beatle bin-numru ta' registrazzjoni BEE 008, li mill-ewwel stharrig li sar kemm minnu u kemm mill-Pulizija tad-distrett irrizulta li din il-karozza tghajjat lil certu Noel Borg bin-numru tal-karta tal-identita' 159080 u anke mill-filmati

li kienu qeghdin jaraw fuq il-post irrizulta li anke kien wiehed minn dak it-tlett persuni li gie identifikat, kif ukoll gew identifikati z-zewg persuni l-ohra bhala Leanne Chalbi u John Mifsud.

Dawn gew identifikati mill-pulizija u anke hadulu xi filmati u rahom l-Ispettur u gew identifikati. Fuq il-post kien hemm persuna li baqghat anomima li identifikat, li ghaddiet l-informazzjoni lil Pulizija partikolari li zewg persuni minnhom kienu Leanne Chalbi u John Mifsud. L-Ispettur gharaf it-tlett persuni fl-awla.

Spjega li iktar tard matul il-kors tal-investigazzjoni ircevew l-filmat kollu fejn gie analizzat minn naha tieghu flimkien ma' Pulizija iehor l-ufficju tieghu, fejn dehru ghal habta tas-saghtejn neqsin erbatax il-minuta (1:46) fejn dehret il-vettura BEE 008 tasal fuq il-post, zewg minuti wara tidher il-persuna femminili li wara giet identifikata bhala Leanne Chalbi tohrog mill-karozza u tibqa' ddur fl-area tal-garaxxijiet. Ghal habta tas-siegha u hamsa u hamsin minuta (1:55) tidher il-karozza titlaq minn fuq il-post izda b'Leanne Chalbi tibqa' barra. Il-karozza tidher anke tipparkja kantuniera fil-kantuniera tal-istess triq u tidher Leanne Chalbi qed tersaq lejn il-vettura.

Ghall-habta tas-saghtejn u disa' minuti (2:09) tidher terga Leanne Chalbi tidhol fil-karozza u l-karozza ssuq minn fuq il-post. Ghal habta tas-saghtejn u wiehed u erbghin minuta (2:41), l-istess karozza il-BEE 008 jirritorna fl-area u tigi pparkjata ezatt fejn imbaghad gie mkaxkar il-persuna. Noel Borg u John Mifsud fis-saghtejn u tlieta u erbghin minuta (2:43) jidhru johorgu mill-karozza u jsegwu lil Leanne Chalbi ghal gol-entratura tal-garaxxijiet. Peress li CCTV il-footage ma jidhirx il-garaxx ghax qieghed il-gewwa l-garaxx imma tidher kwazi l-entratura. Ghall-habta tas-saghtejn u erbgha u hamsin minuta (2:54) tidher Leanne Chalbi tirritorna lejn il-karozza bil-bagalja li allegatament insterqet minghand il-vittma. Minuta tidher il-vittma gew lejn il-karozza bil-giri u jigi segwit minn Noel Borg u John Mifsud u anke hin minnhom Noel Borg jidher jaqbad lill-vitma u jkaxkru biex johorgu minn gol-karozza.

Fis-saghtejn u sitta u hamsin minuta (2:56) jidher li John Mifsud kien qed isuq il-karozza u Noel Borg kien f'tal-passiggier u Leanne Chalbi kienet fuq is-seat ta' wara u jidher il-vittma jigi mkaxkar li kien qed izomm man-naha tal-passiggier ghall-madwar

hamsin jew sittin metru sakemm imbaghad ma taqbdux iktar ic-CCTV footage. L-ghada tkellem mal-vittma gol-isptar Mater Dei fejn kien diga infurmat, informa lill-Ispettur Fabian Fleri li l-Qorti ghadu qed jinzamm sal-gurnata tal-lum. Spjegalu li Leanne Chalbi kienet marret hin qabel biex toffrilu xi servizzi sesswali izda hu skond kliemu ma accetttax minhabba r-religjon tieghu, minhabba li hu ta' religjon musulmana, qallu li ma jistax ikollu x'jaqsam ma' nisa li m'huwiex mizzewweg maghhom ghalhekk irrifjuta u Leanne Chalbi telqet il-barra. Xi hin wara irritornaw Leanne Chalbi dejjem skond id-dikjarazzjoni li tah il-vittma li ghal habta tas-saghtejn u wiehed u erbghin minuta (2:41) jidher u tah il-hin ezatt ghax kien fuq il-mobile ghalhekk kellu l-call registrata, qallu li rritornaw l-persuna femminili flimkien ma' zewg persuni maskili u biex ibieghulu mobile phone.

Hu qalilhom li ma ghandux bzonn mobile phone minhabba li hu ghandu, safrattant huma rnexxilhom jidhlu gewwa u z-zewg persuni l-ohra aggredixxewh fil-common area, fil-kamra kif tidhol u Leanne Chalbi marret fil-kamra tas-sodda, qabdet din il-bagalja li kienet ta' kulur blue li kienet mal-art u harget tigri l' barra. Minn naha tieghu hu qallu li baqa jigi aggredit minn naha taghhom. Dak il-hin kien liebes biss il-boxer shorts ghax kien ghadu kif ha shower minn naha tieghu, anzi irnexxilu jiskappa z-zewg irgiel, '*qalli tlaqt nigri, qalli kif wasalt fil-karozza pruvajt nidhol biex jigbed il-bagalja lura, qalli gew iz-zewg persuni l-irgiel gew jaggredixxuni biex jaqlghuni minn gol-karozza, qalli rnexxili ndur mal-karozza u ergajt qbadt mal-karozza qalli u saqu, qalli imbaghad qalli wara ftit metri jien hallejt il-karozza, ma bqajtx iggranfat u waqajt.*'

Mistoqsi kif kienu jafu b'din il-bagalja qal li staqsieh din il-mistoqsija  u li '*hu minn naha tieghu qalli li jien stess qisni urejthom, qalli ghax meta bdew jaghtuni, gejt aggredit,*' Spjega '*qalli jiena qalli qisni tajthom indikazzjoni jiena ghax intfajt fuq il-bagalja biex ma jehduhiliex u ghidt jien nissoponi li indunaw li ghandi xi haga ta' valur fiha.*' Rigward lilu personali spjega '*Rigward lilu, hu qed jghid hemmhekk gieli nizlu nies, hu qed jghid li gieli marru nies ibieghulhom mobile phones, joffrulhom servizzi sesswali, qal jigifieri dawn in-nies hija xi haga ta' kuljum li jmorru hemmekk.*' Hu qal li ma kienx jaf il-persuni.

Xehed li wara gew identifikati Leanne Chalbi u John Mifsud, intalbu mandati ta' arrest li inhargu. Leanne Chalbi giet arrestata fl- 20 ta' Novembru 2018 mill-Marsa, giet

arrestata mill-Pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-drogi. Kellimha l-ghada, dakinhar stess filghodu ghax hi giet arrestata mal-lejl. Hi kkonfermat li ma xtaqietx li tkellem avukat u iffirmat dikjarazzjoni dwar dan. Din giet esebita bhala Dok LZ. Din il-Qorti mhijiex sejra taghmel referenza ghal dak mistqarr mill-ko-akkuzata Leanne Chalbi stante li din ma hijiex prova ammissibbli fil-konfront tal-appellant. L-istqarrija giet esebita bhala LZ1. Rigward l-appellant John Mifsud xehed li gie arrestat fis-27 ta' Novembru 2018 ukoll matul il-lejl, li qabel ma ghamel l-interrogazzjoni hu ghazel jikkonsulta ma' Avukat, qabel l-interrogazzjoni huwa ghazel li jirrispondi ghal kull mistoqsija.[43] Gie mressaq il-Qorti fit-28 ta' Novembru 2018. Huwa esebixxa l-istqarrija awdjo viziva li ttiehdet minn John Mifsud fis- 27 ta' Novembru 2018.
Rigward Noel Borg spjega li ma setghux jitresjawh, la lilu u lanqas il-vettura. Dahal alert fl-*international stop list* minn naha tal-Pulizija fl- 4 ta' Dicembru 2018 u gie ikkuntatjat minn Noel Borg li sar jaf li qed jigi mfittex mill-Pulizija u biex jara x'ser isir minn naha tieghu. Infurmah li bhala Pulizija kienu qeghdin ifittxuh u li kellhom wkoll mandat ta' arrest fil-konfront tieghu u ftehmu li jigi d-depot tal-Pulizija flimkien mal-karozza. Ghamel hekk u gie bil-karozza b'kollox, fejn inghata s-solitu twissija u ghazel ukoll li jikkonsulta mal-avukat tieghu Dr Yanika Vidal li kienet ukoll prezenti waqt l-interrogazzjoni. Hu rrifjuta li jirrispondi ghal kull mistoqsija li saret fil-konfront tieghu. Gie mressaq l-ghada fil- 5 ta' Dicembru 2018 quddiem il-Magistrat Dr. Doreen Clarke u esebixxa l-istqarrija audio viziva li ttiehdet lil Noel Borg bhala LZ NB minnu minn Stacey Attard. Din l-istqarrija awdjo viziva ma tinstabx fil-process tal-kawza kontra John Mifsud.

Huwa esebixxa sentenza li nghatat fil-konfront ta' Leanne Chalbi bhala LZ3[44], Dok CIR u anke formalment esebixxa l-vettura BEE 008 tal-ghamla Volkswagon Beetle ta' kulur blue bhala DOK VB u d-dettalji tal-vettura bhala VB 1.

Fil-current incident report li jinsab esebit bhala Dok CIR a fol 44 mehud bil-lingwa Ingliza tnizzel li fit- 22 ta' Novembru 2018 l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun gew

---

[43] Din il-Qorti tinnota li kemm mill-filmat tal-interrogazzjoni li jinsab fic-CD a fol 37 u mmarkata bhala Dok LZ2 u anke mit-traskrizzjoni taghha li hija mmarkata bhala Dok LV1 a fol 77 et sequitur jirrizulta li John Mifsud ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda.
[44] Sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 2018 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija [Spettur Trevor Micallef] vs Leanne Chalbi.

infurmati mill-GHQ Control Room li gewwa triq is-Serkin, Marsa kien hemm persuna li kien gie attakat u misruq. Pulizija marru fuq il-post immedjatament u iltaqghu mal-vittma, certu Lamin Jammeh. Is-Sur Jammeh qal li '*he was in his residence which is a garage at Triq is-Serkin, Marsa, when all of a sudden 3 persons, 2 male and one female, entered same garage and attacked him physically and stole from him a suitcase/pouch containing some documents and 4000EURO in cash. Mr. Jammeh explained that he followed these 3 persons as they ran away from the crime scene and same entered a parked vehicle, but he tried to take his things back by force where same attacked him again, but he kept grab of his things as they drove away with him dragging on the street until he let go. Mr. Jammeh suffered injuries on his left leg.*' Il-Pulizija ghamlu kuntatt ma' Mater Dei biex tintbaghat ambulanza fuq il-post ghas-Sur Jammeh, fejn minuti wara l-ambulanza bin-Nurse Stephanie Muscat 4593 waslet fuq il-post u hadet lis-Sur Jammeh l-isptar Mater Dei. Il-Pulizija fuq is-sit innutaw CCTV cameras fuq l-post tal-incident u kellmu lis-sid tal-cameras u cioe' lil certu Martin Grech fejn dawn ic-CCTV cameras kienu ccekjati u l-vettura uzata mis-suspettati giet identifikata bhala VW Beetle bil-kulur blu car bin-numru ta' registrazzjoni BEE008. Pulizija gew avvicinati minn persuna li xtaq jibqa' anonimu li qal li wiehed mis-suspettati li kien id-driver kien certu John Mifsud maghrufa bhala Johann Mifsud bin-numru tal-karta tal-identita' 140675M. L-Ispettur S. Attard kienet infurmata li infurmat ukoll lis-Spettur tac-CID L. Zammit u l-Magistratt tal-Ghassa Dr Ian Farrugia fejn minn naha tieghu ghamel inkjesta magisterjali u appunta bhala esperti tal-Qorti lil Dr. Mario Scerri u Keith Cutajar. PS 586 u WPC293 tas-SOCO irraportaw fuq is-sit.

B'ordni tal-Ispettur S. Attard PC 321 thalla fix point ma' Lamin Jammeh ghas-sigurta' tieghu. F'dan ir-rapport tnizzel ukoll li '*Mr. Lamin was admitted from Mater Dei Hospital by order of Dr. R. Shamaki which he certified Mr Lamin is suffering from slight injuries. Mr Lamin was spoken by Pc 321 and Ps 827 to report at GHQ Floriana CID to be spoken by Insp S. Attard and Insp L. Zammit at 09:00hrs.*' Tnizzel ukoll li '*PC 47 of second watch, Pc1469 of night watch were duty fixpoint with Lamin Jammeh for his safety.*'

Skont dokument Dok VB1 a fol 48 et sequitur, il-vettura tal-marka Volkswagen Beetle TDI ta' kulur blu bin-numru ta' registrazzjoni BEE008 kienet tghajjat lil Noel Borg bin-numru tal-karta tal-identita' 0159080M u dan mis- 6 ta' Novembru 2018.

**Dr. Lennox Vella** xehed fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2019 fejn esebixxa it-traskrizzjoni tal-interrogazzjoni ta' Chalbi Leanne u John Mifsud  bhala LV u LV1.

Il-vittma li fit-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu gie indikat bhala **Lamin Jammih** xehed xehed bil-lingwa Ingliza fil- 21 ta' Jannar 2019. Spjega li;-

> '*The day I close from work, I came into our garage, we call it garage, so I went there, I went to the bathroom, I came to come and take the bath so I went inside to take the bath so I came from the bathroom, then I come and knock on the door these three people. I say who are you?*' Spjega li '*They knock the door and at that time I had only my boxer and a towel. I wasnt even wearing my clothes, I didnt even pray, they knock the door, I opened the door for them*'. Huwa identifika li ra t-tlett imputati. Spjega '*I asked them what do you want? They tell me that .... and I said I am sorry I dont have money, can you go please, let me close my door.* ' Jghid li kien  il-persuna tan-nofs li l-Qorti identifikat bhala Noel Borg li qallu dwar il-mobile phone, l-iehor kien qieghed wieqaf hdejn il-garaxx. Spjega li l-persuna femminili kienet gewwa d-dar. Spjega li '*I said I dont need the phone, can you please go out, let me close the door.*' Spjega li '*They refused so I said if you dont go out I will call the Police and this one in the middle he started to fight me.*' Jghid li '*he punched me look at my teeth.*'I l-Qorti qalet li '*the Court can atest that the his front right tooth is slightly displaced and the gums are also swollen.'*

Jghid li qatt ma ra dawn il-persuni f'hajtu. Ma jafx kif jafuh, jghid li gieli jigu nies hemm. Jghid li wara x-xoghol imur id-dar u ma johrogx. Spjega li '*they started fighting me and pushed me inside my house.*'  Jghid li '*they broke the stand fan, when the Police came they saw everything*' U li wara hadulu l-bagalja '*The money is inside, my documents, my clothes, everything is inside that luggage.*' Ikkonferma li ried jiprotegi l-affarijiet tieghu u mar hdejn il-bagalja u beda jistenna lil xi hadd jghinu izda hadd ma gie u ghalhekk hadulu l-bagalja minn idejh u cioe' Noel Borg u wara nghatat lil mara u cioe' lil Chalbi u l-mara griet bil-bagalja. Spjega li '*I managed to escape from the house, I followed the*

*woman inside the car'*. Kjarifika li inghata daqqa ta' ponn kemm qabel ma ha l-bagalja u anke wara li ttiehdet, kienu ghadhom qed jiggieldulu. Li kemm Mifsud u anke Borg iggieldulu b'daqqiet ta' ponn. Jghid '*it is painful on my back.*' Ikkonferma li hu gera biex jiprotegi l-bagalja tieghu u gew warajh. Ikkonferma li mar hdejn il-bagalja u li pogga fuqha. Jiftakar li l-vettura kienet blu cara. Li '*I went inside the car to protect my bag.*' Il-mara kienet fuq wara, wara l-passiggier. Li dahal '*where the back door*'. Spjega li '*I tried to take my bag, I was so ... there were two people there looking at me and nobody help me*'. Li l-akkuzati irgiel harguh mill-vettura.

Meta harab mid-dar kienu ghadhom warajh, mistoqsi '*But then they came back after you, they went to the car and chased after you*' wiegeb '*They didnt go immediately, they go slow slow*'. Harguh mill-karozza u spjega li '*They take me back and they fight me even the camera saw it*'. Komplew isawtuh fit-triq. Mar fuq in-naha tal-passiggier '*so I hung by the door*' mistoqsi '*You hung on the handle*' wiegeb '*Yes so they could not go with my bag so somebody can help me*'. Gie verbalizzat '*At this point the witness is pointing to his left hand side hip downwards.*' Spjega li '*The car passed over my leg so then I take my phone and called the police and I dont know the street and had blood coming out and saw a Maltese and gave the telephone to him*'. The Police and ambulance came. Dam l-isptar tlett (3) gimghat. Jghid li d-data tal-incident jahseb li kienet it- 22 ta' Novembru 2018 u dan sehh wara t-tlieta kwazi l-erbgha. Dak li gara sehh ghal habta tat-tlieta (3:00) izda ma jiftakarx il-hin ezatt.

Xehed li kellu kwazi erbat'elef ewro (€4,000) fil-bagalja, il-flus tieghu kienu elf u hames mija (1500) u kellu ukoll flus ta' shabu. Il-bagalja kienet blu skura. Spjega li l-isptar tawh panadols, li '*In hospital they come to tell me to pay this bill, I said I have no money, they took everything, these people attack me, they took my luggage, everything but everything they are coming there, I dont even get better, I tell them to release me because I dont have that amount of money. The day they released me they told me that I have five thousand something that I have to pay it, if I dont pay it you will not go.*' Jghid li mill-billing section. Mistoqsi ghadux jiehu medicini wiegeb '*No, because I released myself, they told me that you are going to pay this money and I said that me I am here so everyday it is increasing and I dont have money.*' Xehed li ghadu migugh, li difficli hafna ghalih biex jitlob.

In kontro-ezami qal li ilu hawn erba' (4) xhur u li jahdem fil-kostruzzjoni. L-elf u hames mija (1500) tieghu kienu pagi peress li l-imghallem ihallsu kull nhar ta' Gimgha. Dan jismu Vincenzo.

**PC 965 Maverick Camilleri** fis-seduta tal- 21 ta' Jannar 2019 xehed dwar l-arrest ta' Noel Borg. In oltre' dan ix-xhud xehed li ghamel ukoll time line tal-cameras tat-(22 ta' Novembru 2018 fi Triq l-Istallel il-Marsa. Spjega li fl-ewwel ritratt ghamel aerial photo minn fuq tal-area u mmarka fejn sehh l-incident u minn fejn setghet giet il-vettura li semma, imbaghad fit-tieni ritratt ghamel minn fejn hadu l-cameras, chicken farmhouse, triq l-Istallel Marsa, imbaghad beda jaghmel ritratti ta' xiex innota fil-cameras li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz. Ghamel ir-ritratt u ma genbhom ghamel CCTV. Spjega li din ir-residenza qieghda fejn sehh l-incident, fejn joqghod Lamin Jammah din blokka ta' garaxxijiet, faccata hemm din ir-residenza gewwa Triq l-Istallel il-Marsa u hemm il-camera tindika naha l'fuq u naha l'isfel, in-naha t'isfel turi wkoll Triq il-Gerrejja li hija s-side road li taghti ma' Triq l-Istallel. Ghamel ir-ritratti u ma genbhom spjega x'hemm li huwa CCTV location li hija Triq l-Istallel Marsa, id-data meta sehh l-incident hija t- 22 ta' Novembru 2018, imbaghad ghamel il-hin tal-footage u r-real time, qal li hemm siegha diskrepanza, kitibha bhala offset u li hemm diskrezzjoni ta' x'hemm fir-ritratti.

Jghid li nnota l-vettura BEE008 1:46:15 sekondi li kienet gejja minn Triq il-Gerrejja u dahlet go Triq l-Istallel, it-tieni ritratt hi u tipparkja Triq l-Istallel, it-tielet ritratt jidher li John Mifsud li qed jara gewwa din l-awla, hareg minn gol-vettura u r-raba' ritratt juri li Leanne Chalbi tohrog mill-vertura. Ir-ritratt ta' wara juri Leanne Chalbi bdiet miexja l-isfel direzzjoni l-isfel lejn Triq il-Gerrejja. Il-hames ritratt juri lil Leanne Chalbi marret f'din it-triq imsemmija u ghamlet diversi minuti u wara ftit minuti tidher il-vettura tinzel l-isfel, tipparkja fil-kantuniera bejn Triq il-Gerrejja u Triq l-Istallel u Leanne Chalbi tiela l-fuq lejn din id-dahla ta' dawn il-garaxxijiet. Wara ftit il-vettura regghet irriversjat fejn kienet jigifieri fi Triq l-Istallel u pparkjat. Imbaghad regghet irriversjat, regghet saqet l'isfel u regghet ipparkjat u wara ftit sekondi regghet ipparkjat in-naha ta' isfel, tigi Leanne Chalbi u titla gol-vettura. Dehret Leanne Chalbi titla' fil-vettura waqt li kienet f'din il-kantuniera, innota ukoll li Leanne Chalbi l-ewwel

darba li dehret tiela' l'fuq kienet b'takkuna u hi u tiela fil-vettura, din it-takkuna ma baqghetx tilbisha, kellha zarbun iehor catt milli jidher fil-filmat.

Il-vettura umbghad saqet  footage time 15.10.45 u regghet giet wara 31 minuti qisu bejn wiehed u iehor u 15.41.42 u pparkjat fit-tarf tat-triq fejn bdiet tipparkja qabel, imbaghad hargu it-tlett minn nies Noel Borg, Leanne Chalbi u John Mifsud mill-vettura. Leanne Chalbi qabdet miexja l-isfel u huma regghu dahlu fil-vettura, 15.54.49 tidher Leanne Chalbi tigri lejn il-vettura b'xi haga u ggorr xi haga f'idejha u wara qisu bazikament f'inqas minn minuta jidher il-vittma Lamin Jammah jigri lejn il-vettura. Ritratt ta' wara juri li hareg John Mifsud qadt ma' genb il-vettura u hareg Noel Borg u beda' jikkumbatti ma' Lamin Jammah ghax beda' jipprova jidhol gol-vettura.  Mistoqsi jekk dan hemm fil-filmat wiegeb li kollox fil-filmat u mbuttah, jidher jimbuttah Noel Borg, imbaghad dahlu fil-vettura u Lamin Jammah beda' jipprova jidhol fil-vettura u malli beda' jipprova jidhol, ir-ritratt ta' wara juri li saqu bih waqt li kien qieghed imdendel bil-bieba miftuha u hu mdendel u qed isuqu, imbaghad ir-ritratt ta' wara jidher fit-tarf tat-triq, f'dik il-kantuniera li semma ghadu mdendel Lamin Jammah. Dan it-timeline gie esebit bhala Dok MC.  Din il-Qorti mhijiex sejra tkun qiegdha tistrieh fuq dan it-time line izda sejra tkun qieghda tara l-filmati hija stess tac-CCTV.

**Profs Raymond Gatt** xehed fit- 13 ta' Frar 2019 fejn prezenta r-rapport tieghu bhala dok RZ. Spjega li kellu l-injury f'Novembru u ezaminah fi Frar. Spjega li l-perjodu huwa zghir wisq biex johrog id-dizabilita izda ser ikollu. Normalment jistenna sitt (6) xhur. Spjega li '*Dan kellu friction burn li kienet size sostanzjali fuq il-koxxa tax-xellug. Hu allega li din saret ghax zamm ma' bieba ta' karozza waqt li kienet qed issuq u kien hemm l-ingurja mat-triq. Issa meta ezaminajtu jien 3 xhur wara ghandu ferita fis-sens a scar, hija scar li hija fonda, sensttiva. Il-gilda m'hiex normali*'.

**Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehdet fit- 13 ta' Frar, 2019 fejn spjega li qieghed jixhed rigward vettura BEE 008 li hija Volkswagen beetle ta' kulur blu rregistrata fuq Noel Borg bin-numru tal-karta tal-identita' 159080M u ila hekk registrata fuq ismu mis- 6 ta' Novembru 2018. Din id-dokumentazzjoni giet immarkata bhala Dok KC.

L-**Ispettur Lydon Zammit** fis-seduta tat- 13 ta' Frar 2019 prezenta certifikat mediku mahrug minn Dr Shamaki Garba numru mediku 5955 li gie mahrug fit- 22 ta' Novembru 2018 lil Lamen Jameh. Dan gie esebit bhala LZZ u jinsab a fol 134.

**Dr Shamaki Garba** xehed bil-lingwa Ingliza fit- 13 ta' Frar 2019 fejn gie muri certifikat mediku u kkonferma l-firma tieghu u l-kontenut. Spjega li l-pazjent kien migjub l-emergenza jahseb li fit- 22 ta' Novembru tas-sena l-ohra '*he had claimed he have had an issue with some of his housemate. He claimed to have been dragged on the floor. He sustained some frictional injury . . . . . left elbow, the lateral side of his left thigh, his knee as well as the front of his leg. And I remember he claimed to have also been hit on the teeth but there was no visible injury*'.

**Ansumana Drammeh** xehed bil-lingwa Ingliza fit- 13 ta' Frar 2019 li f'Novembru kien jghix Malta il-Marsa ma' Lamin fl-istess dar. Jghid li kien barra u cempillu Lamin li kellu l-incident, li '*I went out and Lamin called me with my telephone and he tell me that I have a problem. I say what kind of problem, he says somebody attack me in ths house and that they wound me seriously*'. Li qallu li ahjar icempel ambulanza u li Lamin qallu li ghandu habib li se jcempel ambulanza u qallu wkoll icempel lil Pulizija u qallu li l-Puliziija qeghdin fi triqthom u li haduh l-isptar. Li haduh l-isptar fejn kien Lamin. Li ha ritratti tad-dar. Lamin qallu li kien hemm zewg irgiel u mara li attakawh fid-dar tieghu. Kien imur jarah darbtejn, tlieta jew erbgha fil-gimgha. Wara telaq lejn l-Italja. Jghid li kien tah erba' mitt ewro (€400) biex izommomlu. Jghid li kienet bagalja kbira. Ikkonferma li zamm il-flus fil-bagalja li tah. Huwa kellu c-cavetta tad-dar. Spjega li '*when we are coming from the hospital I find the Police there and they ask me can you explain the place where this accident happen. I tell him yeah I can explain. But that time I don't know Marsa too much . . . . and they told me can you explain the house. I say yes I can explain the house. So I tell them anyway I have the picture in my mobile, I can show you how where it's happen. They told me ok. So they saw the pictures and the picture I take. They tell me can we take you back there and we saw it for ourselves. I say ok no problem. I take them*'.

**Ansumana Drammeh** riprodott fl-istess seduta xehed bil-lingwa Ingliza u prezenta ritratti li huwa ha bil-mobile phone tieghu bhala AD konsistent f'sitt ritratti. Ritratti 1 u 2 huma fejn hemm is-sodda ta' Lamin filwaqt li ikkonferma li fir-ritratti 3 u 4 is-

sodda ta' Lamin mhijiex dik bic-*checked bedspread* izda ikkonferma li '*the white the transparent*'. Spjega li l-post vojt huwa fejn kien hemm il-bagalja ta' Lamin u cioe' fejn il-Qorti immarkat bl-ittra X. Iz-zraben sabuhom hemm, ma huma ta' hadd li jghix hemm.

Fis-seduta tal- 20 ta' Marzu 2019 il-Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni awtorizzat li kopja awtentikata tal-process verbal esebit fl-istess seduta fil-kawza 'Pul vs Noel Borg' li ghandha ssir mir-Registratur tigi inserita f'dawn l-atti. Mill-vera kopja tal-process verbal jirrizulta li kien xehed **Keith Cutajar** fl-10 ta' Dicembru 2018 quddiem il-Magistrat Inwkirenti li b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti tat- 22 ta' Novembru 2018 kien gie nominat bhala espert tekniku. Ir-relazzjoni tieghu giet immarkata bhala Dok. KC.

L-**Ispettur Stacy Attard** xehdet fl- 20 ta' Marzu 2019[45] li fit-22 ta' Novembru 2018 ghal habta tal-5:15 ta' filghaxija giet infurmata minn PS 593 li aktar kmieni ghal habta tat-tlieta' ta' wara nofsinhar kien gie aggredit persuna maskili gewwa Triq it-Tigrija Marsa fir-residenza tieghu. Li irrizulta li l-vittma kien certu Lamin Jamah ta' nazzjonalita' mill-Gambia. Qal li kien fil-garaxx tieghu wara li gie mix-xoghol fejn persuni mhux maghrufa kienu habtulu fuq il-bieb tal-garaxx tieghu u qalulu sabiex ibieghulu xi mobiles fejn hu qalilhom li ma ghandux bzonn mobile u huma aggredewh u serqulu bagalja ta' lewn celesti li kienet fl-ewwel kamra fuq il-lemin. Huwa qal li fl-istess bagalja kellu xi dokumenti u xi flus kontanti li jammontaw ghal madwar erbat'elef ewro (€4000). Qal li kien f'dak il-punt li hareg jigri warajhom sabiex izommhom milli jisirqulu din il-bagalja fejn huma saqu b'kollox waqt li kien ghadu qed izomm mal-karozza u kaxkruh ghal madwar sittin (60) metru. Kawza ta' dan, ikkagunawlu griehi f'sieqa x-xellugija u kellu jittiehed l-isptar Mater Dei permezz ta' ambulanza. F'dak il-punt hi infurmat lil kollegi taghha tac-CID, l-Ispettur Lydon Zammit u l-Ispettur Fabian Fleri u informat ukoll lil Magistrat tal-Ghassa Dr Ian Farrugia fejn minn naha tieghu fetah inkjesta u hatar diversi esperti fosthom lil Dr. Mario Scerri, Keith Cutajar, Dr Marisa Cassar u wkoll membri tas-SOCO.

[45] It-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019

Xehdet li wara li marret fuq il-post tal-incident, marret ukoll l-isptar Mater Dei sabiex tkun tista' tisma l-verzjoni tal-vittma fejn Lamin Jamah sostna li qatt ma ra lit-tlett aggressuri u ghaldaqstant ma kienx jafhom. Meta mistoqsi jaghti deskrizzjoni tal-aggressuri, huwa qal li l-persuna femminili kienet liebsa libsa sewda u zarbun tat-takkuna. Meta mistoqsi jekk il-flus kienux kollha tieghu, huwa qal li kellu biss parti minnhom u l-bqija tal-flus kienu ta' Lamin Kasama u Osman Dramih. Il-vittma gie ccertifikat li qed isofri minn griehi ta' natura hafifa minn Dr. Shamin u gie rrilaxxat dakinhar stess u inghata appuntament ghat- 23 ta' Novembru 2018 sabiex jerga jmur lura l-isptar Mater Dei. Fit- 23 ta' Novembru 2018 hi flimkien mal-kollega taghha gew infurmati li Lamin Jamah gie mizmum l-isptar Mater Dei ghal aktar osservazzjoni. Wara aktar osservazzjonijiet tal-footages irrizulta li fil-hin tal-incident tidher vettura tal-ghamla Volskwagon Beatle ta' lewn celesti bin-numru tar-registrazzjoni BEE 008 li skond is-sistema taghhom din hija rregistrata fuq certu Noel Borg. Fic-CCTV jidhru wkoll zewg persuni maskili kif ukoll persuna femminili. Minn sors anominu gew infurmati li l-persuna li kienet qieghda ssuq il-karozza fil-hin tal-incident kien John Mifsud maghruf ukoll bhala Johann u kien fil-kumpanija ta' certu Leanne Chalbi. Li kien f'dak il-mument li ghamlu lil imsemmija persuni u ritratt tal-vettura fuq il-wanted list fis-sistema tal-Pulizija. Minn hemmhekk bdew tfittxijiet wara li nhareg ukoll mandat ta' arrest u tfittxija mill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Ian Farrugia. Fis- 27 ta' Novembru 2018 gew infurmati mill-Ispettur Lydon Zammit li John Mifsud u kif ukoll Leanne Chalbi kienu jinsabu arrestati wara li nghataw dritt tal-avukat u d-dritt tas-silenzju fost drittijiet ohra. John Mifsud ghazel li jikkonsulta mal-avukat tal-ghazla tieghu, Dr Carm Mifsud Bonnici u ghazel li ma jwiegeb ghal ebda mistoqsija fl-istqarrija tieghu. Leanne Chalbi ghazlet li ma tikkomunika mal-ebda avukat. Stante li dak mistqarr mill-ko-imputata Chalbi mhijiex ammissibbli fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti mhijiex sejra taghmel referenza ghal kontenut tal-istqarrija taghha.

L-Ispettur xehdet li hargu l-akkuzi u tressqu b'arrest quddiem il-Qorti fit- 28 ta' Novembru 2018. Ftit granet wara Noel Borg gie minn jeddu ghand il-Pulizija fejn wara li nghata s-soliti twissijiet ghazel li jkollu prezenti lill-Avukat Dr. Yanika Vidal ghall-istqarrija. Kienet prezenti ghall-istqarrija li ttiehdet ukoll mill-Ispettur Lydon Zammit, inhargu l-akkuzi u tressaq b'arrest quddiem il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Doreen Clarke nhar il- 5 ta' Dicembru 2018.

**Stephanie Muscat** fix-xhieda taghha tal- 20 ta' Marzu 2019[46] xehdet li hi nurse u tahdem l-emergenza. L-incident ma ratux izda milli rat mit-Triage, il-post kien il-Marsa u kellha pazjent kellu selha fuq saqajh. Kien ragel ghadu zghir ta' nazzjonalita barranija.

**PS 593 Raphael Attard Flores** xehed fl- 20 ta' Marzu 2019[47] fejn spjega li dakinhar fit-22 ta' Novembr 2018 ghal habta tal-erbgha gew infurmati mill-control room fi Triq is-Serkin, il-Marsa kien hemm persuna li giet aggredita u giet misruqa. Hu flimkien mal-kollegi tieghu marru fuq il-post fejn sabu l-vittma certu Lamin Jamah fejn qalilhom li fejn kien jghix hu go garaxx li jinsab Triq is-Serkin stess, meta f'daqqa wahda tlieta min-nies dahlu fuqu, zewg irgiel u mara attakkawh fizikament u serqulu bhal bagalja li kellu dokumenti u kellu erbat'elef ewro (€4,000) cash. Il-vittma spjegat wkoll li huwa wara gera warajhom dawn it-tlieta min nies. Dawn dahlu go karozza pparkjata u rega' kien hemm kommozjoni fizika bejniethom u pprova jahtaf il-basket pero' dawn saqu u baqa' jitkaxxkar tul it-triq sakemm fl-ahhar mill-ahhar kellu jitlaq il-basket u minhabba f'hekk soffra griehi f'saqajh ix-xellugija. Infurmaw lil Mater Dei biex tingieb ambulanza fuq il-post biex jigi assistit u ttiehed l-isptar. Meta marru fuq il-post innutaw wkoll li kien hemm CCTV cameras fejn huma ccekjawhom u mill-filmat deher il-vettura involuta kienet Volskwagen Beatle bir-registration number BEE 008. Dahltilhom wkoll informazzjoni li wiehed mis-suspettat huwa certu wiehed John Mifsud maghruf bhala Johann Mifsud. Huwa informa lill-Ispettura bil-kaz li minn naha taghha infurmat lis-Sur Lydon Zammit li wkoll gie fuq il-post. Huwa kkonferma li r-rapport li ghamel referenza ghalih huwa l-istess wiehed a fol 44 u kkonfermah bil-gurament.

**PC 270 Sean Borg** fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2019[48] xehed li fit-22 ta' Novembru 2018, kien dettaljat l-Ghassa tal-Marsa u ghal habta tal-erbgha ircevew telefonata mill-control room tal-Pulizija li kien hemm persuna li giet misruqa fi Triq is-Serkin gewwa l-Marsa. Hu u PC 270 u s-Surgent PS 593 u PC 508 marru fuq il-post fi Triq is-Serkin,

---

46 It-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019
47 It-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019
48 It-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019

fejn kif waslu sabu persuna ragel fejn kellu griehi fuq saqajh ix-xellugija fejn dak il-hin qalilhom li kien ghadu kemm gie misruq minn tlett persuni, zewgt irgiel u mara, mar jipprova jwaqqafhom ghax kienu ha jaharbu b'karozza minn fuq il-post u kaxxkruh ghat-tul tat-triq. Dak il-hin gie moghti ordni mis-Surgent 593 sabiex jibqa' fixed point mal-garaxx minn fejn sehhet is-serqa sakemm gew il-Pulizija tal-Forensika.

**PC 508 Aidan Gatt**[49] fil-verbal tas-seduta indika tbhala 'PC508 Adon Gatt' xehed fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2019 fejn spjega li kien stazzjonat gewwa l-Hamrun dahlet telefonata fit- 22 ta' Novembru 2018 kien second watch. Il-hin kien ghal habta tal-erbgha. Meta waslu fuq il-post sabu l-imsemmi vittma Jamel Lamin li qalilhom li kellu certu injuries ma' saqajh il-ghaliex serquh, dak il-hin kien kommoss hafna u huma minnfih bdew jitkellmu mieghu u urihom fejn gara l-incident. Hadhom fil-kamra tieghu u uriehom t-taqlib. Dak il-hin kien ukoll imwegga, ma tantx beda jitkellem u cemplu l-ambulanza biex tiehdu minn fuq il-post, ftit wara qalilhom wkoll li waqt li kien qieghed hemmhekk serqulu certu flus u xi dokumenti wkoll li kellu u wara tawh titwila barra ukoll biex jaraw jekk hemmx xi cameras jew hekk u kien hemm fir-residenza ta' faccata. Il-flus qalilhom li kienu go pouch fil-kamra tieghu, jghid li '*Pouch, basket zghir semma*''. Il-griehi ma qalilhomx minn xiex garrabhom izda mill-filmat raw li tkaxkar ma' karozza. Mill-filmat ra persuna ta' karnaggon skur tissielet ma' persuna ghax riedet taghlaq il-bieba u waqt li beda' jikkonfrontahom din il-persuna kienet ser taghlaq il-bieba u l-vettura qabbdet issuq, kissret fuq in-naha tal-lemin u din il-persuna qabdet maqbuda maghhom li tkaxkret minn hemmhekk. Il-vettura kienet Volkswagon ghax kellha ghamla tonda Beatle ta' kulur car. Gie muri Dok DZ u l-istills, parti mir-relazzjoni ta' Keith Cutajar fil-process verbal u kkonferma li dak li qed jara huwa dak li ra mic-CCTV, li l-istess vettura.

**PS 586 Mario Azzopardi** u **WPS Michelle Camilleri** xehdu fid-29 ta' April 2019 fejn prezentaw ir-rapport konguntiv taghhom. Vera kopja tar-rapport jinsab a fol 243 et sequitur huwa mmarkat bhala Dok AA.

---

[49] It-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019

L-**Ispettur Roderick Agius** xehed fl- 10 ta' Gunju 2019 fejn prezenta kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija fil- 31 ta' Awissu 2018 fejn kien l-Ufficjal Prosekutur flimkien mal-Ispettur Sean Friggieri fil-kawza kontra John Mifsud. Huwa gharaf lil John Mifsud fl-awla. Dawn gew immarkati bhala Dok RA.

L-**Ispettur Lydon Zammit** xehed fl- 10 ta' Gunju 2019 fejn esebixxa sentenza moghtija fis- 17 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs John Mifsud'**. Prezenta sentenzi ohra moghtija fil-konfront tal-ko-imputata Leanne Chalbi.

L-**Ispettur Lydon Zammit** rega xehed fil- 15 ta' Lulju 2019 fejn esebixxa l-att tal-akkuza bid-dettalji kollha, bil-konnotati kollha ta' John Mifsud fl- 24 ta' Settembru tas-2005 u dan rigward is-sentenza li giet prezentata fl-ahhar seduta li ma kelliex id-dettalji. Din giet immarkata bhala Dok LZZ.

L-**Ispettur Fabian Fleri** xehed fis-seduta tal- 10 ta' Gunju 2019 li fit-(22 ta' Novembru tas-2018 certu Lamin Lameh kien informa lil Pulizija permezz ta' telefonata ili kien ghadu kif safa' vittma ta' serq fejn huwa kien jghix go qisha remissa fejn kienu dahlu xi nies fuqu, kienu sawtuh, hadulu bagalja li kien fiha xi flus. Dawn meta telqu, hu hareg jigri warajhom, huma rikbu f'vettura u prova jzomm lil wiehed minnhom milli jidhol f'vettura, il-persuna li kienet qed isuq saq, bil-konsegwenza li hu tkaxkar ghal diversi metri ma' din il-vettura u filfatt wara rrizulta li sofra griehi ta' natura gravi f'genbu u saqajh. Sussegwentement, wara li dahal dan ir-rapport kienu marru fuq il-post u minn investigazzjoni li ghamlu rrizulta li fil-vicinanzi kien hemm CCTV camera u minn din ic-CCTV camera kienet taghti ezatt ghal fejn il-vettura li l-persuni kienu, ghamlu wettqu dan ir-reat u kienu waqfu biha hemmhekk u giet ipparkjata hemmhekk, filfatt dawn ic-CCTV kienu cari hafna, tajbin hafna, il-vettura dehret li kienet Volskwagon Beetle mill-modern b'kulur celesti u n-numri ta' registrazzjoni kienu BEE 008 u kienu dehru persuna femminili u zewg persuni maskili.

L-ewwel marret il-persuna femminili imbaghad warajha marru l-persuni maskili u nqabad ukoll fuq il-camera it-tieni parti meta dawn gew jigru u dahlu fil-karozza u filfatt gie jigri l-vittma warajhom u inqabad ukoll fil-filmat qieghed jitkaxkar mill-karozza ghal diversi metri. Irrizulta wkoll li l-vettura BEE 008 kienet tghajjat lil Noel

Borg li minn ritratt li kellhom kien jintgharaf bhala l-persuna li riekeb passiggier fil-vettura wara li dawn telqu minn fuq il-post u kien fuq in-naha tieghu illi l-vittma inqabad mill-karozza. Irrizulta wkoll li l-persuna femminili wara li sehhet is-serqa kienet rikbet fis-seat ta' wara u dan jidher evidenti ghax il-karozza kienet three door u tidher qieghda tidhol wara s-seat ta' quddiem u l-persuni li kien qed isuq huwa persuna li kien kompletament fartas u jintgharaf li huwa John Mifsud. Dawn it-tlett persuni, is-Sur John Mifsud, Leanne Chialbi u Noel Borg gharafhom it-tlieta li huma fl-awla. Ghal bidu ma setghetx tigi rintraccata il-vettura. Kienet saret inkjesta magisterjali immexxija mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia fejn hatar diveri esperti, lil SOKO, Keith Cutajar fuq CCTVs, Dr Mario Scerri u Dr Marisa Cassar.

Kien intalab ukoll mandat ta' arrest fil-konfront tat-tlett persuni u sussegwentement Leanne Chialbi kienet arrestata fis-27 ta' Novembru 2018 gewwa l-Marsa. Din il-Qorti mhijiex sejra taghmel referenza ghal kontenut tal-istqarrija taghha stante li hija inammissibbli fil-konfront tal-appellant bhala ko-imputat. Gie arrestat John Mifsud minn gewwa residenza gol-Pieta fejn imma John Mifsud fl-interrogazzjoni tieghu kien ghazel li ma jwiegeb xejn. Dawn tressqu fit- 28 ta' Novembru taht arrest.

**Dr. Marisa Cassar** xehdet fis-seduta tal- 10 ta' Gunju 2019 fejn spjegat li ghamlet swabs miz-zarbun u hareg profil genetiku imhallat miz-zarbun fejn wiehed mill-kontributuri huwa ragel. Hareg profil tajjeb li jista' jkun ma johrogx statistikament konklussiv peress li hija tahlita ta' tlett persuni. Vera kopja tar-rapport huwa esebit bhala Dok MC.

**Dr Mario Scerri** xehed fil- 15 ta' Lulju 2019 li esebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok MS. Dan kien fl-atti tal-inkjesta dwar allegat hold up fuq 'Yameh Lamin' nhar it- 22 ta' Novembru 2018. Allega li kien aggredit minn zewgt'irgiel u mara. Gie mkaxkar, ittiehed l-isptar Mater Dei. Kellu friction burns, partial thickness burns estensivi fuq l-estremitajiet inferjuri u inzamm l-isptar fil-Plastics Department sal-erbatax (14) ta' Dicembru. Dawn il-lezjonijiet kienu kompatibbli ma tkarkir u huma ta' natura gravi per durata. In kontro-ezami fuq mistoqsijiet tad-difensur tal-ko-imputat Noel Borg, spjega li klassifika l-griehi hekk ghax hadu zmien, tul ta' zmien biex jigu mfejqin. Jghid li mhux se jhallu effetti permanenti. Scaring u hekk se jhallu dawn. Huwa rah darbtejn, dik il-gurnata u xi jumejn wara. Ma regghax rah wara. Jghid li se jibqghu vizibbli zgur

pero' fuq l-estremita' inferjuri. Kellu brush abrasions, friction burns kellu. Partial thickness. Ma kienux jinvolvu l-muscle jew carbonisation jew ghadam jew hekk. Partial thickness.

**Martin Grech** xehed fil- 15 ta' Lulju 2019 fejn spjega li gew il-pulizija u raw il-cameras. Raw il-video. Gie muri sett ta' ritratti a fol 141 u kkonferma li huwa fejn joqghod hu. Ikkonferma li hija l-vizwali li jara mill-camera tieghu. Huwa ghadda filmati ghax talbuhomlu. Kif gia gie kkunsidrat, jirrizulta li fol 141 tal-atti processwali tal-kaz odjern ma hemm l-ebda ritratti. Ghalhekk kif gia kkunsidrat aktar kmieni f'din is-sentenza, jirrizulta li r-ritratti li qeghdin isiru referenza ghalihom jinsabu fil-process tal-ko-imputat Noel Borg.

Fis-seduta tat- 30 ta' April 2020 xehdu **SM049 Christopher Lautier**, il-**Kurunell Alexander Dalli** u **Roderick Mifsud** u dan in segwitu ta' talba tal-appellant ghal riduzzjoni fl-ammont tad-depozitu impost b'digriet ghal helsien mill-arrest. Filwaqt li fil-25 ta' Mejju 2020 xehed **Charles Mifsud** Direttur tar-Rise Foundation.

Fis-seduta tat- 2 ta' Lulju 2020 xehed l-**Ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius** li prezenta Social Enquiry Report bhala Dok DC. Huwa spjega li John Mifsud beda jabbuza mid-droga meta kellu tmintax-il sena fejn dak iz-zmien beda bil-kannabis biss wara beda jabbuza mill-eroina. Hekk kif beda jiehu l-eroina, din il-problema kienet wahda akuta. John mar l-Agenzija Caritas fejn anke lesta programm pero' sfortunatement rega' waqa minhabba l-abbuz tad-droga, hafna minn dawn l-abbuzi tad-droga skond John kienu habba sitwazzjonijiet tal-familja li kienu jinqalghu. John Mifsud dejjem kien ingaggat f'diversi impjiegi regolarizzati. Spjega li llum il-gurnata rega' jinsab fil-facilita' korrettiva ta' kordin ukoll qed jahdem bhala electrician fejn minn naha taghhom ma ghandhom problemi ta' xejn, minn naha ta' xoghol dejjem jaghmel xoghlu anke jekk tqabbdu xi haga li ma hijiex xoghlu jaghmilha ghax ma jghid xejn. Testijiet tal-urina li ttiehdu gewwa l-Agenzija stess irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.

Fis-seduta tas- 7 ta' Ottubru 2018 xehed **Keith Cutajar** fejn ikkonferma li ghadda links tal-footage fil-mori tal-proceduri lid-difensur tal-partijiet. Huwa prezenta kopja bil-kulur tar-rapport immarkat bhala 'KC-COPY' u tal-filmati.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok, din il-Qorti taghmilha cara li ghalkemm jirrizulta mit-traskrizzjoni tat-trattazzjoni orali quddiem l-Ewwel Qorti fit- 2 ta' Lulju 2020 id-difensur legali tal-appellant ta' dak iz-zmien Dr Veronique Dalli kienet fost numru ta' sottomissjonijiet, issottomettiet li '*bhala stat ta' fatt is-serqa bil-vjolenza minhabba l-presenza numerika u l-ammont ma hemm l-ebda dubju li jirriżultaw issa ma iniex qed nikkontestaw il-fatt li ghandna l-vittma li spiċċat bi griehi gravi per durata imma li tiġi kontestat hija l-intenzjoni ta' John Mifsud li jikkawża li jaghmel il-ferita fuq il-vittma.*' u li '*Mhux qed jiġi ikkontestat li kien Mifsud li kien qieghed isuq din il-vettura*', stante li ma gietx registrata ammissjoni, din il-Qorti sejra tiskarta tali sottomissjonijiet li jindikaw li mhux l-akkuzi u l-fatti kollha kienu qeghdin jigu kkontestati f'dak l-istadju u sejra tqis l-aggravji mressqa mill-appellant fl-appell odjern imresqa minn avukat difensur differenti.

In kwantu l-identifikazzjoni tal-imputat, mix-xhieda ta' Lamin Jammah u cioe' il-vittma datata l- 21 ta' Jannar, 2019 jirrizulta li huwa identifika lill-appellant John Mifsud bhala wiehed mill-aggressuri, jikkonferma li kien wiehed mill-persuni li mar fir-residenza tieghu u li anke wara li ttiehdet il-bagalja mill-persuna feminili, kemm l-appellant u anke l-ko-akkuzat Borg kienu iggieldulu u li dawn sussegwentement segwew b'pass mhux mghaggel versu l-vettura. Mistoqsi '*You dont remember who was driving*' wiegeb '*So all of a sudden I went to the otherside*' ghalhekk ghalkemm ma jirrizultax jekk il-parte civile gharafx min kien qieghed isuq, jirrizulta li l-ufficjali tal-Pulizija setghu jgharfu mill-filmati li kien hemm tlett persuni, u cioe' persuna femminili bl-isem ta' Leanne Chalbi, Noel Borg li kien il-passigier filwaqt li s-sewwieq li hareg kemm il-darba mill-vettura kien l-appellant John Mifsud.

Din il-Qorti naturalment ma tistax tistrieh fuq informazzjoni anonima, tali prova ma tistax tintuza fil-kamp penali izda kif meqjus, il-provi jikkonfermaw kif l-appellant John Mifsud kellu sehem attiv fis-serqa li sehhet u dan nonostante l-fatt li l-parte civile

ma ippartecipax fl-ebda *identity parade.* L-appellant f'parti mill-appell tieghu jghid li l-istess parte civile qabel ma xehed fil-Qorti kien ra c-CCTV tant li f'hin minnhom jghid testwalment "*even the camera saw it*". Dwar dan, din il-Qorti tqis li ghalkemm mhuwiex car jekk il-vittma inghatax access ghac-cctv footages jew jekk iprezumiex li l-camera setghet tara dak li kien qieghed jigri, dan ma jfissirx li l-identifikazzjoni maghmulha mill-parte civile fl-awla kienet skoretta jew mhux ta' min joqghod fuqha.

Ma hemmx dubju li l-appellant kien ko-awtur fis-serqa li sehhet fit-22 ta' Novembru 2018, liema serqa kienet aggravata bil-valur fejn il-valur pruvat tar-res furtiva kien ta' madwar elfejn ewro, bil-lok u vjolenza. Jirrizulta car li kien hemm common design bejn il-ko-imputati, u ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'tiddisturba fl-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti in kwantu l-involviment tal-appellant.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Joseph Penza** detentur tal-Karta tal-Identita' numru 382255M u George Muscat detentur tal-Karta tal-identita' numru 331967M'[50] dwar il-*concursus delinquentium* gie kkunsidrat li:

> '*Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ighid is-segwenti dwar 'l hekk imsejjah concursus delinquentium:*
>
> *"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes the offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence." (sottolinjar tal- Qorti).*
>
> *Ikompli:*
>
> *"There cannot be a 'concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him, applies to each of the parties to the offence. ... "*
>
> Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Keith Stagno Navarro'**[51] gie kkunsidrat li:

---

[50] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Lulju, 2016 (Kumpilazzjoni Nru. 108/2013)

[51] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru, 2017 (Appell numru: 307/12 DS)

*'11. Fil-liġi Maltija, il-figura ta' accessory after the fact li teżisti fil-liġi Ingliża ma tiffurmax parti mill-elementi inklużi u msemmija tassattivament fil-liġi, biex ikun hemm kompliċita' fir-reat.*[52] *Fin-Noti tal-Professur Mamo*[53] *insibu dan li ġej: 'Concurrence after the fact is impossible. All that comes after the event cannot be the cause thereof ... it is extraneous to its happening whatever its connection with it. Thus to receive stolen articles, or to harbour a fugitive from the prisons, or to conceal the dead body of a murdered person, cannot in themselves be considered as a participation in the respective crimes. All such actions may be, in fact, are made punishable by the law as offences 'sui generis' but it would be absurd to regard them as forms of accession to the crime. Nor can it be objected that such actions are very often but the carrying out of a previous promise; for, in any such case, the antecedent promise being made to appear, it would be such promise made before the event that would constitute complicity and not its fulfilment after the fact.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Richard Grech'**[54] gie kkunsidrat li:

***'48**. Dak allura illi jrid jirrizulta mhuwiex biss l-att materjal li jindika l-presenza fizika ta' l-akkuzat fuq il-post tad-delitt ghaliex dan l- element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', izda wkoll irid jirrizulta illi huwa jkun ha sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "common design" bejn l-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kommissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghall- figura tal-ko-awtur, izda ghal dak tal-komplici billi kif inghad l-ko- awtur irid necessarjament ikun ha sehem attiv fil-kommissjoni tad- delitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tieghu fil-preparazzjoni ghall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi.'*

[52] Appell Kriminali Inferjuri **Il-Pulizija kontra Shirley Chircop**, 6 ta' Ġunju 2002. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)
[53] Paġna 126. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)
[54] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-31 ta' Ottubru, 2018 (Att tal-Akkuza: 27/2007)

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spet. James Grech, Spet. Carol Fabri) Vs Dylan McKay'</u>**[55] gie kkunsidrat li:

> *'Issa, allura, sabiex l-appellant seta' jinstab hati bhala ko-awtur f'dan id-delitt irid jirrizulta soddisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu mal-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi huwa ippresta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi irid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn dawn it-tnejn minn nies ai fini li jigi kommess is-serq mertu tal-kaz. Mankanti il-prova ta' dina l-intenzjoni u cioe' ta' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi irid jigi ippruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[56]"*
>
> *Maghmula allura dina l-kostatazzjoni, kellu jigi ippruvat qabel xejn mill-prosekuzzjoni illi l-appellant kellu 'l hekk imsejjah common design mal-awtur tar-reat, kif allegat. Dan il-fatt madanakollu jidher li sfugga lill-Ewwel Qorti billi mid-decizjoni appellata jidher biss illi mill-provi prodotti saru presunzjonijiet ta' fatt li setghu implikaw lill-appellant f'din is-serqa, minghajr ma gie stabbilit dan il- ftehim pre-ordinat ma' terz jew terzi fl-esekuzzjoni tad-delitt.*
>
> ***'Min ihajjar lil persuna ohra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s- serq jiddistrahi lil dawk li jkunu prezenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l- ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod iehor jippresta ko- operazzjoni***

[55] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Novembru, 2018 (Appell Kriminali Numru: 523/2016)

[56] App.Krim 24/05/2002 Il-Pulizija vs Carmelo Agius et. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

*diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.'*[57] '

Ghalhekk jirrizulta li l-Ewwel Qorti setghet issib htija tal-ewwel imputazzjoni u cioe' ta' serq dan limitatament ghall-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900) cash u hwejjeg ohra ghad-dannu ta' Lamin Jammeh u Ansumana Drammeh u ghalhekk fl-ammont totali ta' madwar elfejn ewro (€2000), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza skont l-artikoli 262(1)(a) u 262(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bil-valur izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmu (2,329.37) u bil-lok.

Ikkunsidrat;

It-tielet (3) aggravju jirrigwarda li l-allegati griehi gravi ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali ma gewx pruvati kif trid il-ligi. L-appellant jissottometti li meta l-parte civile dahal l-isptar Mater Dei, huwa gie ccertifikat mit-tabib tal-isptar Dr. R. Shamaki bhala li kien qed isofri minn griehi hfief. Dan jirrizulta sia mill-PIRS report u mic-certifikat mediku u testimonjanza bil-gurament tat-tabib Shamaki.

Jissottometti li mill-atti tal-inkjesta l-Magistrat tal-Inkjesta kien hatar lit-tabib Dr. Mario Scerri bhala espert mediko-legali u xehed fil-proceduri odjerni. Li l-Qorti meta kienet qieghda tisma l-kumpilazzjoni meta xehed il-parte civile qabdet u nnominat hi stess lil Mr. Ray Gatt sabiex jezamina u jirrelata dwar il-kundizzjoni medika tal-parte civile stess. Li dan it-tabib espleta l-inkarigu tieghu u eventwalment xehed ukoll quddiem il-Qorti. Ghalhekk l-appellant jissottometti li l-fatt li kien hemm espert mediku nominat fl-istadju tal-inkjesta u sussegwentement gie nominat it-tieni espert mediku, dan wassal ghal ksur tal-procedura kontemplata fil-Kodici Kriminali ghaliex sar kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 650(4) li jiddetta li bhala regola l-periti ghandhom jinhatru f'numru bil-fard. Jissottometti li zewg esperti fuq l-istess oggett ma humiex accettabbli.

---

[57] Deċiża fil-25 ta' Ottubru 1958 mill-Imħallef Dr. W. Harding - Pulizija vs Joseph Scicluna app.inferjuri. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

Ghalhekk skond l-appellant iz-zewg rapporti ghandhom jigu dikjarati mhux ammissibli u l-gudizzju ghandu jinghata biss a bazi ta' dak li kkonstata t-tabib ta' Mater Dei Dr. Shamaki li ccertifika l-griehi bhala hfief.

L-appellant jissottometti li Dr Mario Scerri u Dr. Gatt ma qablux bejniethom dwar il-kwistjoni tal-permanenza u dan il-kunflitt kellu bilfors jissarraf a favur l-appellant ghaliex johloq dubju serju dwar il-portata tal-feriti. Li Dr Mario Scerri qal li l-feriti mhux ser ihallu effetti permanenti izda biss scaring, Dr Gatt qal mod iehor ghaliex skond hu kien ser ikun hemm dizabilita'. Li l-Qorti kienet strahet fuq ir-rapport ta' Dr Mario Scerri biex ikkonkludiet li l-griehi huma klassifikati taht l-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Jissottometti li mir-rapport ma jirrizultawx l-estremitajiet tal-artikolu 216(1)(d) minhabba li ma giex pruvat it-trapass taz-zmien ta' tletin (30) gurnata li jridu bilfors jigu pruvati biex jigi pruvat dan l-artikolu. Jissottometti li t-tabib Mario Scerri spjega kif l-parte civile kien dahal l-isptar fit- 22 ta' Novembru 2018 u hareg mill-Isptar fl-erbatax (14) ta' Dicembru. Dan il-perjodu ma jammontax ghal tletin gurnata. Li mkien ma gie indikat minn Dr Scerri li se jdumu iktar minn 30 gurnata ma jfiequ. Li huwa invista lil parte civile biss dakinhar tal-incident u xi jumejn wara. Kwindi ma setax ikun jaf jekk wara 30 gurnata tali griehi fiequx jew le. Li l-Qorti kellha l-obbligu li tara li dan it-trapass ta' zmien jigi pruvat.

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok l-**artikolu 650(4) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li '*Bħala regola l-periti għandhom jinħatru f'numru bil-fard*.' Jirrizulta li fl-inkjesta, il-Magistrat Inkwirenti kien innomina lil Dr Mario Scerri bhala espert medikolegali. Jirrizulta izda li meta xehed il-vittma Lamin Jammeh indikat bhala Lamin Jammih fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2019 il-Qorti kienet hatret lil Mr Ray Gatt sabiex jezamina u jirrelata dwar il-kundizzjoni medika tal-parte civile. Ghalhekk anke jekk fil-process hemm zewg rapporti ta' zewg esperti medici, dawn invistaw lill-parte civile fi zminijiet differenti. In oltre' ma tressqet l-ebda kontestazzjoni mid-difiza ghal tali hatra f'dak l-istadju quddiem l-Ewwel Qorti u ghalhekk tali kontestazzjoni f'dan l-istadju hija infondata.

B'zieda ma dan, jirrizulta li gie anke prezentat certifikat mediku tat-tabib li invista lil parte civile l-isptar.

Mix-xhieda ta' parte civile Lamin Jammeh moghtija fil- 21 ta' Jannar tas- 2019 jirrizulta li huwa dam tlett (3) gimghat l-isptar u li kien mitlub ihallas kont u li talab li jigi rilaxxat ghax ma ghandux dak l-ammont ta' flus. Fix-xhieda tieghu moghtija fil- 21 ta' Jannar 2019 spjega li kien ghadu migugh.

Fic-certifikat mediku vera kopja tieghu jinsab a fol 97 u mmarkat bhala Dok LZZ mahrug minn Dr Shamaki Garba, in-natura tal-griehi gew indikati bhala 'Slight safe complications'. Dan ic-certifikat gie ikkonfermat minn Dr Shamaki Garba fit- 13 ta' Frar 2019 fejn spjega li '*he had claimed to have had an issue with some of his housemate. He claimed to have been dragged on the floor. He sustained some frictional injury . . . . left elbow, the lateral side of his left thigh, his knee as well as the front of his leg. And I remember he claimed to have also been hit on the teeth but there was no visible injury*'.

Fic-certifikat mahrug minn Dr Shamaki Garba fit- 22 ta' Novembru 2018 immarkat bhala Dok LZZ a fol 134 tal-atti processwali bhala griehi tnizzlu:

> '*-Extensive abrasions over lateral aspect of thigh extending to knee and calf of left lower limb*
> *-Abrasion over superior anterior* (... kelma ma tinftehimx) *spine on the left*
> *-Abrasion over left elbow*
> *-Laceration over lateral aspect of left knee*'

Dawn f'dak l-istadju gew iccertifikati bhala '*Slight safe complications*'.

**Prof Raymond Gatt** fix-xhieda tieghu tat- 13 ta' Frar 2020 xehed li l-vittma ser ikollu dizabilita izda ma jistax jghid kemm stante li kien mehtieg aktar zmien biex jikkwantifika dan. Kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti, il-Prosekuzzjoni naqset milli titlob sabiex il-parte civile jerga jigi invistat mill-Prof Gatt. Mir-relazzjoni tal-Profs Gatt a fol 122 et sequitur immarkata bhala Dok RG jirrizulta li l-Lamin Jammeh kien invistat

fit**- 23 ta' Jannar 2019** fejn fost rizultanzi ohra nizzel li '*At present, Mr Jammeh is still suffering from residual symptomatology relating to his large partial thickness burn on his left thigh and upper left leg. This ia about 40 cms in lenght and 15 cms at its wider aspect and represents about 5% of the body area. The area has now become a tough fibrous slightly tender eschar.*'

**Dr Mario Scerri** fis-seduta tal- 15 ta' Lulju (2019 xehed li Yameh Lamin kellu friction burns, partial thickness burns estensivi fuq l-estremitajiet inferjuri. Li dam jinzamm l-isptar fil-Plastics Department sal- 14 ta' Dicembru. Xehed li l-lezjonijiet kienu kompattibbli ma tkarkir u huma ta' natura gravi per durata. Huwa invistah dak inhar tal-incident u jumejn wara. Fir-rapport tieghu a fol 326 ikkonkluda li:

> '*1. Illi nhar it- 22 ta' Novembru 2018 allegatament sehh hold-up fuq* ***Jammeh Lamin*** *minn zewgt irgiel u mara u dan spicca nsterqulu xi flus u dokumenti;*
> *2. Illi waqt il- hold-up dan garrab xi griehi li kienu partial thickness burns ikkoncentrati fuq l- estremita nferjuri tax- xellug kagunati minn friction burns;*
> *3. Illi l- abrazjonijiet deskritti fuq il- minkeb tax- xellug kienu rizultat ta' friction burns;*
> *3. Illi l-lezjonjiet deskritti fuq l- aspett laterali tar- rigel tax- xellug u l-qasba tas- sieq ix- xellugija kienu ta' natura gravi per durata u dan dam l- isptar sal- 14 ta' Dicembru 2018;*'

Ghalhekk gialadarba meta Mr Ray Gatt invista lil parte civile huwa kien ghadu qieghed isofri minn griehi, dan necessarament ifisser li ghalkemm huwa dam tlett gimghat l-isptar, meta l-parte civile xehed kwazi xahrejn wara l-incident kien ghadu migugh u anke sussegwentement meta gie invistat minn Mr Ray Gatt il-griehi kienu ghadhom vizibli u ghalhekk jirrizulta li filfatt tressqet prova li l-parte civile sofra griehi li damu aktar minn tletin (30) jum.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi'**[58] inghad li:

[58] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju, 2004 (Appell Kriminali Numru: 193/2003)

*'Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal- provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza. U huwa proprju dan li jidher li ghamlet l-ewwel qorti, u cioe` li wara li qieset mhux biss id-deposizzjonijiet tat-tobba izda wkoll dak kollu li rrizulta minn deposizzjonijiet ohra – inkluza d- deposizzjoni ta' Rita Ebejer – waslet ghall-konkluzzjoni li l- imsemmija Ebejer garrbet offiza ta' natura gravi fit-termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali, u li din l-offiza kienet ir-rizultat dirett tal-intervent ta' l-appellant. Din il- Qorti ma ssib ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddipartixxi minn din il-konkluzzjoni.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Clint Calleja'** [59]gie kkunsidrat li:

*'Issa jigi ccarat mill-ewwel li l-artikolu 216(1)(d) ma jghidx li biex ikun hemm offiza gravi per durata, tali offiza trid tkun damet "aktar minn xahar" biex tfieq (kif jghid l-appellant fil- hames paragrafu hawn fuq citat). Kliem il-ligi huwa carissimu u jsemmi perijodu ta' "**tletin gurnata jew izjed**". Jigifieri l-fejqan ta' l-offiza, biex jissussisti r-reat in ezami, irid ikun ipperdura almenu "tletin gurnata" jew "izjed minn tletin gurnata". Dak li din il-Qorti trid tara ghalhekk huwa jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment fuq il-bazi tal-provi mressqa tikkonkludi li l-offiza li sofra Ashley Falzon Bakebread f'imniehru damitx*

[59] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru, 2004 (Appell Kriminali Numru: 121/2004)

*ghall-inqas tletin gurnata biex tfieq.*

*Issa bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl- Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004:*

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid- dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

*L-ewwel Qorti effettivament waslet ghall-konkluzjoni li l-vot tal-ligi f'dan il-kaz kien soddisfatt a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*"Illi dwar jekk il-ferita hi klassifikabbli bhala gravi l-Qorti tistrieh fuq ix-xhieda tat-tabib (fol. 63) li kien l-ewwel li mmedika lill-kwerelant meta dan iddahhal l-emergenza l- isptar San Luqa u rriskontralu ksur fl-ghadma tal-imnieher li kklassifikaha bhala gravi. Jirrizulta fil-fatt li l-fejqan irrikjeda perijodu ta' bejn tliet gimghat u xahar. Fil-kuntest ta' din il-ferita, senjatament ghall-konsegwenzi li halliet, gew esebiti 'ex parte' zewg certifikati medici li pero` baqghu ma gewx konfermati mill-konsulenti medici li rrilaxxjawhom b'dan li difficilment jikkostitwixxu u jistghu jittiehdu bhala prova valida u univoka tal-kontenut taghhom."*

*Jigifieri l-ewwel Qorti, a bazi ta' dak li xehed it-tabib Dr. Edward Despott li kkonferma li rrilaxxja c-certifikat esibit a fol. 15 tal-process u mnejn jirrizulta li kien ezamina lil Ashley Falzon Bakebread, sab li kellu ksur tal-ghadam tal- imnieher u kklassifika tali offiza bhala wahda gravi per durata, u a bazi tax-xhieda ta' l-istess Ashley Falzon Bakebread dwar kemm dam il-perijodu ta' fejqan (fil-fatt, ghalkemm fis-7 ta' April 2003*

*semma' perijodu ta' bejn tliet gimghat u xahar, kien diga` xehed fl-24 ta' Jannar 2002 u qal li mniehru kien dam "circa xahar" biex ifieq), waslet ghall-konkluzjoni li l-imsemmi Falzon Bakebread garrab offiza ta' natura gravi fit-termini ta' l-artikolu 216(1)(d) tal- Kap. 9. Issa huwa veru li t-tabib Dr. Edward Despott xehed li ma setax jghid kemm dam l-appellant biex ifieq peress li ma regax rah, pero` din, anke fuq l-iskorta tas- sentenza fuq citata, mhijiex raguni mpellenti ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi respint.'*

In kwantu l-involviment tal-appellant fl-ikkagunar ta' dawn il-feriti, kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata '***Mifsud ma ghamel xejn biex jipprevjeni l-hsara*** *li ndubjamanet kienet ser tigi kawzata lill-bniedem igranfat ma karozza hi u tinstaq.* ***Minflok skansah mill-perikli, il-periklu holqu propjament hu****.*

*Ma ngabet l-ebda prova li f'xi hin, waqt li Lamin qed jigi mkaxkar, Mifsud waqqaf il-vettura kif tikkontendi l-abbli difiza tieghu. Dak li jidher hu l-kontra.* ***Il-filmat juri li Mifsud baqa' jkaxxkar lil Lamin ghall metri shah, dar kantuniera bih sakemm dan il-povru bniedem ma fellahx izomm izjed kagun tal-feriti li kien qed igarrab hu w jitkaxkar b'kawza tas-sewqan ta' Mifsud.'***

In oltre' kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata:

*'Ma hemmx dubbju li appena John Mifsud startja l-vettura w beda jsuq, dik l-intenzjoni ta' Mifsud li jaghmel hsara lil Lamin avverrat ruhha. Bniedem li ma ried jaghmel l-ebda hsara ma jsuqx meta ghandu persuna vicin il-vettura, multo magis meta tinsab imdendla mal-bieba, nofsha gewwa fuq is-seat tal-passiggier u meta l-bieb tal-vettura ghadha miftuha berah u hu qieghed jipprevjeni li tinghalaq. L-intenzjoni ta' Mifsud li jaghmel hsara lil Lamin tirrizulta pjenament meta jigi kkunsidrat il-velocita qawwija li saq biha, b'Lamin jghajjat ghall-ghajjut hu w jigi*

*mkaxxkar ghal metri shah. Minn dan l-agir kif jixhed il-filmat, il-Qorti tikkonkludi li* ***Mifsud ma ddejjaq xejn jipperikola hajjet Lamin****!'*

Illi ma hemmx dubju li l-appellant kellu l-intenzjoni li jaghmel il-hsara u dan huwa rifless bil-fatt li meta saq il-vettura waqt li l-vittma kienet imdendla mal-bieba setgha jipprevedi li l-vittma kien ser isofri griehi.

Din il-Qorti ghalhekk qieghda tikkonferma htija tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontrih wahdu izda ta' offiza ta' natura gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali izda kif sejra tqis fil-parti dedikata ghal piena tqis dan ir-reat bhala mezz ai fini u ghalhekk kompriz u involut fir-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, valur li ma jaccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmu (2,329.37) u l-lok.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti gia ghamlet referenza ghal uhud mis-sottomissjonijiet tal-appellant fir-raba' aggravju rigwardanti osservazzjonijiet li skond l-appellant jimmilaw a favur il-liberazzjoni tal-appellant. Kif gia inghad l-identifikazzjoni maghmulha mill-parte civile li l-appellant kien wiehed mill-aggressuri u l-identifikazzjoni maghmulha mill-Pulizija mill-filmati tac-CCTV li kien l-appellant li kien qieghed isuq giet ampjament ippruvata. Din il-Qorti sejra tqis jekk l-Ewwel Qorti setghetx issib htija tat-tieni imputazzjoni migjuba kontrih wahdu u cioe' rigwardanti sewqan ta' vettura tal-ghamla Volkswagen bin-numri tar-registrazzjoni BEE008.

Dwar dak li jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont u perikoluz, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alfred Mifsud'**[60] fejn gie kkunsidrat li:

*"****Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-*

[60] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju, 1997

*ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il- grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'ghandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.* ***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' taghhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara ċ- ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin w il-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena, il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluż." (**ara The Police vs Charlotte Chamberlain**[61]);'*
(Dettalji tas-sentenza kif citata jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna).

Dwar il-kwistjoni jekk sewqan jikwalifikax bhala perikoluz, fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. M. Buttigieg) Vs Mario Gellel'**[62] gie kkunsidrat:

*'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali :* ***"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"*** [3.5.1953] (Vol. XXXVII. iv. p. 1108) *:-*

*"Sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni tan-normi regolamentari , imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkreta ruha f' konsegwenzi dizastruzi . Il-Ligi in tema ta' sewqan perikoluz , tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta''*

[61] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Mejju, 1996
[62] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar, 2004 (Appell Kriminali numru: 202/2003)

Illi din il-Qorti tqis li mill-filmati ma hemmx dubju li l-appellant saq il-vettura b'manjiera ferm traskurata, perikoluza u bla kont u dan meta wiehed iqis li nonostante li l-parte civile kien ghadu parti minn gismu fil-vettura u saqajh barra, il-vettura baqghet tinstaq mill-appellant b'velocita bil-konsegwenza ta' numru ta' griehi li gew sofferti mill-parte civile. Kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appellant saq kif saq b'dik il-velocita' kbira propju ghax kien zamm *a look out* u ntebah li Lamin ma kienx ser ihalli jinsteraqlu gidu kif gib u lahaq. Li kien ghalhekk li bla hniena, waqt li rah ghadu jaghmel hiltu biex jidhol fil-vettura, meta ghadu b'saqajh mal-art, saq bih b'kollox, dar kantuniera bih imdendel mal-vettura, ikaxxkru minghajr ma jnaqqas il-velocita'. Ghalhekk dan is-sewqan jammonta ghal wiehed perikoluz u ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija ta' din l-imputazzjoni.

Illi in kwantu t-tielet (3) akkuza u cioe' dik tar-recediva *ai termini* tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ispettur Lydon Zammit fis-seduta tal- 10 ta' Gunju 2019 prezenta vera kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Frar 2011 ghal piena komplessiva ta' seba' (7) snin prigunerija u multa ta' tlett elef ewro (€3000) kif ukoll l-ispejjez tal-perizji u l-konfiska ta' flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli tal-hati. Din tinsab a fol 281 et sequitur immarkata bhala Dok LCZZ. L-Ispettur Lydon Zammit fis-seduta tal- 15 ta' Lulju 2019 prezenta l-att tal-akkuza li tinsab a fol 333 et sequitur immarkata bhala Dok LZZ bil-konnotati tal-appellant. Dan kien bizzejjed sabiex tigi kkonfermata l-identita' tal-appellant stante li l-att ta' akkuza tikkontjeni n-numru taghha u cioe' 15/2007, liema numru jinsab fuq is-sentenza esebita. Ma kienx hemm il-htiega li jittella sabiex jixhed ir-Registratur tal-Qorti sabiex jikkonferma dan.

Biss pero' ghalkemm stante li s-sentenza inghatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma hemmx dubju li hija res judicata, *ai fini* tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kellha titressaq prova ta' jekk din is-sentenza gietx skontata u meta giet skontata. Ghaldaqstant, il-Qorti lanqas ma setghet issib htija taht l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Filfatt kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'I**l-Pulizija v. Keith Camilleri'** [63]

> '*Ghalhekk jirrizulta li l-appellat sar recidiv a tenur ta' l- artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress illi mill- fedina penali msemmija ma jirrizultax li meta sehh il-kaz in ezami, l-appellat kien ghadu skonta l-piena nflitta bis- sentenza tat-22 ta' Frar 2006 – difatti mill-fedina penali jidher li l-multa ma thallsitx u giet konvertita f'sitt xhur prigunerija fis-sena 2007, mela wara l-kaz in ezami li sehh fid-9 ta' Novembru 2006 – l-artikolu 50*[64] *tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il- Pulizija v. Richard Edwards Matthew Catania Christopher Pace'**[65] inghad li:

> '*Fil-kaz kemm ta' l-appellat Matthew Catania kif ukoll ta' l- appellat Christopher Pace, is-sentenzi li dwarhom qieghed jigi allegat li saru recidivi fit-termini ta' l-artikolu 50 tal-Kap. 9 huma dawk li nghataw mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Marzu 2006 li permezz taghhom gew ikkundannati multa ta' Lm1,000 kull wiehed. Huwa minnu li meta l-appellati Catania u Pace ammettew – u dan kemm fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2006 (a fol. 96) kif ukoll fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2007 (a fol. 446) – huma ammettew inkondizzjonatament. Pero` jirrizulta lil din il-Qorti mir-rapporti esebiti mir- Registratur, illi l-multi mposti b'dawk iz-zewg sentenzi ghadhom mhux imhallsa u dan ghalhekk ifisser li l-piena mhijiex "skontata". Ifisser ukoll li setghu jinstabu hatja biss talli saru recidivi skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

---

[63] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Ottubru, 2010 (Appell Kriminali Numru: 178/2010)
[64] L-artikolu 50 tal-Kap. 9 jipprovdi: "Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l- piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor" (sottolinear ta' din il-Qorti). (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) tas-sentenza citata)

[65] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Ottubru, 2010 (Appell Kriminali Numru: 233/2010)

L-Ewwel Qorti fid-*decide* tas-sentenza appellata indikat l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Kif tajjeb issottometta l-appellant fl-appell tieghu, mis-sentenza u l-Att ta' Akkuza jirrizulta li huwa ma kienx akkuzat b'serq. Ghalhekk nonostante l-fatt li mill-fedina penali jirrizulta li l-appellant kien gieli instab hati tar-reat ta' serq, il-prova li kellha ssir kellha tkun bil-prezentata tas-sentenza u mhux sempliciment bil-prezentata tal-fedina penali. Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li sejra tikkonferma fejn il-Qorti sabet lill-appellant hati li huwa recediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, sejra tirrevoka fejn instabet htija taht l-artikoli 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ma sabitx htija tar-raba' (4) imputazzjoni u cioe' ta' ksur ta' kundizzjonijiet ta' digriet mill-helsien mill-arrest u ghalhekk mhijiex sejra tikkunsidra din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-appellant appella ukoll mill-piena. L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant John Mifsud ghal ghaxar (10) snin prigunerija, ordnat l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien ghaxar (10) snin, ordnat il-hlas ta' tlett mija u erba' ewro u tlett centezmi (304.03) rapprezentanti terz tal-ispejjez peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminal bhala kumpens ghal dak it-telf li soffra Lamin Jammeh ordnat li jikkumpensah fl-ammont ta' tmint elef ewro (€8000) u anke a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali poggiet lil hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex dan ikompli jindirizza bis-shih il-vizzju tad-droga. In oltre' ordnat il-konfiska tal-vettura Volskwagen Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE-008.

L-appellant jissottometti li jidher li l-Qorti ippenalizzat lill-appellant darbtejn tal-griehi sofferti mill-parte civile f'dan l-indicent. Li sabitu hati kemm ta' serq bil-vjolenza fuq il-persuna (ai termini tal-artikolu 262(1)(a) u l-artikolu 274(b)) u sabitu

wkoll hati tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Jissottometti li dan ghamlitu minghajr ma kkunsidrat il-fatt li tenut kont tac-cirkostanzi, se mai l-artikolu 216(1)(d) kien kompriz u involut fl-artikoli 262(1)(a) u 274(b) li taghhom fl-istess sentenza instab hati l-appellanti. Din il-Qorti taqbel mal-appellant li l-aggressjoni kienet mezz *ai fini* sabiex jigi kommess ir-reat ta' serq aggravat bi vjolenza u ghalhekk ma kellhiex tizdied il-piena ghal ksur tal-artikolu 216(1)(d) ukoll. L-appellant jaghmel ukoll referenza ghal fatt li l-ko-imputata Leanne Chalbi giet ikkundannata sitt (6) snin prigunerija. Dwar dan, din il-Qorti tqis li filwaqt li l-ko-imputati John Mifsud u Leanne Chalbi gew akkuzati b'akkuza komuni, l-appellant kellu akkuzi ohra migjuba kontrih filwaqt li l-ko-akkuzata Leanne Chalbi kellha akkuza ohra migjuba kontra taghha biss.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Ian Joseph Abdilla) Vs Anthony Cassar Bin il-mejjet Anthony u l-mejta Josephine nee' Caruana U Annabelle Camilleri nee' Monreal**[66] gie meqjus li:

> *'Illi l-piena erogata trid tkun tali illi taghmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u c-cirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:*
>
> ***(a) the punishment of offenders***
>
> ***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***
>
> ***(c) the reform and rehabilitation of offenders***
>
> ***(d) the protection of the public***
>
> ***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***
>
> *Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal- persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar- reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil*

[66] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Lulju, 2020 (Appell Numru: 113/2014)

*pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.*

***Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –***

***' .... The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'***

***Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal- piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –***

***'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'***

***Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –***

***'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[67]"'***

In kwantu l-iskop tal-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'**[68] fejn gie kkunsidrat li:

*'6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

[67] Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

[68] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 234 tal-2019)

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti*

*tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet **manifestament eċċessiva** meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva*

*tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**<u>aspett preventiv</u>** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **<u>qabel</u>** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**<u>aspett riedukattiv</u>** u **<u>rijabilitattiv</u>** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu*

*innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.*'

Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius datata t-2 ta' Lulju 2020 jirrizulta li l-appellant kellu l-vizzju tad-droga. Jirrizulta ukoll li fil-faciltia' korrettiva ta' Kordin jahdem bhala electrician fejn minn naha taghhom ma ghandhom problemi ta' xejn, dejjem jaghmel xoghlu, anke jekk tqabbdu xi haga li ma hijiex xoghlu jaghmilha ghax ma jghid xejn. In oltre' jirrizulta t-testijiet tal-urina li ttiehdu gewwa l-Agenzija stess irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti. Minn Dok 2 esebit mas-Social Enquiry Report jirrizulta li dawk it-testijiet indikati fil-lista li ttiehdu fis-sena elfejn u tmintax (2018), elfejn u dsatax (2019) u elfejn u ghoxrin (2020) it-testijiet irrizultaw fin-negattiv. Jirrizulta anke mix-xhieda ta' Alexander Dalli bhala direttur tal-habs moghtija fit- 30 ta' April, 2020 fejn kien qieghed jixhed in segwit ta' talba tal-appellant ghal riduzzjoni fid-depozitu impost f'digriet ghal helsien mill-arrest u talba biex ikun fil-possibilita' li jimxi ghal Fondazzjoni RISE xehed kif '*s-Sinjur hawnekk bhal 700 prigunier iehor ghandu imgieba impekkabbli jigifieri bhal 700 ohra*'.

Mill-behaviour report immarkat bhala Dok. 5 anness a fol 503 anness mas-Social Enquiry Report jirrizulta li kien hemm hames rapporti u cioe' ta' '*FIGHTS WITH ANY PERSON*' fejn bhala decizjoni tnizzel '*R & A*', '*IS DISRESPECTFUL TO ANY PRISON OFFICER OR ANY OTHER VERSON VISITING THE PRISON*' fejn bhala decizjoni

tnizzel 'FOR BOTH REPORTS', '*ASSAULTS ANY PERSON*' fejn bhala decizjoni tnizzel '*SENT TO DIV 6*', '*HAS IN HIS POSSESSION ANY PROHIBITED OR UNAUTHORISED ARTICLE OR HAS IN HIS POSSESSION A GREATER QUANT*' fejn bhala decizjoni tnizzlet 'T.V. CONFISCATED' u 'FIGHTS WITH ANY PERSON' fejn bhala decizjoni tnizzel '10 DAYS CELL CONFINEMENT'.

L-Ewwel Qorti qieset li l-fedina penali ta' Mifsud hija kkulurita w twila. Il-Qorti filwaqt li wiznet u tat piz dovut ghax-xhieda tal-ufficjal tal-probation u ghas-social enquiry report maghmul minnu, ma setghetx ma tikkunsidrax l-ghemil vjolenti, bla qalb u inuman ta' John Mifsud li ma hasibiex darbtejn ikaxkar persuna li ghadu kemm gie misruq minnu u jibqa jsuq bih imqabbad mal-vettura. Ghalhekk certament li piena karcerarja hija wahda idonea.

Din il-Qorti izda tenut kont tal-fatt li tqis li l-ikkawzar tal-griehi u cioe' l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontrih wahda u kienet mezz ai fini sabiex tigi kommessa s-serqa u ghalhekk hija kompriza u involuta fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra l-ko-imputati u l-fatt li din il-Qorti qieghda tirrevoka fejn instabet htija taht l-artikoli 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sejra tirriduci l-piena ta' ghaxar (10) snin prigunerija ghal tmien (8) snin prigunerija. Sejra ukoll tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat l-iskwalifika lill-appellant minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien ghaxar (10) snin u minflok tordna tali skwalifika ghal zmien tmien (8) snin mil-lum.

Qieghda tikkonferma fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti ordnat lil hati ihallas l-ammont ta' tlett mija u erba' ewro u tlett centezmi (€304.03) rapprezentanti terz tal-ispejjez pertali, fejn kienu eskluzi l-ispejjez ta' Dr. Lennox Vella. Ma jirrizultax car ghal liema spejjez l-appellant gie ORDNAT ihallas, biss pero' meta wiehed jghodd l-ispejjez relatati mal-inkarigu ta' Keith Caruana a fol 212 fl-ammont ta' tlett mija u disgha u hamsin ewro u disa' centezmi (€359.09)[69], tar-rapport tas-Scene of Crime Officers WPS 293 Michelle Camilleri u PS 586 Mario Azzopardi a fol 247 fl-ammont ta' mitejn u sitt ewro u tnejn u tmenin centezmi (€206.82), u tar-rapport ta' Dr Mario Scerri immarkat bhala Dok MS a fol 328 fl-ammont

[69] Izda mhux tal-kopja tar-rapport a fol 572 stante li l-Qorti fis-seduta tas- 7 ta' Ottubru (2020 qieset li l-ispejjez ta' Dok KC copy kellu jkun a karigu taRegistratur.

ta' tlett mija u sitta u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€346.20) dawn jammontaw ghal disa' mija u tnax-il ewro u hdax-il centezmu (€912.11) li terz taghhom jammontaw ghal tlett'mija u erba' ewro u tlett centezmi (€304.03) kif ordnat l-Ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li l-Ewwel Qorti ma ordnatx il-hlas tal-ispejjez ta' Dr Lennox Vella, Mr Raymond Gatt u ta' Dr Marisa Cassar u ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tikkundanna lill-imputat ghal hlas taghhom Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkonferma l-hlas tal-ispejjez kif ordnati mill-Ewwel Qorti.

Tikkonferma ukoll fejn poggiet lill-appellant taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex ikompli jindirizza bis-shih il-vizzju tad-droga.

In kwantu l-ordni ai termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala kumpens ghat-telf li soffra Lamin Jammeh, din il-Qorti qieghda tirrevoka l-ordna ghal kumpens ta' tmint elef ewro (€8,000) u minflok tordna li l-appellant jikkumpensa lil Lamin Jammeh l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) u dan in vista tal-fatt ta' dak misruq, tal-ferita li sofra l-parte civile u l-fatt in vista li l-ko-imputati ukoll gew ordnati ihalsu kumpens lill-parte civile, tqis li ammont idoneju f'kumpens li ghandu jithallas mill-appellant ghandu jkun dak ta' tlett elef ewro (€3,000).

In vista tal-fatt li mill-atti jirrizulta li l-vettura Volskwagen Beetle ma tghajjatx lill-appellant John Mifsud izda lil ko-imputat Noel Borg, din il-Qorti f'din is-sentenza sejra tirrevoka l-ordni ghal konfiska tal-vettura Volskwagen Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE-008.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell billi filwaqt li tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant John Mifsud hati tal-ewwel imputazzjoni fejn il-valur tar-res furtiva kien ta' madwar elfejn ewro (€2000), tikkonferma ukoll il-htija tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontrih wahdu fejn il-Qorti sabet htija offiza ta' natura gravi ai termini tal-aritkolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali izda tqis din l-imputazzjoni bhala mezz ai fini sabiex jigi kommess ir-reat soggett ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-ko-imputati kollha. Tikkonferma ukoll il-htija tat-tieni (2) imputazzjoni kif ukoll tikkonferma l-htija tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu wahdu izda limitatament ghall-

artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tirrevoka fejn sabet htija taht l-artikolu 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta migjuba fil-konfront tal-appellant John Mifsud wahdu u tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti illiberatu mir-raba' (4) imputazzjoni migjuba kontra tieghu wahdu.

Tirrevoka fejn ikkundannat lill-appellant ghal ghaxar (10) snin prigunerija u minflok tikkundannah ghal tmien (8) snin prigunerija. Tirrevoka ukoll fejn ai termini tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali bhala kumpens ghal dak it-telf li soffra Lamin Jammeh, vita ta' serq bi vjolenza kif ukoll ghall-offiza gravi kawzata mill-imputat Mifsud ordnat lill-imputat jikkumpensa lil Lamin Jammeh fl-ammont ta' tmint' elef ewro (€8,000) u minflok ai termini ta' dan l-istess artikolu tordna lill-appellant sabiex jikkumpensa lil Lamin Jammeh tlett elef ewro (€3,000) stante li kien l-imputat Mifsud li kien qed isuq l-karozza meta sehhew dawn ir-reati.

Din l-ordni ghandha l-istess forza u hija ezegwibbli bl-istess mod bhalli kieku nghatat f'kawza civili bejn l-imputat u l-parte leza.

Din il-Qorti tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ihallas ai termini tal-**artikolu 533 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta tlett mija u erba' ewro u tlett centezmi (€304.03) rapprezentanti terz tal-ispejjez peritali kif indikat f'din is-sentenza.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali fejn poggiet lil hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex dan ikompli jindirizza bis-shih l-vizzju tad-droga u tawgura li jkompli jirregistra progress fl-andament tieghu.

Din il-Qorti tirrevoka l-ordni ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali fejn ordnat il-konfiska tal-vettura Volkswagen Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE-008 u dan stante li din il-vettura tghajjat lil ko-imputat Noel Borg li fis-sentenza li qieghda tinghata fil-konfront ta' Noel Borg qieghda tigi konfermata l-ordni ghal konfiska tal-vettura Volkswagen Beetle.

'Din il-Qorti qieghda tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir- Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat pero qeghda tnaqqas dan il-perjodu min ghaxar (10) snin ghal ghal zmien ta' tmien (8) snin.

Is- sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.'

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur